IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.5.2018
COM(2018) 302 final

2018/0152 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [ir-Regolament tal-Interoperabilità], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI

{SEC(2018) 236 final} - {SWD(2018) 195 final} - {SWD(2018) 196 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Sfond tal-proposta**

Sa mill-2011, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)[1] intużat bħala s-soluzzjoni teknoloġika li tiffaċilita l-proċedura tal-viżi għal soġġorn qasir u li tgħin lill-awtoritajiet tal-viżi, tal-fruntieri, tal-ażil u tal-migrazzjoni biex jiċċekkjaw malajr u b'mod effettiv l-informazzjoni neċessarja dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu viża biex jivvjaġġaw lejn l-UE. Il-VIS tikkollega l-konsulati tal-Istati Membri madwar id-dinja u l-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni kollha tagħhom. Is-sistema twettaq tqabbil bijometriku, primarjament tal-marki tas-swaba', għal skopijiet ta' identifikazzjoni u verifikazzjoni.

Kif mistqarr fil-Komunikazzjoni dwar l-adattament tal-politika komuni dwar il-viżi għal sfidi ġodda[2], il-politika komuni tal-UE dwar il-viżi[3] hija parti essenzjali mill-*acquis* ta' Schengen. Il-politika dwar il-viżi hija, u jenħtieġ li tibqa', għodda biex tiffaċilita t-turiżmu u n-negozju, filwaqt li jiġu evitati r-riskji ta' sigurtà u r-riskju ta' migrazzjoni irregolari lejn l-UE. Filwaqt li l-prinċipji fundamentali tal-ipproċessar tal-viżi qatt ma ġew riveduti sa mid-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi dwar il-Viża[4] fl-2010 u l-VIS fl-2011, l-ambjent li fih topera l-politika dwar il-viżi nbidlet drastikament. F'dawn l-aħħar snin, l-isfidi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà biddlu d-dibattitu politiku dwar iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni b'mod ġenerali, u, l-politika dwar il-viżi b'mod partikolari, u ġagħlu lill-UE twettaq valutazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ bejn il-migrazzjoni u kwistjonijiet ta' sigurtà, dawk ekonomiċi u relazzjonijiet esterni ġenerali.

Fil-Komunikazzjoni dwar l-ippreservar u t-tisħiħ ta' Schengen[5] il-Kummissjoni diġà stqarret li f'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, theddidiet transkonfinali li jaffettwaw il-politika pubblika jew is-sigurtà interna huma kwistjoni ta' interess komuni. In-nuqqas ta' kontrolli fuq il-fruntieri interni kienet akkumpanjata minn miżuri fuq il-fruntieri esterni, il-politika dwar il-viżi, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, il-protezzjoni tad-*data*, il-kooperazzjoni bejn il-pulizija, il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u l-politiki dwar id-drogi.

Fl-istess ħin, żviluppi teknoloġiċi sinifikanti qed jipprovdu opportunitajiet ġodda biex jagħmlu l-ipproċessar tal-viżi aktar faċli kemm għall-applikanti kif ukoll għall-konsulati. Peress li l -VIS hija komponent importanti tal-qafas sottostanti tal-politika dwar il-viżi, din il-proposta tikkumplimenta l-proposta reċenti li temenda l-Kodiċi dwar il-Viżi ppreżentat mill-Kummissjoni fl-14 ta' Marzu 2018[6]. Il-VIS hija parti integrali tal-approċċ tal-Kummissjoni biex timmaniġġja d-*data* għall-fruntieri, il-migrazzjoni u s-sigurtà. Għandha l-għan li tiżgura li l-gwardjani tal-fruntieri, l-uffiċjali

---

1 Kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 (ir-Regolament VIS), ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.

2 COM(2018) 251 finali.

3 Il-politika komuni dwar il-viżi hija sett ta' regoli armonizzati li jirregolaw aspetti differenti: (i) "il-listi tal-viża" komuni ta' pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom jeħtieġu viża biex jivvjaġġaw lejn l-UE u dawk li huma eżentati minn dik il-ħtieġa; (ii) il-Kodiċi dwar il-Viżi li jistabbilixxi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir; (iii) il-format uniformi għall-istiker tal-viża; u (iv) is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), li fiha l-applikazzjonijiet tal-viża u d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri huma rreġistrati, inkluż id-*data* personali tal-applikanti, ir-ritratti u l-marki tas-swaba'.

4 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, tal-15.9.2009.

5 COM(2017) 570 finali.

6 COM(2018) 252 finali tal-14 ta' Marzu 2018.

tal-infurzar tal-liġi, l-uffiċjali tal-immigrazzjoni u l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom l-informazzjoni li jeħtieġu biex jipproteġu aħjar il-fruntieri esterni tal-UE, jimmaniġġjaw il-migrazzjoni u jtejbu s-sigurtà interna għaċ-ċittadini kollha. F'Diċembru 2017 il-Kummissjoni pproponiet ir-regoli dwar l-interoperabilità bejn is-sistemi tal-informazzjoni tal-UE[7] biex dawn jaħdmu flimkien b'mod aktar intelliġenti u effiċjenti.

Fl-2016 ir-Regolament tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)[8] stabbilixxa li s-sistemi tal-EES u l-VIS jistgħu jkunu interoperabbli bis-sħiħ sabiex jipprovdu stampa sħiħa tal-istorja tal-applikazzjoni għal viża ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi billi tiżdied informazzjoni dwar kif dawn jużaw il-viżi tagħhom. Il-proposta dwar it-twaqqif ta' qafas għal interoperabilità bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE dwar fruntieri u viżi temenda r-Regolament tal-VIS biex jistabbilixxi l-VIS bħala parti minn pjattaforma unika, flimkien mal-EES u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), li fuqha tinbena l-interoperabilità. Id-detettur ta' identitajiet multipli introdott mill-proposta dwar l-interoperabilità se jagħmilha aktar faċli li jinqabdu identitajiet multipli u biex tiġi miġġielda l-frodi tal-identità. Id-detettur awtomatikament jinnotifika lill-awtorità tal-viża li qed tipproċessa applikazzjoni jekk l-applikant ikun magħruf b'identitajiet differenti sabiex l-awtorità tkun tista' tieħu l-azzjoni adegwata. Ladarba s-sistemi ġodda ta' informazzjoni jkunu qed joperaw u l-interoperabilità bejniethom tkun aċċertata, jiżdiedu ħafna l-possibbiltajiet biex l-uffiċjali li jipproċessaw il-viżi jwettqu verifiki rapidi tal-preċedenti personali dwar l-applikanti. Permezz tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), ikunu jistgħu jsiru tfittxijiet waħdanin biex jingħataw riżultati minn sistemi differenti. Dan se jgħin biex tiżdied is-sigurtà taż-żona mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri interni. Il-leġiżlazzjoni dwar l-ipproċessar tal-viżi teħtieġ li tiġi emendata biex jinkiseb dan l-objettiv. L-emendi għandhom, b'mod partikolari, jinkludu l-obbligu għall-awtoritajiet tal-viżi biex awtomatikament jikkonsultaw id-detettur ta' identitajiet multipli kif ukoll bażijiet tad-*data* oħrajn meta jwettqu l-valutazzjonijiet tas-sigurtà u migratorji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal viża għal żjara qasira.

Ġiet identifikata lakuna fl-informazzjoni fil-livell tal-UE fejn jidħlu d-dokumenti li jippermettu li ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu fiż-żona ta' Schengen għal perjodu ta' żmien ta' aktar minn 90/180 jum: viżi għal soġġorn twil, permessi ta' residenza u karti ta' residenza (Rapport Finali tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u interoperabilità - HLEG[9] - ta' Mejju 2017[10]). Il-Kunsill[11] stieden lill-Kummissjoni biex twettaq studju tal-fattibbiltà dwar it-twaqqif ta' repożitorju ċentrali tal-UE li jkun fih informazzjoni dwar viżi għal soġġorn twil, karti ta' residenza u permessi ta' residenza. L-istudju[12] ġie ffinalizzat f'Settembru 2017 u kkonkluda li repożitorju bħala parti mill-VIS kieku jipprovdi s-soluzzjoni l-aktar fattibbli f'termini ta' sigurtà tal-IT, faċilità ta' implimentazzjoni u kosteffettività. Twettaq studju ta' segwitu dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità li l-VIS tiġi estiża biex tinkludi *data* dwar viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta' residenza[13].

---

7 COM(2017) 793 finali.

8 Ir-Regolament (UE) Nru 2226/2017 li jistabbilixxi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) tad-9 ta' Diċembru 2017, ĠU L 327, p. 20.

9 Il-Grupp ta' esperti ta' livell għoli twaqqaf mill-Kummissjoni f'Ġunju 2017, bħala korp konsultattiv għat-titjib tal-arkitettura tal-ġestjoni tad-*data* tal-UE għall-kontroll tal-fruntieri u tas-sigurtà. Ir-rapport finali tiegħu ġie adottat fil-11 ta' Mejju 2017.

10 http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=32600&no=1

11 http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10151-2017-INIT/mt/pdf

12 https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/docs/pages/201709_ibm_feasibility_study_final_report_en.pdf

13 Studju ta' appoġġ "Analiżi legali dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) biex tinkludi *data* dwar viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta' residenza" (2018).

Minbarra l-ħidma dwar l-interoperabilità mnedija minn April 2016 biex jinħolqu sistemi ta' informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-fruntieri u s-sigurtà, fl-2016 twettqet evalwazzjoni ġenerali tal-VIS[14]. Il-valutazzjoni studjat speċifikament l-idoneità għall-iskop, l-effiċjenza, l-effikaċja u l-valur miżjud tas-sistema għall-UE. Sabet li l-VIS tissodisfa l-objettivi u l-funzjonijiet tagħha u tibqa' waħda mis-sistemi l-aktar avvanzati tat-tip tagħha, iżda minħabba sfidi ġodda fil-ġestjoni tal-viżi, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, dan fisser li ħtieġet żvilupp addizzjonali f'għadd ta' oqsma speċifiċi.

Fis-17 ta' April 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta[15] dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti ta' residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE. Minħabba din il-proposta, mhux meħtieġ li karti ta' residenza bħal dawn jiġu inklużi fil-VIS.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-VIS ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni 2004/512/KE u l-iskop, il-funzjonalitajiet u r-responsabbiltajiet huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 767/2008 (ir-Regolament VIS). Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 (il-Kodiċi dwar il-Viżi) jistabbilixxi r-regoli dwar ir-reġistrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi fil-VIS. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Europol jistgħu jiksbu aċċess biex jikkonsultaw il-VIS għall-finijiet tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra.

Din il-proposta hija mingħajr ħsara għad-Direttiva 2004/38/KE[16]. Il-proposta f'ebda mod ma temenda d-Direttiva 2004/38/KE.

- **Objettivi tal-proposta**

L-objettivi ġenerali ta' din l-inizjattiva jikkorrispondu mal-objettivi bbażati fuq it-Trattat għat-titjib tas-sigurtà fi ħdan l-UE u mal-fruntieri tagħha, għall-iffaċilitar tad-dritt ta' vjaġġaturi leġittimi li jaqsmu l-fruntiera esterna, u li jiċċaqilqu u joqogħdu liberament f'żona mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri interni, u l-iffaċilitar tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' Schengen. Dawn l-objettivi huma elaborati f'aktar dettall fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u fil-komunikazzjonijiet sussegwenti, inklużi l-Komunikazzjoni dwar l-ippreservar u t-tisħiħ ta' Schengen[17], l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà[18], ir-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni biex titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina u l-Komunikazzjoni dwar l-adattament ta' politika komuni dwar il-viża għal sfidi ġodda[19].

L-objettivi speċifiċi ta' din il-proposta huma li:

(1) tiffaċilita l-**proċedura tal-applikazzjoni għal viża**;

(2) tiffaċilita u ssaħħaħ il-kontrolli mal-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni u fit-territorju tal-Istati Membri;

---

14 COM(2016) 655.

15 COM(2018) 212 final.

16 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

17 COM(2017) 570 finali.

18 COM(2015) 185 finali.

19 COM(2018) 251 finali.

(3) ittejjeb is-sigurtà interna taż-żona ta' Schengen billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza.

Iridu jintlaħqu wkoll għadd ta' objettivi anċillari:

(4) tiffaċilita l-verifiki tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, fit-territorju ta' Stat Membru, mill-awtoritajiet tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi;

(5) tagħmilha aktar faċli li **jiġu identifikati persuni neqsin**;

(6) **tgħin fil-proċess tal-identifikazzjoni u r-ritorn** ta' kwalunkwe persuna li jista' jkun ma tissodisfax, jew ma tibqax tissodisfa aktar, il-kundizzjonijiet biex tidħol, toqgħod jew tgħix fl-Istati Membri;

(7) tgħin lill-**awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jaċċessaw** *data* ta' applikanti għal u detenturi ta' viżi għal soġġorn qasir (li diġà huwa possibbli taħt ir-regoli kurrenti), u biex dan l-aċċess jiġi estiż għal detenturi ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, fejn meħtieġ għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif jew il-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja u terroriżmu, filwaqt li jiġu żgurati standards għoljin tal-protezzjoni u l-privatezza tad-*data*;

(8) tiġbor statistika b'appoġġ għal tfassil ta' politika tal-migrazzjoni tal-Unjoni Ewropea bbażata fuq l-evidenza.

2. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex-post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2016 twettqet evalwazzjoni REFIT[20] tal-VIS u din wasslet għal għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex jittejjeb il-funzjonament tas-sistema. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu l-bażi għal din il-proposta.

B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni tal-VIS uriet li s-sistema hija effettiva biex tilħaq l-objettivi tagħha. Madankollu, uriet ħtieġa li l-VIS tiġi żviluppata aktar biex twieġeb aħjar għall-isfidi l-ġodda fil-politiki dwar il-viżi, il-fruntieri u s-sigurtà. Dan jista' jsir bl-interkonnessjoni ma' sistemi tal-IT eżistenti u futuri u billi jiġu esplorati modi sabiex l-informazzjoni dwar viżi għal soġġorn twil, inkluż il-bijometrika, tiġi rreġistrata fil-VIS. L-evalwazzjoni wriet ukoll il-ħtieġa għal titjib, b'mod partikolari b'relazzjoni mal-monitoraġġ tal-kwalità tad-*data* u l-produzzjoni ta' statistika.

Il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet identifikati mill-evalwazzjoni kienu ta' natura teknika u jservu biex jallinjaw aktar is-sistema mal-proposti leġiżlattivi l-ġodda f'dan il-qasam. Dawn jirrigwardaw prinċipalment:

1) it-titjib tal-kwalità tad-*data*;

2) l-integrazzjoni tal-funzjonalità VISMail fil-VIS;

[20] COM(2016) 655, SWD(2016) 327, SWD(2016) 328.

3) iċ-ċentralizzazzjoni tal-funzjonijiet ta' konsultazzjoni u rappreżentazzjoni;

4) il-provvediment ta' appoġġ għall-għarfien tal-immaġni tal-wiċċ jew l-użu ta' marki tas-swaba' latenti; u

5) it-twaqqif ta' strument għar-rappurtar u l-istatistika bbażat fuq id-*data* tal-VIS.

Bejn Ottubru 2016 u Lulju 2017, eu-LISA wettqet studju dwar l-impatti tekniċi previsti kollha li jirriżultaw mill-evalwazzjoni tal-VIS. Għaldaqstant valutazzjoni ddettaljata tal-impatt ta' dan it-titjib tekniku ma kinitx meħtieġa.

Madankollu, bosta kwistjonijiet li ġew identifikati fl-evalwazzjoni ħtieġu mhux biss analiżi teknika, iżda wkoll analiżi addizzjonali tas-soluzzjonijiet possibbli li jistgħu jindirizzawhom u l-impatti tagħhom:

- id-diffikultajiet biex jitlestew il-proċeduri biex jiġu rritornati l-migranti irregolari lejn il-pajjiżi tal-oriġini tagħhom jekk id-dokumenti tal-ivvjaġġar huma neqsin;
- ir-riskji tal-migrazzjoni irregolari u l-frodi ta' viżi, b'mod partikolari t-traffikar ta' bnedmin u abbuż ieħor li jinvolvi tfal taħt it-12-il sena, meta japplikaw għal viża;
- id-diffikultajiet għall-awtoritajiet tal-fruntieri jew tal-migrazzjoni biex jivverifikaw viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza u d-detenturi tagħhom;
- il-lakuna fl-informazzjoni dwar il-verifiki għal migrazzjoni irregolari u r-riskji tas-sigurtà meta jkunu qed jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet għal viża.
- il-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà meta jiġu pproċessati l-viżi biex awtomatikament jiġu kkonsultati bażijiet tad-*data* oħrajn fil-qasam tas-sigurtà u l-fruntieri. Din għandha tqis l-iżviluppi sa mill-evalwazzjoni tal-2016 dwar is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni u s-sigurtà tal-fruntieri u tiżgura konformità mal-proposti tal-Kummissjoni (EES) adottati riċentement u żviluppi u sistemi proposti ġodda (riformulazzjoni tal-proposta Eurodac, ETIAS, ECRIS-TCN, interoperabilità).

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

L-Anness 2 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din jagħti deskrizzjoni ddettaljata tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Il-Kummissjoni ordnat tliet studji indipendenti: wieħed dwar il-fattibbiltà, il-ħtieġa u l-proporzjonalità li titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għat-tfal fil-proċedura tal-viża u dwar il-ħażna ta' kopja tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikanti għal viża fil-VIS, u żewġ studji dwar il-fattibbiltà u dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità li l-VIS tiġi estiża biex tinkludi *data* dwar il-viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta' residenza (jiġifieri permessi ta' residenza u karti ta' residenza). Dawn l-istudji involvew ukoll konsultazzjonijiet immirati tal-partijiet interessati kkonċernati, inklużi awtoritajiet nazzjonali li għandhom aċċess biex jinserixxu, jemendaw, iħassru jew jikkonsultaw *data* fil-VIS, awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-migrazzjoni, ir-ritorn, awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal, il-pulizija u awtoritajiet kontra t-traffikar, awtoritajiet responsabbli għall-affarijiet konsulari, u awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-kontrolli fil-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni. Ġew ikkonsultati wkoll diversi awtoritajiet mhux tal-UE u organizzazzjonijiet mhux governattivi involuti fid-drittijiet tat-tfal.

Fl-2017-2018, il-Kummissjoni wettqet żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa, l-ewwel waħda mis-17 ta' Awwissu 2017 sad-9 ta' Novembru 2017 dwar il-kwistjoni li titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għat-tfal fil-proċedura tal-viża u t-tieni waħda mis-17 ta' Novembru 2017 sad-9

ta’ Diċembru 2018 dwar li tiġi estiża l-VIS biex tinkludi *data* dwar il-viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta’ residenza.

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-fehmiet tiegħu dwar il-kwistjoni li titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba’ għat-tfal fid-9 ta’ Novembru 2017 u dwar il-kwistjoni li l-VIS tiġi estiża biex tinkludi *data* dwar viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta’ residenza fid-9 ta’ Frar 2018.

Il-KEPD u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali taw il-fehmiet tagħhom dwar aspetti varji tal-proposta waqt intervisti mmirati bħala parti mill-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati mwettqa fit-tħejjija tal-valutazzjoni tal-impatt.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fl-2018 twettqet valutazzjoni tal-impatt[21] li ffokat fuq dawn il-kwistjonijiet li jeħtieġu aktar valutazzjoni biex titfassal din il-proposta. Kienet ibbażata fuq it-tliet studji indipendenti ordnati mill-Kummissjoni u li twettqu fl-2017 u fl-2018. Ġew meqjusa wkoll ir-riżultati tal-istudju ta’ eu-LISA dwar il-fattibbiltà teknika tal-iżviluppi kollha possibbli tal-VIS, li twettaq f’Novembru 2016 u fi Frar 2017, u l-istudju tal-fattibbiltà dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri għal persuni mhux irreġistrati fl-EES (l-istudju tal-ETIAS).

Il-valutazzjoni tal-impatt studjat għażliet alternattivi għal:

- l-inklużjoni ta’ kopja diġitali tad-dokument tal-ivvjaġġar fil-VIS (b’mod ċentralizzat jew deċentralizzat), fejn jiġu kkunsidrati żewġ subgħażliet: li tinħażen biss il-paġna bijografika jew li jinħażnu l-paġni użati kollha tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikant;

- li titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba’ tat-tfal, fejn jiġu kkunsidrati żewġ subgħażliet: li titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba’ għal sitt snin jew titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba’ biex jiġu inklużi l-etajiet kollha;

- li tiġi inkluża *data* dwar viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta’ residenza fil-VIS, bl-għażliet leġiżlattivi li jinkludu aktar armonizzazzjoni u li d-dokumenti għal soġġorn twil u ta’ residenza jiġu maħżuna kif xieraq; li tinħoloq interkonnessjoni bejn il-bażijiet tad-*data* nazzjonali li tippermetti lill-Istati Membri kollha biex ifittxu l-bażijiet tad-data nazzjonali rilevanti ta’ xulxin; id-dokumenti jiġu integrati fil-VIS b’*data*, jew mingħajrha, dwar applikazzjonijiet li ġew irrifjutati;

- li jiġi żgurat li jsiru verifiki awtomatizzati tal-migrazzjoni u tas-sigurtà fil-bażijiet tad-*data* disponibbli.

Din il-proposta ssegwi l-għażliet ippreferuti tal-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-ewwel waħda (li tinħażen kopja tal-paġna bijografika tad-dokument tal-ivvjaġġar), it-tieni waħda (titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba’ għal sitt snin) u r-raba’ miżura t’hawn fuq. Fir-rigward tal-inklużjoni ta’ viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta’ residenza fil-VIS, informazzjoni dwar il-karti ta’ residenza maħruġa lill-membri tal-familja ta’ ċittadini tal-UE bid-dritt tal-moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni mhix inkluża f’din il-proposta minħabba d-drittjiet ta’ dawn iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jidderivaw mir-relazzjoni tal-familja tagħhom ma’ ċittadin tal-UE. Barra minn hekk, il-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni fis-17 ta’ April 2018 saħħet is-sikurezza ta’ karti ta’ residenza bħal dawn.

[21] SWD(2018) 195.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) irreveda l-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt u ta opinjoni pożittiva fit-23 ta' April 2018.

3. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Sommarju tal-azzjonijiet proposti**

L-iskop, il-funzjonalitajiet u r-responsabbiltajiet tal-VIS għandhom jiġu ddefiniti aktar biex tiġi kkunsidrata l-espansjoni tas-sistema biex tinkludi *data* relatata mad-detenturi ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza. Din il-VIS għandha tiġi estiża wkoll sabiex il-kategoriji ta' *data* fuq l-applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn qasir jinkludu l-ħażna ta' kopji tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, u għandha tintegra funzjonalitajiet ġodda bħar-repożitorju għar-rappurtar u l-istatistika jew il-VISMail[22]. Dan ifisser li għandhom jiġu emendati r-regoli li jistabbilixxu l-proċedura għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża fil-Kodiċi dwar il-Viżi. L-aċċess għall-VIS tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u tal-Europol ġie stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI. Din id-Deċiżjoni, li .tmur lura qabel it-Trattat ta' Lisbona, irregolat l-aċċess għall-infurzar tal-liġi fil-qafas ta' dak li kien imsejjaħ it-"tielet pilastru" tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Peress li dan it-"tielet pilastru" m'għadux jeżisti bħala tali fit-Trattati kurrenti, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proposta kurrenti tipprovdi l-opportunità li l-kontenut ta' din id-Deċiżjoni jiġi integrat fir-Regolament tal-VIS. Peress li l-VIS se tiġi estiża biex tinkludi informazzjoni dwar viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, l-iżvilupp addizzjonali meħtieġ u t-tmexxija operattiva tas-sistema se jiġu fdati lill-Aġenzija għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA).

Konsegwentement, ikunu jinħtieġu li jsiru emendi għar-Regolament (KE) Nru 810/2009 (il-Kodiċi dwar il-Viżi), ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226 (ir-Regolament tal-EES), ir-Regolament (UE) XX [ir-Regolament dwar l-Interoperabilità] u r-Regolament (UE) 2016/399 (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

L-objettivi ewlenin ta' din il-proposta jistgħu jinġabru fil-qosor hekk kif ġej:

Jingħalqu l-lakuni ta' informazzjoni li fadal għall-fruntieri u għas-sigurtà: ikunu inklużi l-viżi għal soġġorn twil u d-dokumenti ta' residenza fil-VIS

Ir-rapport finali tal-Grupp ta' esperti ta' livell għoli[23] identifika lakuna fl-informazzjoni fil-livell tal-UE fejn jidħlu d-dokumenti li jippermettu li ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE speċifiku għal aktar minn 90 jum fi kwalunkwe 180 jum[24]. Id-*data* dwar dawn id-dokumenti u d-detenturi tagħhom bħalissa mhix miġbura u d-*data* ma tkunx tista' tiġi vverifikata permezz ta' xi waħda mis-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u tas-sigurtà (minbarra s-SIS, sa ċertu punt). L-Istati Membri jikkunsidraw li l-ġestjoni kurrenti ta' dawn id-dokumenti tista' xxekkel il-qsim tal-fruntieri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-moviment liberu sussegwenti tagħhom fiż-żona mingħajr kontrolli mal-fruntieri interni.


---

22 Taħt l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, il-VISMail huma mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni u konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri, ibbażat fuq l-infrastruttura tal-VIS.

23 Il-Grupp ta' esperti ta' livell għoli twaqqaf mill-Kummissjoni f'Ġunju 2017, bħala korp konsultattiv għat-titjib tal-arkitettura tal-ġestjoni tad-*data* tal-UE għall-kontroll tal-fruntieri u tas-sigurtà. Ir-rapport finali tiegħu ġie adottat fil-11 ta' Mejju 2017.

24 Pereżempju, viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta' residenza (inklużi kemm il-permessi ta' residenza kif ukoll il-karti ta' residenza).

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġejjin fl-UE għal soġġorn twil huma l-unika kategorija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex koperti minn ebda waħda mis-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE (kif muri fil-figura t'hawn taħt). L-inklużjoni ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza fil-VIS tiżgura li informazzjoni dwar dawn id-dokumenti u d-detenturi tagħhom hija inkluża f'waħda mis-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE, u taħt l-istess regoli bħal dawk għal dokumenti maħruġa lilhom kemm taħt kundizzjonijiet mingħajr viża (id-*data* tinsab diġà f'ETIAS u l-EES) u dawk li jeħtieġu viża (ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġejjin għal soġġorn qasir, li d-*data* tagħhom diġà tinsab fil-VIS u l-EES). Għaldaqstant l-awtoritajiet tal-Istati Membri, għajr l-awtorità emittenti, jkunu jistgħu jiċċekkjaw dak id-dokument u d-detentur tiegħu mal-fruntieri jew fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri.



Bl-iffaċilitar ta' skambju ta' informazzjoni sistematiku u aħjar fost l-Istati Membri dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, il-VIS tista' tgħin biex ittejjeb is-sigurtà interna taż-żona Schengen. Jekk ir-rekords ta' soġġorni twal jew permessi ta' residenza jitqiegħdu f'sistema ċentrali u jkunu aċċessibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-Istati Membri, kull Stat Membru jkun jista' jagħmel valutazzjoni aktar preċiża u imparzjali tar-riskju tas-sigurtà, abbażi tar-rekords li jinstabu fis-sistema meta jiċċekkjaw id-detenturi tad-dokumenti fil-postijiet tal-qsim tal-fruntiera u fit-territorju tal-Istati Membri.

Barra minn dan, l-inklużjoni ta' dawn id-dokumenti f'sistema ċentralizzata tgħin biex tinkixef frodi marbuta mal-kisba ta' dokumenti awtentiċi abbażi ta' dokumenti oriġinaturi foloz.

Bl-iffaċilitar ta' skambju ta' informazzjoni sistematiku u aħjar fost l-Istati Membri jitnaqqas ukoll il-piż amministrattiv u jingħeleb l-ostakolu tal-lingwa meta jiġi kkuntattjat Stat Membru ieħor biex tiġi vverifikata l-awtentiċità ta' dokument ippreżentat minn ċittadin ta' pajjiż terz.

Meta jkun qed jiġi deċiż jekk tinħariġx jew tiġix estiża viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza, jitnedew għadd ta' verifiki awtomatizzati permezz tal-komponenti tal-interoperabilità (l-ESP) biex jinkixef jekk xi bażi tad-*data* tal-UE jew tal-Interpol fihiex kwalunkwe evidenza li l-persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà ta' wieħed mill-Istati Membri. L-Istat Membru li joħroġ id-dokument irid isegwi kwalunkwe hit skont liġijiet eżistenti tal-UE u nazzjonali.

Titjib tal-verifiki fl-ipproċessar tal-viża bl-użu tal-interoperabilità

Skont ir-regoli eżistenti, il-konsulati huma obbligati biss li jivverifikaw lil vjaġġaturi b'obbligu ta' viża fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen biex jiddeterminaw jekk applikant għal viża hux suġġett għal projbizzjoni fuq id-dħul. Bħalissa ma hemm l-ebda obbligu li jivverifikaw l-applikanti


għal viża kontra xi bażi tad-data oħra disponibbli tal-UE (pereżempju EURODAC), jew mal-bażi tad-*data* tal-Interpol ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin u mal-bażi tad-data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi[25].

Ladarba jibda jiffunzjona, il-Portal Ewropew tat-Tfittxija se jkun jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti — inklużi l-awtoritajiet li jipproċessaw il-viżi — li jagħmlu tfittxija waħda u jirċievu r-riżultati mis-sistemi kollha li huma awtorizzati li jaċċessaw (inkluż EURODAC, EES u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) minflok ifittxu f'kull sistema individwalment. Permezz tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija se jkun aktar faċli li jinkixfu riskji ta' sigurtà u ta' migrazzjoni irregolari fil-proċedura tal-viża billi jippermetti li l-uffiċjali tal-viża jwettqu verifika rapida u effiċjenti tal-preċedenti personali fuq l-applikanti għal viża.

Il-proposta dwar l-interoperabilità għandha wkoll l-għan li tagħmilha aktar faċli li jinqabdu identitajiet multipli u biex tiġi miġġielda l-frodi tal-identità. Permezz ta' din il-karatteristika ta' interoperabilità, l-awtorità tal-viża li tipproċessa applikazzjoni se tkun notifikata awtomatikament jekk l-applikant ikun magħruf b'identitajiet differenti u se tkun tista' tieħu l-azzjoni adegwata.

Peress li l-VIS tagħmel parti wkoll mill-qafas legali li jistabbilixxi l-interoperabilità, infetħu possibbiltajiet tekniċi biex jiġi żgurat li l-utenti awtorizzati jkollhom komunikazzjoni prattika bejn il-bażijiet tad-*data* diversi f'mod rapidu, bla problemi u sistematiku. Meta l-awtoritajiet tal-viża jkunu jistgħu jwettqu verifiki awtomatizzati f'bażijiet tad-*data* oħrajn permezz tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija, din tkun l-ewwel darba li l-qafas tal-interoperabilità jkun ġie applikat fil-prattika.

Meta tivverifika u tivvaluta l-informazzjoni sottomessa mill-applikanti, il-VIS awtomatikament toħloq tfittxija għal kull applikazzjoni f'kull waħda mis-sistemi t'hawn fuq.



25 Il-bażi tad-*data* tal-Interpol dwar id-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqa u Mitlufa tal-Interpol (SLTD - Stolen and Lost Travel Documents) u tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (TDAWN - Travel Documents Associated with Notices) fihom informazzjoni dwar dokumenti tal-ivvjaġġar marbuta ma' individwi li huma soġġetti għal avviż tal-Interpol.

Flimkien mat-tfittxijiet awtomatizzati tal-bażijiet tad-data l-oħra, l-ipproċessar tal-viżi se jibbenefika minn indikaturi speċifiċi tar-riskju. L-indikaturi se jinkludu regoli tal-analitika tad-data, kif ukoll il-valuri speċifiċi pprovduti mill-Istati Membri u l-istatistika ġġenerata minn bażijiet tad-data rilevanti oħra tal-ġestjoni tal-fruntieri u tas-sigurtà. Dan se jtejjeb il-valutazzjonijiet tar-riskju u jippermetti li l-metodu tal-analitika tad-data jiġi applikat. L-indikaturi tar-riskju ma jinkludu l-ebda data personali u jkunu ibbażati fuq l-istatistika u l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar theddidiet, rati anormali ta' rifjut jew soġġorn skadut minn ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u riskji għas-saħħa pubblika.

L-introduzzjoni ta' verifiki sistematiċi għas-sigurtà u l-migrazzjoni b'konnessjoni mad-data tal-VIS hija bbażata fuq il-benefiċċji li jinfetħu mill-qafas tal-interoperabilità.

Sabiex ikun aktar faċli li jiġu identifikati persuni neqsin

Jistgħu jseħħu sitwazzjonijiet fejn persuni jeħtieġu li jiġu identifikati fl-interess tagħhom stess – minħabba li huma mitlufin, neqsin, jew identifikati bħala vittmi tat-traffikar. Fi ħdan il-qafas tal-interoperabilità, ġiet ipprovduta l-possibbiltà li l-awtorità tal-pulizija tidentifika persuna bid-data bijometrika ta' dik il-persuna meħuda waqt verifika tal-identità, fejn il-liġi nazzjonali tippermetti. Madankollu, aċċess bħal dan jista' ma jkunx effettiv biżżejjed fiċ-ċirkostanzi speċifiċi bħal dawk deskritti hawn fuq. Għal dan il-għan, għandu jingħata aċċess veloċi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għad-data tal-VIS sabiex tkun tista' ssir identifikazzjoni rapida u affidabbli tal-persuna, mingħajr il-ħtieġa li jissodisfaw il-prekundizzjonijiet kollha u salvagwardji addizzjonali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi.

L-indirizzar tal-lakuni ta' informazzjoni li jifdal fl-ipproċessar tal-viżi għal soġġorn qasir: titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' tal-applikanti u jinħażnu kopji tad-dokumenti tal-ivvjaġġar fil-VIS b'appoġġ għall-proċeduri tar-ritorn

- *Titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għal applikanti tfal minn 12-il sena għal sitt snin*

Din il-miżura tippermetti lill-uffiċjali biex jivverifikaw l-identità tat-tfal fil-proċedura tal-applikazzjoni għal viża, u jkunu jistgħu jsiru kontrolli meta jaqsmu fruntiera esterna. Barra minn dan, billi jkun possibbli li t-tfal jiġu identifikati mingħajr ambigwità, il-miżura se tipproteġi lit-tfal aħjar u tgħin fil-ġlieda kontra t-traffikar u l-migrazzjoni irregolari filwaqt li żżomm l-aħjar interessi tat-tfal fuq quddiem. Jiġu introdotti salvagwardji addizzjonali fil-liġi sabiex jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal jiġu mħarsa waqt il-proċedura tal-ipproċessar tal-viża u fi kwalunkwe użu sussegwenti tad-data tat-tfal.

Il-marki tas-swaba' se jittieħdu minn kull applikant għal viża minn sitt snin 'il fuq, u għaldaqstant jiżdied il-grupp ta' applikanti għal viżi għal soġġorni qosra billi jiżdied il-grupp tal-età ta' 6 sa 11-il sena.

Meta ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ġie rikonoxxut li l-kwistjoni tal-affidabbiltà suffiċjenti għal skopijiet ta' identifikazzjoni u verifika tal-marki tas-swaba' ta' tfal taħt it-12-il sena u, b'mod partikolari, kif il-marki tas-swaba' jevolvu mal-età, trid tiġi indirizzata fi stadju aktar tard. Għaldaqstant, fl-2013, iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea[26] wettaq studju jekk l-għarfien awtomatizzat tal-marki tas-swaba' għat-tfal jistax jipproduċi, jew le, rati ta' għarfien simili għal dawk tal-adulti. L-istudju tal-JRC ikkonkluda li l-għarfien tal-marki tas-swaba' ta' tfal ta' bejn 6 u 12-il sena jista' jinkiseb b'livell sodisfaċenti ta' preċiżjoni taħt ċerti

[26] JRC (2013). Għarfien tal-Marki tas-Swaba' għat-Tfal.

kundizzjonijiet. Kundizzjoni waħda tali pereżempju tkun li jiġi żgurat li l-operaturi jirċievu livell xieraq ta' taħriġ biex jiksbu ritratti ta' kwalità għolja.

It-tieni studju[27] kkonferma dan ir-riżultat u ta informazzjoni aktar dettaljata dwar l-effett tal-kobor fuq il-kwalità tal-marki tas-swaba'. Il-Kummissjoni wettqet studju addizzjonali[28] fejn ġew studjati l-ħtieġa u l-proporzjonalità li titbaxxa l-età tat-teħid tal-marki tas-swaba' għat-tfal fil-proċedura tal-viża. Dan l-istudju sab li jekk titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba', dan jgħin biex jinkisbu aħjar l-objettivi tal-VIS, b'mod partikolari fir-rigward tal-iffaċilitar tal-ġlieda kontra l-frodi tal-identità u s-simplifikazzjoni tal-kontrolli fil-postijiet tal-qsim mal-fruntieri esterni. Instab ukoll li jekk titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba', dan jista' jwassal għal benefiċċji addizzjonali billi jissaħħu l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra abbużi tad-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari billi jkun possibbli li tiġi identifikata jew ivverifikata l-identità ta' tfal li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri f'sitwazzjoni fejn id-drittijiet tagħhom setgħu ġew miksura, jew ġew miksura (pereżempju tfal li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, tfal neqsin jew minorenni mhux akkumpanjati li japplikaw għalażil).

- *Fil-VIS tinħażen kopja tal-paġna bijometrika tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikant b'appoġġ għall-proċeduri tar-ritorn*

Il-proposta tintroduċi kategorija ġdida ta' data li għandha tinħażen fil-VIS meta tiġi sottomessa applikazzjoni għal viża. Bħalissa l-Istati Membri jieħdu kopji tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikant. Iżda ma hemm ebda regola tal-UE li tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għaż-żamma jew l-iskambju ta' din l-informazzjoni fost l-Istati Membri. Jekk tinżamm kopja tad-dokument tal-ivvjaġġar ikun possibbli li jsiru verifiki aħjar ta' dawn id-dokumenti u tiżdied l-effiċjenza fil-proċeduri tar-ritorn. Jekk tintuża l-VIS biex tiġi implimentata din il-miżura, din tkun ta' appoġġ għall-politika ta' ritorn tal-UE.

L-awtoritajiet kompetenti għall-identifikazzjoni (u/jew il-verifika fit-territorju) u r-ritorn – jiġifieri l-awtoritajiet tal-migrazzjoni u r-ritorn – li diġà għandhom aċċess biex ifittxu fis-sistema billi jużaw il-marki tas-swaba' taċ-ċittadin tal-pajjiż terz, ikunu jistgħu jirkupraw din il-kopja, suġġetti għal regoli ta' aċċess stretti.

Skont l-Artikolu 2(e) tar-Regolament VIS, wieħed mill-objettivi tal-VIS huwa li "tgħin ukoll fl-identifikazzjoni ta' kull persuna li jista' jkun ma tissodisfax, jew ma tibqax tissodisfa aktar, il-kundizzjonijiet biex tidħol, toqgħod jew tgħix fit-territorju tal-Istati Membri". Permezz tal-Artikolu 31(2) l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrasferixxu jew jagħmlu sett limitat ta' din id-data disponibbli lil pajjiż terz jew bl-iskop li tkun pruvata l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' ritorn[29]. Il-VIS ġiet imtejba aktar b'din il-miżura biex tgħin tidentifika u tirritorna l-migranti irregolari[30].

---

27 "Għarfien awtomatiku tal-marki tas-swaba': mit-tfal għall-anzjani" (2018 – JRC).

28 "Il-fattibbiltà u l-implikazzjonijiet jekk titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għat-tfal u li fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) tinħażen kopja skennjata tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikant għal viża" (2018).

29 Ir-Regolament jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti maħtura biex jittrasferixxu d-data li ġejja mill-fajl tal-applikazzjoni għal viża: isem, kunjom u kunjom ta' qabel (jekk applikabbli); sess, data, post u pajjiż tat-twelid; ċittadinanza attwali u ċittadinanza mat-twelid; tip u numru tad-dokument tal-ivvjaġġar, l-awtorità li ħarġitu u d-data tal-ħruġ u ta' skadenza; residenza; u fil-każ ta' minorenni, il-kunjom u l-isem (ismijiet) ta' missier u omm l-applikant.

30 Tfittxija Ad-Hoc tal-EMN dwar AHQ tal-COM dwar l-Esperjenzi tal-Istati Membri bl-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) għal Skopijiet ta' Ritorn. Mitluba mill-Kummissjoni fit-18 ta' Marzu 2016. Ingħataw 24 tweġiba.

L-aġġornar ta' komponenti tekniċi oħra tal-VIS

Il-mekkaniżmu ta' VISMail għall-konsultazzjonijiet huwa integrat fil-VIS sabiex jissimplifika l-iskambji bejn is-sistema ċentrali tal-VIS u s-sistemi nazzjonali. Il-konfigurazzjoni tas-sistema ċentrali hija adatta biex twieġeb aħjar għall-ħtieġa biex tiżgura d-disponibbiltà b'mod rapidu u effiċjenti f'perjodi ta' tħarbit (jiġifieri sistema tal-backup mibdula f'konfigurazzjoni attiva/attiva).

Biex tittejjeb il-kwalità tad-data rreġistrata fil-VIS, ġew introdotti indikaturi fuq difetti tal-kwalità tad-data fil-livell tal-applikazzjoni. Eu-LISA ġiet fdata bl-irwol li timmaniġġja l-verifiki tal-kwalità tad-data fil-VIS. Ġiet inkluża funzjonalità biex tiżgura li l-VIS tirrifjuta li tniedi talba għal konsultazzjoni minn qabel sakemm timtela sew l-informazzjoni xierqa kollha. Permezz ta' funzjonalità oħra jkun possibbli li ssir distinzjoni bejn il-każijiet fejn il-marki tas-swaba' mhumiex meħtieġa għal raġunijiet legali u l-każijiet fejn ma jistgħux jiġu pprovduti. Sabiex jiġu indirizzati problemi fil-ġbir tal-bijometrika, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw il-kwalità tar-ritratti tal-wiċċ, se jiġu stabbiliti standards alternattivi, bħal ġabra diretta ta' ritratti (jiġifieri ritratt tal-wiċċ meħud live). Hemm prevista soluzzjoni teknika ċentralizzata għal konsultazzjoni minn qabel, rappreżentazzjoni u notifika sussegwenti, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmaniġġjaw u jaġġornaw l-informazzjoni tagħhom stess dwar dawn il-funzjonijiet.

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' dan ir-Regolament tikkonsisti fl-artikoli li ġejjin tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) u (e), l-Artikolu 78(2)(d), (e) u (g), l-Artikolu 79(2)(c) u (d), l-Artikolu 87(2)(a) u l-Artikolu 88(2)(a).

Skont l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) u (e) rispettivament tat-TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jadottaw miżuri li jikkonċernaw il-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza għal soġġorn qasir, il-kontrolli li għalihom huma soġġetti l-persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni, kull miżura neċessarja għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni u n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri esterni. Din hija l-bażi legali ewlenija għal dan ir-Regolament propost.

Skont l-Artikolu 16(2) tat-TFUE, l-Unjoni għandha s-setgħa li tadotta miżuri relatati mal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni u mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u r-regoli relatati mal-moviment liberu ta' din id-data. Din id-dispożizzjoni tat-Trattat hija wkoll bażi legali importanti għal din il-proposta.

Objettiv anċillari ta' din il-proposta huwa li, taħt kundizzjonijiet stretti, tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u lill-Europol biex jaċċessaw id-data tal-VIS għal skopijiet tal-infurzar tal-liġi. Din il-proposta għaldaqstant tiddependi wkoll fuq l-Artikolu 87(2)(a) u l-Artikolu 88(2)(a) rispettivament tat-TFUE. Dawn iż-żewġ bażijiet legali addizzjonali għandhom l-istess proċedura leġiżlattiva ordinarja li hija applikabbli taħt l-Artikolu 77(2).

Din il-proposta ssegwi għadd ta' objettivi anċillari oħrajn, bħal li tikkontribwixxi għall-proċedura ta' Dublin u ta' eżami ta' ażil, li huma miżuri żviluppati taħt l-Artikolu 78(2)(d), (e) u (g) tat-TFUE; li tgħin tidentifika u tirritorna ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala parti mill-miżuri żviluppati taħt l-Artikolu 79(2)(c) tat-TFUE u li tappoġġa l-identifikazzjoni ta' vittmi u tiġġieled it-traffikar ta' persuni bħala parti mill-miżuri żviluppati taħt l-Artikolu 79(2)(d) tat-TFUE. Dawk il-bażijiet legali addizzjonali huma wkoll kompatibbli mal-bażijiet legali ewlenin.

- **Il-prinċipju ta' sussidjarjetà**

L-Artikolu 77(2)(a) tat-TFUE jaħti setgħa lill-Unjoni biex tiżviluppa miżuri dwar "il-politika komuni dwar viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira." Din il-proposta hija fil-limiti stabbiliti minn din id-dispożizzjoni. L-objettiv huwa li jiġu żviluppati u mtejba aktar ir-regoli dwar l-ipproċessar elettroniku ta' applikazzjonijiet għal żjajjar intenzjonati fit-territorju tal-Istati Membri għal mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum. Dan ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħidhom minħabba li hija biss l-Unjoni li tista' temenda Att tal-Unjoni li diġà jkun jeżisti (ir-Regolament VIS).

Il-libertà tal-moviment fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni teħtieġ li l-fruntieri esterni tagħha jkunu mmaniġġjat b'mod effettiv biex tiġi żgurata s-sigurtà. Għaldaqstant, l-Istati Membri qablu li jindirizzaw dawn l-isfidi b'mod kollettiv, speċjalment billi jaqsmu l-informazzjoni permezz ta' sistemi ċċentralizzati tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni. Dan hu kkonfermat mid-diversi konklużjonijiet li ġew adottati kemm mill-Kunsill Ewropew kif ukoll mill-Kunsill, speċjalment mill-2015 'l hawn.

In-nuqqas ta' kontrolli fuq il-fruntieri interni jeħtieġ ġestjoni soda tal-fruntieri esterni, fejn kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jikkontrolla l-fruntiera esterna f'isem l-oħrajn. L-ebda Stat Membru ma jista' jkampa waħdu bil-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità transkonfinali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jistgħu jivvjaġġaw liberament f'din iż-żona. F'żona mingħajr fruntieri interni, l-azzjoni komuni kontra l-immigrazzjoni irregolari u l-kriminalità internazzjonali u t-terroriżmu, inkluż permezz tad-detezzjoni ta' frodi tal-identità, jenħtieġ li titwettaq u tista' tirnexxi biss jekk tiġi indirizzata fil-livell tal-UE.

Skont l-Artikolu 77(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha l-poter li tadotta miżuri relatati mal-kontrolli fuq persuni u sorveljanza effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri. Il-liġi tal-UE kurrenti dwar il-proċedura tal-viżi teħtieġ li tiġi mmodifikata biex tqis il-movimenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal viża għal soġġorn qasir, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet riċenti tal-EES li ma jeħtieġux l-obbligu tal-ittimbrar u l-istituzzjoni ta' rekord ta' dħul u ħruġ għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi għal soġġorn qasir, u għaldaqstant l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu jistgħu jevalwa l-użu legali tas-soġġorni qosra preċedenti f'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Fir-rigward tal-viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni ta' Schengen jistipula r-rikonoxximent reċiproku tagħhom bħala dokumenti li jippermettu lid-detenturi tagħhom biex jiċċaqilqu liberament fiż-żona ta' Schengen għal 90 jum fi kwalunkwe 180 jum (jiġifieri simili għal viża għal soġġorn qasir), sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 6(1)(a), (c) u (e) tar-Regolament (UE) 2016/399 (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen). Konklużjonijiet varji tal-Kunsill[31] għamlu sejħa għal miżuri ġodda biex jimtlew il-lakuni tal-informazzjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-infurzar tal-liġi b'relazzjoni mal-qsim tal-fruntieri minn detenturi ta' viżi għal soġġorni twal u permessi ta' residenza, possibbilment billi jinħoloq repożitorju tal-UE ta' data bħal din. L-inklużjoni ta' data dwar dawn id-dokumenti sabiex id-data tista' tiġi maqsuma fost l-Istati Membri u d-dokumenti tad-detenturi jiġu vverifikati fil-fruntieri esterni jew fi ħdan l-UE mill-Istati Membri għajr dak li ħareġ id-dokument u sabiex jiġi vverifikat li l-persuna mhix ta' theddida għas-sigurtà ta' wieħed mill-Istati Membri twieġeb għal objettivi stabbiliti taħt l-Artikolu 77 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

[31] Il-konklużjonijiet tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar it-triq 'il quddiem għat-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabilità ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE (ST/10151/17); Il-konklużjonijiet ta' Ġunju 2016 li japprovaw pjan direzzjonali għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni (9368/1/16 REV 1).

Għalhekk, dan l-objettiv tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE.

- **Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

Kif spjegat fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta għal Regolament rivedut, l-għażliet ta' politika meħuda f'din il-proposta huma meqjusa proporzjonati. Dawn ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma.

L-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid li l-azzjoni mill-Unjoni m'għandhiex tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattat. Il-forma magħżula għal din l-azzjoni tal-UE għandha tippermetti li l-proposta tilħaq l-objettiv tagħha u li tkun implimentata bl-iktar mod effettiv possibbli. L-inizjattiva proposta tikkostitwixxi żvilupp ieħor tar-regoli dwar l-ivvjaġġar mingħajr fruntieri sabiex jiġi żgurat li regoli komuni fil-fruntieri esterni huma applikati bl-istess manjiera fl-Istati Membri kollha li neħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni. Tibni wkoll fuq strument li qed jagħmel provvediment għall-informazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi. Tikkodifika u ttejjeb l-aċċess eżistenti tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-informazzjoni tal-VIS f'dawn il-kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, li hija fil-ħin, preċiża, sigura u kosteffiċjenti biex tidentifika ċittadini ta' pajjiżi terzi suspettati (jew vittmi) ta' terroriżmu jew reat serju u biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkonsultaw l-istorja tal-applikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suspettati (jew vittmi) ta' reati bħal dawn.

Il-proposta tfasslet madwar il-prinċipji tal-"protezzjoni tad-data fid-disinn" u hija proporzjonali f'termini tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali fis-sens li ma teħtieġx il-ġbir u l-ħażna ta' aktar data għal perjodu itwal milli huwa assolutament meħtieġ biex jippermetti li s-sistema taħdem u tilħaq l-objettivi tagħha. Barra dan, il-proposta se tagħmel provvediment għas-salvagwardji u l-mekkaniżmi kollha meħtieġa, u timplimentahom, għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tal-vjaġġaturi, b'mod partikolari il-ħajja privata u d-data personali tagħhom.

Fil-livell tal-UE mhux se jkun hemm il-bżonn ta' proċessi jew ta' armonizzazzjoni ulterjuri biex is-sistema tiffunzjona. Għaldaqstant il-miżura prevista hija proporzjonali peress li ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ f'termini ta' azzjoni fil-livell tal-UE biex jintlaħqu l-objettivi ddefiniti.

L-għażla preferuta hija wkoll proporzjonata f'termini ta' spejjeż, meta wieħed iqis il-benefiċċji li s-sistema se tipprovdi lill-Istati Membri kollha fil-ġestjoni tal-fruntiera esterna komuni u fil-progress lejn politika komuni tal-UE dwar il-migrazzjoni.

Il-proposta għalhekk hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija bbażata fuq sistema ċentralizzata eżistenti li permezz tagħha l-Istati Membri jikkooperaw ma' xulxin, u li teħtieġ arkitettura u regoli operattivi komuni. Barra minn hekk, tistabbilixxi regoli dwar il-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u dwar l-aċċess għas-sistema, inkluż għall-fini tal-infurzar tal-liġi, li huma uniformi għall-Istati Membri kollha. Bħala konsegwenza, huwa biss Regolament li jista' jintgħażel bħala strument legali.

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-Regolament propost għandu impatt fuq id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fuq id-dritt għad-dinjità (l-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE); id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà (l-Artikolu 6 tal-Karta), ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7 tal-Karta), il-protezzjoni tad-data personali (l-Artikolu 8 tal-Karta), id-dritt għall-asil u l-protezzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement ((l-Artikoli 18 u 19 tal-Karta) u l-protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew

estradizzjoni (l-Artikolu 19 tal-Karta), id-dritt ta' nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 21 tal-Karta), id-drittijiet tat-tfal (l-Artikolu 24 tal-Karta) u d-dritt għal rimedju effettiv (l-Artikolu 47 tal-Karta).

Ir-Regolament VIS tal-2008 jistabbilixxi regoli stretti dwar l-aċċess għall-VIS u s-salvagwardji neċessarji. Jistipula wkoll id-drittijiet ta' aċċess, ta' korrezzjoni, ta' tħassir u ta' rimedju tal-individwi (jiġifieri rettifika, tħassir u rimedji fit-termini tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data[32]) b'mod partikolari d-dritt għal rimedju ġudizzjarju u s-superviżjoni ta' operazzjonijiet ta' pproċessar minn awtoritajiet pubbliċi indipendenti. Din il-proposta tintroduċi salvagwardji addizzjonali biex tkopri l-ħtiġijiet speċifiċi tal-kategoriji l-ġodda tad-data, tal-ipproċessar tad-data u tas-suġġetti tad-data li se jkunu koperti mill-VIS. Għaldaqstant, il-proposta hija konformi bis-sħiħ mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, u hija wkoll konformi mal-Artikolu 16 tat-TFUE li jiggarantixxi lil kulħadd id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali dwarhom.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Wara l-istudju tekniku mwettaq mill-eu-LISA fl-2016 dwar il-modifika teknika tal-VIS bħala riżultat tal-eżerċizzju REFIT u l-valutazzjoni tal-impatt, din il-proposta ssegwi l-għażla li l-VIS tiġi estiża biex tinkludi data dwar viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, biex twettaq verifiki awtomatizzati fil-bażijiet tad-data tal-UE u tal-Interpol għas-sigurtà u, kif applikabbli, verifiki ta' migrazzjoni irregolari, u biex titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għat-tfal u tinħażen kopja tal-paġna bijometrika tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikanti fil-VIS. L-istudju vvaluta li dan ikun jeħtieġ EUR 182 miljun. Il-fażi tal-iżvilupp hija mistennija bejn l-2021 u l-2023, għalhekk il-fondi neċessarju se jkunu koperti mill-ammont allokat taħt il-baġit tal-UE li jmiss. Jekk il-proposta tiġi adottata qabel il-qafas finanzjarju li jmiss, ir-riżorsi neċessarji (stmati għal EUR 1.5 miljun) jiġu ffinanzjati mill-linja ta' baġit tal-ISF-Fruntieri u Viżi u l-ammonti jitnaqqsu mill-flus assenjati għall-2021-2023. L-EUR 1.5 miljun jintużaw biex titnieda l-ħidma preparatorja li twassal għall-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'din il-proposta, bħal dawk relatati mat-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni u t-tnedija tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku. Jekk jintlaħaq ftehim politiku dwar din il-proposta sa Marzu 2019 (jiġifieri taħt il-leġiżlatura kurrenti), l-objettiv huwa li l-proposta tiġi implimentata sa tmiem 2021.

Ir-riżorsi meħtieġa għal din il-proposta (kemm għall-Fond għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għal kull waħda mill-aġenziji kkonċernati) huma kompatibbli mal-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 tat-2 ta' Mejju 2018. L-ispejjeż marbuta mal-implimentazzjoni ta' din il-proposta huma allokati hekk kif ġej:

- EUR 105 miljun għall-eu-LISA (ġestjoni indiretta);
- EUR 45 miljun għall-Istati Membri, assenjati fil-Programmi Nazzjonali tagħhom (ġestjoni maqsuma);
- EUR 2 miljun għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA) (ġestjoni indiretta);
- EUR 30 miljun għall-Europol (ġestjoni indiretta).

[32] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Il-mudell tal-ispejjeż applikat huwa spjegat fl-Anness 3 - "Min hu affettwat u kif", fit-Taqsima 2 dwar id-"Sommarju tal-kostijiet u l-benefiċċji" u fl-Anness 4 "REFIT" tal-Valutazzjoni tal-Impatt, u kif analizzata aktar fil-fond fl-istudju dwar il-"Fattibbiltà u l-Implikazzjonijiet jekk Titbaxxa l-Età għat-Teħid tal-Marki tas-Swaba' għat-Tfal", l-istudju dwar il-"Ħażna ta' kopja skennjata tad-dokument tal-ivvjaġġar ta' applikanti għal viża fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża", l-"Istudju dwar il-Fattibbiltà biex jiġu inklużi f'repożitorju dokumenti għal Viżi għal Soġġorn Twil, Residenza u Permessi tat-Traffiku Lokali tal-Fruntiera" u l-"Analiżi Legali dwar il-Ħtieġa u l-Proporzjonalità li jiġi Estiż il-Kamp ta' Applikazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) biex tiġi Inkluża Data dwar il-Viżi għal Soġġorn Twil u Dokumenti ta' Residenza", li jappoġġaw il-Valutazzjoni tal-Impatt.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- Pjani u monitoraġġ tal-implimentazzjoni, arranġamenti għall-evalwazzjoni u r-rappurtar

Il-Kummissjoni tiżgura l-monitoraġġ tal-funzjonament tal-VIS u tevalwa l-objettivi ewlenin tal-politika tagħha. Erba' snin wara li tibda l-applikazzjoni tar-Regolament VIS rivedut u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport jippreżenta evalwazzjoni ġenerali tal-funzjonament tas-sistema, inkluż l-impatti diretti u indiretti tagħha u l-implimentazzjoni prattika dwar id-drittijiet fundamentali. Għandu jeżamina r-riżultati miksuba fl-isfond tal-objettivi, jivvaluta l-progress fir-rigward tal-erba' oqsma ewlenin bi problemi, u jivvaluta l-validità ssoktata tal-motivazzjoni sottostanti u ta' kull implikazzjoni għall-għażliet futuri. L-implimentazzjoni tal-VIS hija wkoll evalwata permezz tal-mekkaniżmu tal-evalwazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013[33], mingħajr ħsara għar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati (l-Artikolu 17(1) TUE).

- **Ġeometrija varjabbli**

Din il-proposta hija bbażata fuq u tiżviluppa l-*acquis* ta' Schengen dwar il-fruntieri interni u l-viżi billi tikkonċerna l-qsim tal-fruntieri esterni u l-għoti ta' viżi għal soġġorn qasir.

Din għandha l-konsegwenzi li ġejjin f'relazzjoni mal-protokolli tat-Trattati u l-ftehimiet dwar l-assoċjazzjoni mal-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen:

Id-Danimarka: Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-Tielet parti tat-TFUE.

Billi dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk tkunx se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

Ir-Renju Unit u l-Irlanda: Skont l-Artikoli 4 u 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 li tikkonċerna t-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill

[33] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jeħdux sehem fir-Regolament (KE) Nru 767/2008 (ir-Regolament VIS) u lanqas ma jieħdu sehem f'xi wieħed ieħor mill-istrumenti legali l-oħra li huma magħrufa b'mod komuni bħala l-"*acquis* ta' Schengen", jiġifieri l-istrumenti legali li jorganizzaw u jappoġġaw it-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni u l-miżuri li jmorru magħhom rigward il-kontrolli fil-fruntieri esterni.

Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp ta' dan l-acquis, u għalhekk, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex se jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.

B'konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-482/08, ir-Renju Unit vs. il-Kunsill[34], iċ-ċirkostanza li dan ir-Regolament għandu l-Artikoli 87(2)(a) u l-Artikolu 88(2)a) bħala l-bażi legali flimkien mal-Artikolu 77(2)b) u (d) tat-TFUE ma taffettwax il-konklużjoni ta' hawn fuq, peress li l-aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi huwa anċillari għat-twaqqif tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

L-Iżlanda u n-Norveġja: Il-proċeduri stipulati fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni konkluż bejn il-Kunsill u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen huma applikabbli, peress illi l-proposta preżenti hija bbażata fuq l-*acquis* ta' Schengen kif imfisser fl-Anness A ta' dan il-Ftehim[35].

L-Iżvizzera: Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, kif previst bil-Ftehim ta' bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din tal-aħħar fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[36].

Il-Liechtenstein: Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, kif previst bil-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[37].

Il-Kroazja, Ċipru, il-Bulgarija u r-Rumanija: Il-politika dwar il-viżi inkluża l-VIS hija parti mill-*acquis* ta' Schengen li għadha mhix applikabbli mill-Istati Membri li għadhom mhux qed japplikaw bis-sħiħ dan l-*acquis* skont l-Atti tal-Adeżjoni tagħhom. Ġie introdott reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38]. Dak ir-reġim huwa bbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti, b'mod partikolari viżi ta'

---

34 ECLI:UE:C:2010:631.

35 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

36 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

37 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19.

38 Id-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 895/2006/KE u Nru 582/2008/KE (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 23).

Schengen maħruġa mill-Istati Membri li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen bis-sħiħ bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom, li ma jaqbżux 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 tippermetti aċċess ukoll lill-Bulgarija u r-Rumanija biex jikkonsultaw, fil-modalità tal-qari biss, id-data tal-VIS mingħajr id-dritt li jdaħħlu, jemendaw jew iħassru data fil-VIS, sabiex tiġi ffaċilitata l-proċedura nazzjonali tagħhom tal-applikazzjoni għal viża u tiġi impedita l-frodi u kwalunkwe abbuż tal-viżi ta' Schengen billi tiġi vverifikata l-validità u l-awtentiċità tagħhom mad-data maħżuna fil-VIS; tiffaċilita — fir-rigward ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li għandhom viża għal soġġorn qasir — il-kontrolli mal-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni u fit-territorju tal-Istati Membri; tiffaċilita d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali; tiffaċilita l-eżami ta' dawn l-applikazzjonijiet, u biex iżżid il-livell tas-sigurtà interna fit-territorju tal-Istati Membri billi tiffaċilita l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

Billi dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp ta' dan l-*acquis*, fis-sens li jestendi l-konsultazzjoni tal-VIS u l-iskambju ta' informazzjoni għal viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, li huma wkoll rikonoxxuti minn dawn l-Istati Membri bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom, il-Bulgarija u r-Rumanija għandu jkollhom aċċess biex jikkonsultaw il-viżi għal soġġorni twal u permessi ta' residenza għall-istess finijiet kif iddefiniti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908.

2018/0152 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [ir-Regolament tal-Interoperabilità], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) u (e), l-Artikolu 78(2)(d), (e) u (g), l-Artikolu 79(2)(c) u (d), l-Artikolu 87(2)(a) u l-Artikolu 88(2)(a),

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[39],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[40],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) ġiet stabbilita b'Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE[41] biex isservi bħala s-soluzzjoni teknoloġika għall-iskambju tad-data dwar il-viżi bejn l-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42] stabbilixxa li l-iskop, il-funzjonalitajiet u r-responsabbiltajiet tal-VIS, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-iskambju ta' data dwar viżi għal soġġorni qosra bejn l-Istati Membri biex tiffaċilita l-eżami ta' applikazzjonijiet għal viża għal soġġorn qasir u deċiżjonijiet relatati. Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009

39 ĠU C , , p. .

40 ĠU C , , p. .

41 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

42 Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (ir-Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] stabbilixxa r-regoli dwar ir-reġistrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi fil-VIS. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI[44] stabbiliet il-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Europol jistgħu jiksbu aċċess biex jikkonsultaw il-VIS għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra.

(2) L-objettivi ġenerali tal-VIS huma li ttejjeb l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-viża, il-kooperazzjoni konsulari u l-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-viża billi tiffaċilita l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet relatati, sabiex: tiffaċilita l-proċedura tal-applikazzjoni għal viża; tipprevjeni l-"visa shopping"; tiffaċilita l-ġlieda kontra l-frodi tal-identità; tiffaċilita l-kontrolli fil-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni u fit-territorju tal-Istati Membri; tgħin fl-identifikazzjoni ta' kull persuna li jista' jkun ma tissodisfax, jew ma tibqax tissodisfa aktar, il-kundizzjonijiet biex tidħol, toqgħod jew tgħix fit-territorju tal-Istati Membri; tiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45] u tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tat-theddid għas-sigurtà interna ta' kwalunkwe mill-Istati Membri.

(3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 intitolata "Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u s-Sigurtà Interna"[46] spjegat il-ħtieġa li l-UE ssaħħaħ u ttejjeb is-sistemi tal-IT, l-arkitettura tad-data u l-iskambju tal-informazzjoni tagħha fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-infurzar tal-liġi u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u enfasizzat il-ħtieġa li tittejjeb l-interoperabilità tas-sistemi tal-IT. Il-Komunikazzjoni identifikat ukoll ħtieġa li jiġu indirizzati l-lakuni ta' informazzjoni, inklużi dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom viżi għal soġġorn twil.

(4) Fl-10 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill approva Pjan Direzzjonali għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni[47]. Sabiex tiġi indirizzata l-lakuna eżistenti ta' informazzjoni fid-dokumenti maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta t-twaqqif ta' repożitorju ċentrali ta' permessi ta' residenza u viżi għal soġġorn twil maħruġa minn Stati Membri, biex tinħażen informazzjoni dwar dawn id-dokumenti, inkluż dwar dati ta' skadenza u dwar l-irtirar possibbli tagħhom. L-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li jimplimenta l-Ftehim ta' Schengen jagħti dritt għal moviment liberu fit-territorju tal-istati li jagħmlu parti mill-Ftehim għal perjodu ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe 180 jum, billi

---

43 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), (ĠU L 243, 15.9.2009, p.1).

44 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).

45 Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

46 COM(2016) 205 finali.

47 Pjan Direzzjonali għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni inklużi soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (9368/1/16 REV 1).

jistabbilixxi r-rikonoxximent reċiproku tal-permessi ta' residenza u l-viżi għal soġġorn twil maħruġa minn dawn l-Istati.

(5) Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar it-triq 'il quddiem għat-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni u biex tiġi żgurata l-interoperabilità ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE[48], il-Kunsill jagħraf li miżuri ġodda jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jimtlew il-lakuni ta' informazzjoni kurrenti għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-infurzar tal-liġi b'relazzjoni mal-qsim tal-fruntieri minn detenturi ta' viżi għal soġġorni twal u permessi ta' residenza. Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex twettaq studju tal-fattibbiltà bħala kwistjoni ta' prijorità dwar it-twaqqif ta' repożitorju ċentrali tal-UE li jkun fih informazzjoni dwar viżi għal soġġorni twal u permessi ta' residenza. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni wettqet żewġ studji: l-ewwel studju ta' fattibbiltà[49] kkonkluda li l-iżvilupp ta' repożitorju jkun fattibbli teknikament u li l-użu mill-ġdid tal-istruttura tal-VIS tkun l-aħjar għażla teknika, filwaqt li t-tieni studju[50] wettaq analiżi tal-ħtieġa u l-proporzjonalità u kkonkluda li jkun meħtieġ u proporzjonali li l-kamp ta' applikazzjoni tal-VIS jinkludi d-dokumenti msemmija hawn fuq.

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Settembru 2017 dwar it-"Twettiq tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni"[51] qalet li l-linja politika komuni dwar il-viżi mhix biss element essenzjali biex jiġi ffaċilitat it-turiżmu u n-negozju, iżda hija wkoll għodda ewlenija biex jiġu evitati riskji tas-sigurtà u riskji ta' migrazzjoni irregolari lejn l-UE. Il-Komunikazzjoni għarfet il-ħtieġa biex il-politika komuni dwar il-viżi tadatta għall-isfidi kurrenti, billi tqis soluzzjonijiet ġodda tal-IT u tibbilanċja l-benefiċċji ta' vjaġġar bil-viża ffaċilitat b'ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni, tas-sigurtà u tal-fruntieri. Il-Komunikazzjoni qalet li l-qafas legali tal-VIS jiġi rivedut, bil-għan li jittejjeb aktar l-ipproċessar tal-viżi, inkluż dwar l-aspetti relatati mal-protezzjoni tad-data u l-aċċess għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u għaldaqstant l-użu tal-VIS jiġi estiż aktar għal kategoriji ġodda u użi ta' data u biex isir użu sħiħ tal-istrumenti tal-interoperabilità.

(7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2018 dwar l-adattament tal-politika komuni dwar il-viżi għal sfidi ġodda[52] affermat mill-ġdid li l-qafas legali tal-VIS jiġi rivedut, bħala parti minn proċess ta' riflessjoni usa' dwar l-interoperabilità tas-sistemi ta' informazzjoni.

(8) Meta ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ġie rikonoxxut li l-kwistjoni tal-affidabbiltà suffiċjenti għal skopijiet ta' identifikazzjoni u verifika tal-marki tas-swaba' ta' tfal taħt it-12-il sena u, b'mod partikolari, kif il-marki tas-swaba' jevolvu mal-età, trid tiġi indirizzata fi stadju aktar tard, fuq il-bażi tar-riżultati ta' studju

---

48 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem għat-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni u li tiġi żgurata l-interoperabilità ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE (10151/17);

49 "Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBM) – Studju tal-Fattibbiltà biex jiġu inklużi f'repożitorju dokumenti għal Viżi għal Soġġorni Twal, Permessi ta' Residenza u Permessi tat-Traffiku Lokali tal-Fruntiera" (2017).

50 "Analiżi legali dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) biex tinkludi data dwar viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta' residenza" (2018).

51 COM(2017) 558 finali, p.15.

52 COM(2018) 251 finali.

mwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Studju[53] mwettaq fl-2013 miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka kkonkluda li l-għarfien tal-marki tas-swaba' ta' tfal ta' bejn 6 u 12-il sena jista' jinkiseb b'livell sodisfaċenti ta' preċiżjoni taħt ċerti kundizzjonijiet. It-tieni studju[54] kkonferma dan ir-riżultat f'Diċembru 2017 u ta informazzjoni aktar dettaljata dwar l-effett tal-kobor fuq il-kwalità tal-marki tas-swaba'. Fuq din il-bażi, fl-2017 il-Kummissjoni wettqet studju addizzjonali fejn ġew studjati l-ħtieġa u l-proporzjonalità li titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għat-tfal sa 6 snin fil-proċedura tal-viża. Dan l-istudju[55] sab li jekk titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba', din tikkontribwixxi biex jinkisbu aħjar l-objettivi tal-VIS, b'mod partikolari b'relazzjoni mal-iffaċilitar tal-ġlieda kontra l-frodi tal-identità, l-iffaċilitar tal-kontrolli fil-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni, u tista' ġġib benefiċċji addizzjonali billi jissaħħu l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra abbużi tad-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari billi jkun possibbli li tiġi identifikata jew ivverifikata l-identità ta' tfal li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu f'territorju ta' Schengen f'sitwazzjoni fejn id-drittijiet tagħhom jistgħu jiġu miksura, jew ġew miksura (pereżempju tfal li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, tfal neqsin jew minorenni mhux akkumpanjati li japplikaw għalażil).

(9) L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu l-konsiderazzjoni prinċipali għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-benesseri, is-sikurezza u s-sigurtà tat-tfal u l-fehmiet tat-tfal għandhom jiġu kkunsidrati u jingħataw il-piż dovut skont l-età u l-maturità tagħhom. Il-VIS hija partikolarment rilevanti fejn hemm riskju li tfal huma vittmi ta' traffikar.

(10) Id-data personali mogħtija mill-applikant għal viża għal soġġorn qasir għandha tiġi pproċessata bil-VIS biex tivvaluta jekk id-dħul tal-applikant fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u tivvaluta wkoll ir-riskju ta' migrazzjoni irregolari tal-applikant. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kisbu viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza, dawn il-verifiki għandhom jiġu limitati biex jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tal-identità tad-detentur tad-dokument, l-awtentiċità u l-validità tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza kif ukoll jekk id-dħul taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fl-Unjoni jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni. M'għandhomx jinterferixxu fi kwalunkwe deċiżjoni dwar viżi għal soġġorn twil jew permessi ta' residenza.

(11) Il-valutazzjoni ta' riskji bħal dawn ma tistax titwettaq mingħajr l-ipproċessar tad-data personali relatata mal-identità tal-persuna, id-dokument tal-ivvjaġġar, u, skont x'ikun il-każ, sponsor jew, jekk l-applikant huwa minorenni, l-identità tal-persuna responsabbli. Kull oġġett ta' data personali fl-applikazzjonijiet għandu jitqabbel mad-data li tinsab fir-rekord, fajl jew allert irreġistrati f'sistema ta' informazzjoni (is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), id-data tal-Europol, il-bażi tad-data tal-Interpol dwar Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqa u Mitlufa (SLTD), is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), il-Eurodac, is-

---

53 Għarfien tal-Marki tas-Swaba' għat-Tfal (2013 - EUR 26193).

54 "Għarfien awtomatiku tal-marki tas-swaba': mit-tfal għall-anzjani" (2018 – JRC).

55 "Il-fattibbiltà u l-implikazzjonijiet jekk titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għat-tfal u li fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) tinħażen kopja skennjata tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikant għal viża" (2018).

sistema ECRIS-TCN fir-rigward ta' kundanni relatati ma' reati terroristiċi jew forom oħra ta' reati kriminali serji u/jew il-bażi tad-data tal-Interpol dwar Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN)) jew ma' listi ta' sorveljanza, jew ma' indikaturi speċifiċi tar-riskji. Il-kategoriji ta' data personali li għandhom jintużaw għat-tqabbil għadhom ikunu limitati għall-kategoriji tad-data preżenti fis-sistemi ta' informazzjoni, il-lista ta' sorveljanza jew l-indikaturi speċifiċi tar-riskju li jiġu kkonsultati.

(12) L-interoperabilità bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE ġiet stabbilita bir-[*Regolament (UE) XX dwar l-interoperabilità*] sabiex dawn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u d-data tagħhom jissupplimentaw lil xulxin bil-għan li tittejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, u għaldaqstant tikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u tiżgura livell għoli ta' sigurtà fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja tal-Unjoni, inkluż iż-żamma tas-sigurtà pubblika u l-politika pubblika u s-salvagwardja tas-sigurtà fit-territorji tal-Istati Membri.

(13) L-interoperabilità bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE tippermetti lis-sistemi jissupplimentaw lil xulxin biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni korretta tal-persuni, tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-frodi tal-identità, jitjiebu u jiġu armonizzati r-rekwiżiti relatati mal-kwalità tad-data tas-sistemi ta' informazzjoni rispettivi tal-UE, tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni teknika u operazzjonali mill-Istati Membri tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti u futuri tal-UE, jissaħħu u jiġu ssimplifikati s-salvagwardji tas-sigurtà tad-data u tal-protezzjoni tad-data li jirregolaw is-sistemi ta' informazzjoni rispettivi tal-UE, jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EES, il-VIS, l-[ETIAS] u l-Eurodac, u jiġu appoġġjati l-iskopijiet tal-EES, il-VIS, l-[ETIAS], l-Eurodac, is-SIS u s-[sistema ECRIS-TCN].

(14) Il-komponenti tal-interoperabilità jkopru l-EES, il-VIS, l-[ETIAS], l-Eurodac, is-SIS, u s-[sistema ECRIS-TCN], u d-data tal-Europol biex din tkun tista' tiġi kkonsultata fl-istess ħin minn dawn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u għaldaqstant huwa xieraq li jintużaw dawn il-komponenti bl-iskop li jitwettqu verifiki awtomatizzati u meta tiġi aċċessata l-CIS għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi. Il-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP) għandu jintuża għal dan l-iskop biex ikun hemm aċċess veloċi, bla problemi, effiċjenti, sistematiku u kkontrollat għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, id-data tal-Europol u l-bażijiet tad-data tal-Interpol meħtieġa biex iwettqu l-inkarigi tagħhom, skont id-drittijiet tal-aċċess tagħhom, u b'appoġġ għall-objettivi tal-VIS.

(15) It-tqabbil ma' bażijiet tad-data oħrajn għandu jkun awtomatizzat. Meta tqabbil bħal dan jiżvela li hemm korrispondenza ("hit") ma' kwalunkwe mid-data personali jew kombinament tagħhom fl-applikazzjonijiet u rekord, fajl jew allert fis-sistemi ta' informazzjoni msemmija hawn fuq, jew ma' data personali fil-lista ta' sorveljanza, l-applikazzjoni għandha tiġi pproċessata manwalment minn operatur fl-awtorità responsabbli. Il-valutazzjoni mwettqa mill-awtorità responsabbli għandha twassal għad-deċiżjoni jekk tinħariġx jew le l-viża għal soġġorn qasir.

(16) Rifjut ta' applikazzjoni għal viża għal soġġorn qasir ma għandux ikun ibbażat biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat ta' data personali fl-applikazzjonijiet.

(17) Applikanti li ġew irrifjutati viża għal soġġorn qasir abbażi ta' informazzjoni mill-ipproċessar tal-VIS għandu jkollhom id-dritt li jappellaw. L-appelli għandhom jitmexxew fl-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni u skont il-liġi

nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. Għandhom japplikaw is-salvagwardji u r-regoli eżistenti dwar appell fir-Regolament (KE) Nru 767/2008.

(18) Għandhom jintużaw indikaturi speċifiċi tar-riskju li jikkorrispondu għal sigurtà, migrazzjoni irregolari jew riskju għas-saħħa pubblika identifikati qabel biex janalizzaw il-fajl tal-applikazzjoni għal viża għal soġġorn qasir. Il-kriterji użati biex jiddefinixxu l-indikaturi speċifiċi tar-riskju f'ebda ċirkostanza m'għandhom ikunu bbażati biss fuq is-sess jew l-età ta' persuna. F'ebda ċirkostanza m'għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni li tiżvela r-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiki ġeneriċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew xort'oħra, ir-reliġjon jew twemmin filosofiku, is-sħubija fi trade union, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità jew orjentazzjoni sesswali ta' persuna.

(19) L-emerġenza kontinwa ta' forom ġodda ta' theddid ta' sigurtà, tendenzi ġodda ta' migrazzjoni irregolari u theddid għas-saħħa pubblika tirrikjedi li reazzjonijiet effettivi u ħtiġijiet jiġu kkontrollati b'mezzi moderni. Billi dawn il-mezzi jinkludu l-ipproċessar ta' ammonti importanti ta' data personali, għandhom jiġu introdotti salvagwardji adegwati biex iżommu l-interferenza bid-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali limitata għal dak li hu meħtieġ f'soċjetà demokratika.

(20) Għandu jiġi żgurat li tal-inqas livell simili ta' verifiki jiġi applikat għal applikanti għal viża għal soġġorn qasir, jew ċittadini ta' pajjiżi terzi li kisbu viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza, l-istess bħal ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr viża. Għal dan il-għan, tiġi stabbilita wkoll lista ta' sorveljanza b'informazzjoni relatata ma' persuni li huma suspettati li kkommettew att ta' kriminalità serja jew terroriżmu, jew li dwarhom hemm indikazzjonijiet fattwali jew raġunijiet raġonevoli fejn jitwemmen li se jikkommettu att ta' kriminalità serja jew terroriżmu u għandha tintuża għal verifiki fir-rigward ta' dawn il-kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi wkoll.

(21) Sabiex jissodisfaw l-obbligu tagħhom skont il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, it-trasportaturi internazzjonali għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom viża għal soġġorn qasir, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza għandhomx jew le d-dokumenti tal-ivvjaġġar validi meħtieġa. Din il-verifika għandha tkun possibbli permezz tal-estrazzjoni ta' kuljum tad-data tal-VIS f'bażi tad-data separata għall-qari biss li tippermetti l-estrazzjoni ta' subset neċessarju minimu ta' data permezz ta' liema tfittxija tiġi mwieġba b'ok jew mhux ok.

(22) Dan ir-Regolament għandu jiddefinixxi l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jkunu awtorizzati biex ikollhom aċċess għall-VIS biex jinserixxu, jemendaw, iħassru jew jikkonsultaw data fil-VIS dwar viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza għal skopijiet speċifiċi stabbiliti fil-VIS għal din il-kategorija ta' dokumenti u d-detenturi tagħhom, u safejn ikun meħtieġ għall-prestazzjoni tal-inkarigi tagħhom.

(23) Kwalunkwe pproċessar ta' data tal-VIS dwar viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta' residenza għandu jkun proporzjonali għall-objettivi li jridu jintlaħqu u li huma meħtieġa għall-prestazzjoni tal-inkarigi tal-awtoritajiet kompetenti. Meta jużaw l-VIS, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jiġu rispettati d-dinjità tal-bniedem u l-integrità tal-persuna li tagħha tkun intalbet id-data, u ma għandhomx jiddiskriminaw kontra persuni fuq bażi ta' sess, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiki ġenetiċi,

lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

(24) Huwa imperattiv li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom l-informazzjoni l-aktar aġġornata biex iwettqu l-inkarigi tagħhom fil-ġlieda kontra reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra. L-aċċess għall-VIS tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u tal-Europol ġie stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI. Il-kontenut ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi integrat fir-Regolament VIS, biex ikun konformi mal-qafas kurrenti tat-trattat.

(25) L-aċċess għad-data tal-VIS għal finijiet ta' infurzar tal-liġi diġà wera l-utilità tiegħu fl-identifikazzjoni ta' persuni li jkunu mietu b'mod vjolenti jew biex jgħin lill-investigaturi biex jagħmlu progress sostanzjali f'każijiet relatati mat-traffikar ta' bnedmin, it-terroriżmu jew it-traffikar ta' drogi. Għalhekk, id-data fil-VIS relatata ma' soġġorni twal għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u għall-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija ("Europol"), soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(26) Billi l-Europol għandu rwol kruċjali fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-investigazzjoni ta' reati transkonfinali fis-sostenn tal-prevenzjoni, l-analiżi u l-investigazzjoni tal-kriminalità fl-Unjoni. L-aċċess kurrenti tal-Europol għall-VIS fi ħdan il-qafas tal-inkarigi tiegħu għandu jiġi kkodifikat u ssimplifikat, filwaqt li jitqiesu wkoll l-iżviluppi riċenti tal-qafas legali bħar-Regolament (UE) Nru 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56].

(27) L-aċċess għall-VIS għall-iskopijiet ta' prevenzjoni, kxif jew investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra jikkostitwixxi interferenza bid-drittijiet fundamentali għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u għall-protezzjoni tad-data personali ta' persuni li d-data personali tagħhom hija pproċessata fil-VIS. Kull interferenza bħal din għandha tkun konformi mal-liġi, li għandha tkun ifformulata bi preċiżjoni suffiċjenti biex tippermetti lill-individwi jaġġustaw il-kondotta tagħhom u għandha tipproteġi lill-individwi kontra arbitrarjetà u tindika bi kjarezza suffiċjenti l-kamp ta' applikazzjoni tad-diskrezzjoni mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti u l-mod kif din tiġi eżerċitata. Kull interferenza għandha tkun meħtieġa f'soċjetà demokratika sabiex jiġi protett interess leġittimu u proporzjonat u proporzjonali għall-għan leġittimu li jrid jinkiseb.

(28) [Ir-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabilità] jistipula l-possibbiltà li awtorità tal-pulizija ta' Stat Membru li ngħatat setgħa tagħmel dan b'miżuri leġiżlattivi nazzjonali tidentifika persuna bid-data bijometrika ta' dik il-persuna meħuda waqt verifika tal-identità. Madankollu jistgħu jeżistu ċirkostanzi speċifiċi fejn l-identifikazzjoni ta' persuna hija neċessarja fl-interess ta' dik il-persuna. Każijiet bħal dawn jinkludu sitwazzjonijiet fejn il-persuna tinstab wara li tkun sfat nieqsa, maħtufa jew tkun identifikata bħala vittma tat-traffikar. F'każijiet bħal dawn, għandu jingħata aċċess veloċi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għad-data tal-VIS sabiex tkun tista' ssir

[56] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

identifikazzjoni rapida u affidabbli tal-persuna, mingħajr il-ħtieġa li jissodisfaw il-prekundizzjonijiet kollha u salvagwardji addizzjonali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi.

(29) Tqabbil tad-data abbażi ta' marka tas-swaba' latenti, li hija t-traċċa dattiloskopika li tista' tinstab fuq post ta' reat, huwa fundamentali fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija. Il-possibbiltà li marka tas-swaba' latenti titqabbel mad-data dwar il-marki tas-swaba' li tkun maħżuna fil-VIS f'każijiet fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jemmen li l-awtur jew il-vittma jistgħu jkunu reġistrati fil-VIS għandha tipprovdi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri b'għodda utli ħafna għall-prevenzjoni, il-kxif jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra, pereżempju meta l-unika evidenza fuq il-post tar-reat jkunu marki tas-swaba' latenti.

(30) Jenħtieġ li jinħatru awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif ukoll il-punt ta' aċċess ċentrali li permezz tiegħu jsiru t-talbiet għall-aċċess għad-data tal-VIS u li tinżamm lista ta' unitajiet operattivi fl-awtoritajiet maħtura li huma awtorizzati li jitolbu dan l-aċċess għall-finijiet speċifiċi għall-prevenzjoni, il-kxif jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra.

(31) Talbiet għal aċċess għal data maħżuna fis-Sistema Ċentrali għandhom isiru mill-unitajiet operattivi fi ħdan l-awtoritajiet maħtura lill-punt ta' aċċess ċentrali u għandhom ikunu ġustifikati. L-unitajiet operattivi fi ħdan l-awtoritajiet maħtura li huma awtorizzati jitolbu aċċess għad-data tal-VIS ma għandhomx jaġixxu bħala awtorità ta' verifika. Il-punti ta' aċċess ċentrali għandhom jaġixxu b'mod indipendenti mill-awtoritajiet maħtura u għandhom ikunu responsabbli biex, b'mod indipendenti, jiżguraw konformità stretta mal-kundizzjonijiet għal aċċess kif stabbilit f'dan ir-Regolament. F'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza fejn ikun meħtieġ aċċess bikri bi tweġiba għal theddida speċifika u attwali marbuta ma' reati terroristiċi jew ma' reati kriminali serji oħra, il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jkun jista' jipproċessa t-talba immedjatament u jwettaq il-verifika wara.

(32) Sabiex tiġi protetta d-data personali u jiġu eskluži tfittxijiet sistematiċi mill-infurzar tal-liġi, l-ipproċessar tad-data tal-VIS għandu jseħħ biss f'każijiet speċifiċi u meta jkun meħtieġ għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif jew tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra. L-awtoritajiet maħtura u l-Europol għandhom jitolbu aċċess għall-VIS biss meta jkollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li dan l-aċċess se jipprovdi informazzjoni li se tgħinhom sostanzjalment fil-prevenzjoni, fil-kxif jew fl-investigazzjoni ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor.

(33) Id-data personali ta' detenturi ta' dokumenti għal soġġorn twil maħżuna fil-VIS għandha tinżamm għal mhux aktar milli meħtieġ għall-finijiet tal-VIS. Huwa xieraq li d-data relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal perjodu tinżamm għal perjodu ta' ħames snin sabiex id-data titqies għall-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għal viża għal soġġorn qasir, sabiex jinkixef soġġorn skadut wara t-tmiem tal-perjodu ta' validità u sabiex jitwettqu valutazzjonijiet tas-sigurtà ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kisbuhom. Id-data dwar l-użi preċedenti ta' dokument tista' tiffaċilita l-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir fil-futur. Perjodu aktar qasir ta' ħażna ma jkunx biżżejjed biex jiġu żgurati l-għanijiet iddikjarati. Id-data għandha titħassar wara perjodu ta' ħames snin, sakemm ma hemmx raġunijiet għaliex għandha titħassar qabel.

(34) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] japplika għall-ipproċessar tad-data personali mill-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-għanijiet tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tal-kxif jew tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali huwa rregolat mid-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58].

(35) Il-membri tat-timijiet tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, kif ukoll it-timijiet tal-persunal involuti f'inkarigi relatati mar-ritorn huma intitolati mir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonsultaw il-bażijiet tad-data Ewropej fejn meħtieġ biex iwettqu inkarigi operazzjonali speċifikati fil-pjan operazzjonali dwar kontrolli tal-fruntieri, sorveljanza tal-fruntieri u ritorn, taħt l-awtorità tal-Istat Membru ospitanti. Bil-għan li tiġi ffaċilitata dik il-konsultazzjoni u t-timijiet ikollhom aċċess effettiv għad-data mdaħħla fil-VIS, l-EBCGA għandha tingħata aċċess għall-VIS. Tali aċċess għandu jsegwi l-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet ta' aċċess applikabbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma kompetenti taħt kull għan speċifiku għal liema d-data tal-VIS tista' tiġi kkonsultata.

(36) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew ma jissodisfawx aktar, il-kundizzjonijiet għad-dħul, soġġorn jew residenza fl-Istati Membri, skont id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59] huwa komponent essenzjali tal-isforzi komprensivi biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari u jirrappreżenta raġuni importanti ta' interess pubbliku sostanzjali.

(37) Il-pajjiżi terzi tar-ritorn ta' sikwit mhumiex soġġetti għal deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew taħt dispożizzjonijiet nazzjonali adottati biex jittrasponu l-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680. Barra minn hekk, l-isforzi estensivi tal-Unjoni fil-kooperazzjoni mal-pajjiżi ewlenin tal-oriġini ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment suġġetti għal obbligu biex jirritornaw ma rnexxilhomx jiżguraw it-twettiq sistematiku minn tali pajjiżi terzi tal-obbligu stabbilit mil-liġi internazzjonali biex jerġgħu jdaħħlu ċ-ċittadini tagħhom stess. Il-ftehimiet tar-riammissjoni, konklużi jew qed jiġu nnegozjati mill-Unjoni jew mill-Istati Membri u li jipprovdu salvagwardji xierqa għat-trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati biex jittrasponu l-Artikolu 37 tad-Direttiva (UE) 2016/680, ikopru numru limitat ta' pajjiżi terzi bħal dawn u l-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim ġdid tibqa' inċerta. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, id-data personali tista' tiġi pproċessata skont dan ir-regolament mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għall-

---

57 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

58 Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

59 Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

għanijiet tal-implimentazzjoni tal-politika ta' ritorn tal-Unjoni sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 49(1)(d) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 38 jew 39 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

(38) L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli d-data personali rilevanti pproċessata fil-VIS, skont ir-regoli applikabbli tal-protezzjoni tad-data u fejn meħtieġ f'każijiet individwali għat-twettiq ta' inkarigi taħt ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60],ir-Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni tal-Unjoni], lill-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u korpi internazzjonali rilevanti bħall-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni u lill-operazzjonijiet tar-rifuġjati u r-risistemazzjoni tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, b'relazzjoni ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi riferuti lilhom mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) .../... [*ir-Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni tal-Unjoni*].

(39) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61] japplika għall-attivitajiet tal-istituzzjonijiet jew tal-korpi tal-Unjoni meta jwettqu l-inkarigi tagħhom bħala responsabbli għall-ġestjoni operazzjonali tal-VIS.

(40) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u ta opinjoni …

(41) Sabiex titjieb il-kooperazzjoni tal-pajjiżi terzi għar-riammissjoni ta' migranti irregolari u biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qegħdin fil-pajjiż illegalment u li d-data tagħhom tista' tkun maħżuna fil-VIS, il-kopji tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikanti għal viża għal soġġorn qasir għandhom jinħażnu fil-VIS. Għall-kuntrarju tal-informazzjoni estratta mill-VIS, il-kopji tad-dokumenti tal-ivvjaġġar huma prova tan-nazzjonalità li huma rikonoxxuti ferm aktar minn pajjiżi terzi .

(42) Il-konsultazzjoni tal-lista tad-dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur biex jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jiġu approvati b'viża, kif stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 1105/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62], hija element obbligatorju tal-proċedura tal-eżami tal-viża. L-awtoritajiet tal-viżi għandhom jimplimentaw dan l-obbligu sistematikament u għaldaqstant din il-lista għandha tiġi inkorporata fil-VIS biex tkun tista' ssir verifika awtomatika tal-għarfien tad-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikant.

(43) Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-eżattezza tad-data mdaħħla fil-VIS, l-eu-LISA għandha ssir responsabbli għat-tisħiħ tal-kwalità tad-data billi tintroduċi għodda ċentrali għall-monitoraġġ tal-kwalità tad-data, u biex f'intervalli regolari tipprovdi rapporti lill-Istati Membri.

---

60 Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [titlu sħiħ] (ĠU L ..., ..., p. ...).

61 Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

62 Id-Deċiżjoni Nru 1105/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jkunu approvati b'viża u dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' din il-lista (ĠU L 287, 4.11.2011, p 9).

(44) Sabiex ikun possibbli li jsir monitoraġġ aħjar tal-użu tal-VIS biex jiġu analizzati t-tendenzi li jittrattaw il-pressjoni migratorja u l-ġestjoni tal-fruntieri, jenħtieġ li l-eu-LISA tkun tista' tiżviluppa kapaċità għal rappurtar statistiku lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, u lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta mingħajr ma tiġi pperikolata l-integrità tad-data. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit repożitorju ċentrali tal-istatistika. L-ebda mill-istatistika ppreżentata ma għandu jkollha data personali.

(45) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63].

(46) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda, minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' politika komuni dwar il-viżi, livell għoli ta' sigurtà fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u l-istabbiliment gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, jistgħu pjuttost jintlaħqu fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(47) Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli stretti dwar l-aċċess għall-VIS u s-salvagwardji neċessarji. Jistipula wkoll id-drittijiet tal-individwi għal aċċess, għal korrezzjoni, għal ħassir u għal rimedju b'mod partikolari d-dritt għal rimedju ġudizzjarju u s-superviżjoni ta' operazzjonijiet ta' pproċessar minn awtoritajiet pubbliċi indipendenti. Dan ir-Regolament jintroduċi salvagwardji addizzjonali biex ikopri l-ħtiġijiet speċifiċi tal-kategoriji l-ġodda tad-data li se jkunu pproċessati mill-VIS. Għaldaqstant dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għall-ażil u l-protezzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement u l-protezzjoni fil-każ ta' tneħħija, espulsjoni jew estradizzjoni, id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, id-drittijiet tat-tfal u d-dritt għal rimedju effettiv.

(48) Jenħtieġ li japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal rekwiżit ta' viża, li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li għalihom tapplika d-Direttiva 2004/38/KE, jew għal ċittadin ta' pajjiż terz li jgawdi d-dritt ta' moviment liberu taħt id-dritt tal-Unjoni u li ma jkollhomx karta ta' residenza msemmija fid-Direttiva 2004/38/KE. L-Artikolu 21(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-pajjiżi tal-Istati Membri, bla preġudizzju għal-limitazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u d-dispożizzjonijiet meħuda sabiex dawn jitwettqu. Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet rispettivi jinsabu fid-Direttiva 2004/38/KE.

---

63 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

(49) Kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tali membri tal-familja mhux biss għandhom id-dritt li jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru iżda wkoll li jiksbu viża tad-dħul għal dak il-għan. L-Istati Membri jistgħu jagħtu lil tali persuni kull faċilità biex jiksbu l-viżi meħtieġa li għandhom jinħarġu mingħajr ħlas mill-aktar fis possibbli u fuq il-bażi ta' proċedura aċċelerata.

(50) Id-dritt għall-kisba ta' viża mhuwiex mingħajr ebda kundizzjoni, peress li jista' jiċċaħħad lil dawk il-membri tal-familja li jirrappreżentaw riskju għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika skont id-Direttiva 2004/38/KE. F'dan l-isfond, id-data personali tal-membri tal-familja tista' tiġi vverifikata biss fejn id-data relatata mal-identifikazzjoni u l-istatus tagħhom biss sakemm dawn ikunu relevanti għall-valutazzjoni tat-theddida tas-sigurtà li jistgħu jirrappreżentaw. Tabilħaqq, l-eżami tal-applikazzjonijiet għal viża tagħhom għandu jsir esklussivament fid-dawl ta' tħassib dwar sigurtà, u mhux dawk relatati mar-riskji tal-migrazzjoni.

(51) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Billi dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk tkunx se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

(52) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li r-Renju Unit ma jipparteċipax fih, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE[64]; għaldaqstant ir-Renju Unit mhux se jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhux marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(53) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tipparteċipax fih, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[65]; għaldaqstant l-Irlanda mhix se tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(54) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-*acquis*[66] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[67].

---

64 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

65 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tad-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

66 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

67 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

(55) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[68], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[69] u mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI[70].

(56) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[71], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[72] u mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE[73].

(57) Dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 22r, jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, jew inkella marbut miegħu fi ħdan, rispettivament, it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet magħmula applikabbli għall-Bulgarija u għar-Rumanija bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908[74],

---

68 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

69 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

70 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).

71 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

72 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, 19).

73 Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat b'mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 1).

74 id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 269, 19.10.2017, p. 39).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-**Artikolu 1**, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll il-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar viżi għal soġġorni twal u permessi ta' residenza, inkluż dwar ċerti deċiżjonijiet dwar viżi għal soġġorni twal u permessi ta' residenza.

Billi taħżen id-data tal-identità, tad-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) stabbilit mill-Artikolu 17 tar-Regolament 2018/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabbiltà], il-VIS tikkontribwixxi għall-iffaċilitar u l-assistenza fl-identifikazzjoni korretta ta' persuni reġistrati fil-VIS."

_____

* Ir-Regolament 2018/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabilità] (ĠU L).";

(2) L-**Artikolu 2** għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 2
L-Iskop tal-VIS

1. Il-VIS għandu jkollha l-iskop li ttejjeb l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi, il-kooperazzjoni konsulari u l-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-viża billi tiffaċilita l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet relatati, sabiex:

(a) tiffaċilita l-proċedura tal-applikazzjoni għal viża;

(b) jiġi evitat in-nuqqas ta' osservazzjoni tal-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni;

(c) tiġi faċilitata l-ġlieda kontra l-frodi;

(d) jiġu faċilitati l-kontrolli mal-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni u fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri;

(e) tgħin fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna li jista' jkun ma tissodisfax, jew ma tibqax tissodisfa aktar, il-kundizzjonijiet biex tidħol, toqgħod jew tgħix fit-territorju tal-Istati Membri;

(f) tgħin fl-identifikazzjoni ta' persuni li sfaw neqsin;

(g) tiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(h) tikkontribwixxi għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra;

(i) tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà interna ta' kull Stat Membru;

(j) tiżgura l-identifikazzjoni korretta tal-persuni;

(k) tappoġġa l-objettivi tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) relatata mal-allerti fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal rifjut ta' dħul, persuni mfittxija għall-arrest jew għal ċediment jew għall-finijiet ta' estradizzjoni, persuni nieqsa, persuni mfittxija biex jgħinu fi proċedura ġudizzjarja u persuni għal verifiki diskreti jew verifiki speċifiċi."

2. Fir-rigward tal-viżi għal soġġorn twil u l-permessi ta' residenza, l-VIS ikollha l-iskop li tiffaċilita l-iskambju tad-data bejn l-Istati Membri dwar id-deċiżjonijiet relatati, sabiex:

(a) tappoġġa livell għoli ta' sigurtà billi tikkontribwixxi għall-valutazzjoni jekk l-applikant huwiex ikkunsidrat li jirrappreżenta theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika qabel il-wasla tiegħu fil-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni;

(b) tittejjeb l-effettività tal-kontrolli tal-fruntieri u tal-kontrolli fit-territorju;

(c) tikkontribwixxi għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra;

(d) tiżgura l-identifikazzjoni korretta tal-persuni;

(e) tiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 u tad-Direttiva 2013/32/UE;

(f) tappoġġa l-objettivi tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) relatata mal-allerti fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal rifjut ta' dħul, persuni mfittxija għall-arrest jew għal ċediment jew għall-finijiet ta' estradizzjoni, persuni nieqsa, persuni mfittxija biex jgħinu fi proċedura ġudizzjarja u persuni għal verifiki diskreti jew verifiki speċifiċi."

* Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

** Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).";

(3) L-**Artikolu 3** jitħassar;

(4) fl-**Artikolu 4** jiżdiedu l-punti li ġejjin:

(12) “data tal-VIS” tfisser id-data kollha maħżuna fis-Sistema Ċentrali tal-VIS u fis-CIR f’konformità mal-Artikoli 9 sa 14, l-Artikoli 22c sa 22f;

(13) “data tal-identità” tfisser id-data msemmija fl-Artikolu 9(4)(a) u (aa);

(14) “data tal-marki tas-swaba’” tfisser id-data relatata mal-marki tas-swaba’ li hija maħżuna f’fajl tal-VIS;

(15) “immaġni tal-wiċċ” tfisser immaġni diġitali tal-wiċċ;

(16) “data tal-Europol” tfisser data personali pprovduta mill-Europol għall-fini msemmi fl-Artikolu 18(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

(17) “permess ta’ residenza” tfisser il-permessi ta’ residenza kollha maħruġa mill-Istati Membri skont il-format uniformi stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002** u d-dokumenti l-oħra kollha msemmija fl-Artikolu 2(16)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2016/399;

(18) “viża għal soġġorn twil” tfisser awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru kif stipulat fl-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta’ Schengen;

(19) “awtorità superviżorja nazzjonali” fir-rigward ta’ skopijiet ta’ infurzar tal-liġi tfisser l-awtoritajiet superviżorji stabbiliti skont l-Artikolu 41 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***;

(20) “infurzar tal-liġi” tfisser il-prevenzjoni, il-kxif jew l-investigazzjoni ta’ reati terroristiċi jew ta’ reati kriminali serji oħra;

(21) “reati terroristiċi” tfisser ir-reati taħt il-liġi nazzjonali li jikkorrispondu jew huma ekwivalenti għal dawk imsemmija fid-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****;

(22) “reati kriminali serji” tfisser ir-reati li jikkorrispondu jew li huma ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI*****, jekk huma punibbli taħt il-liġi nazzjonali b’sentenza ta’ priġunerija jew b’ordni ta’ detenzjoni għal perjodu massimu ta’ mill-inqas tliet snin.

---

* Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

** Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1)

*** Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

**** Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

***** Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.20002, p. 1)";

(5) L-**Artikolu 5** għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5
Kategoriji ta' data

1. Il-kategoriji li ġejjin biss għandhom jiġu rreġistrati fil-VIS:

(a) data alfanumerika dwar l-applikant għal viża għal soġġorn qasir u dwar viżi mitluba, maħruġa, irrifjutati, annullati, irrevokati jew estiżi msemmija fl-Artikolu 9(1) sa (4) u l-Artikoli 10 sa 14, data alfanumerika dwar viża għal soġġorn twil u permessi ta' residenza maħruġa, irtirati, irrifjutati, annullati, irrevokati jew estiżi msemmija fl-Artikoli 22c, 22d, 22e u 22f, kif ukoll informazzjoni dwar il-hits imsemmija fl-Artikoli 9a u 22b, u r-riżultati tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 9c(6);

(b) immaġnijiet tal-wiċċ imsemmija fl-Artikolu 9(5) u l-Artikolu 22c(2)(f);

(c) data tal-marki tas-swaba' msemmija fl-Artikolu 9(6) u l-Artikolu 22c(2)(g);

(d) links għal applikazzjonijiet oħra msemmija fl-Artikolu 8(3) u (4) u l-Artikolu 22a(3)."

2. Il-messaġġi trażmessi bil-VIS, imsemmija fl-Artikolu 16, l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 25(2), m'għandhomx jiġu rreġistrati fil-VIS, mingħajr ħsara għar-reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet għall-ipproċessar tad-data skont l-Artikolu 34.

3. Is-CIR se jinkludi d-data msemmija fl-Artikolu 9(4)(a) sa (cc), l-Artikolu 9(5) u 9(6), l-Artikolu 22c(2)(a), sa (cc), (f) u (g), u l-Artikolu 22d(a) sa (cc), (f) u (g). Il-kumplament tad-data tal-VIS għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali tal-VIS."

(6) żdied dan l-**Artikolu 5a** li ġej:

"*Artikolu 5a*

Lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar rikonoxxuti

(1) Il-lista tad-dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur biex jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jiġu approvati b'viża, kif stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 1105/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, għandha tiġi integrata fil-VIS.

(2) Il-VIS tagħti l-funzjonalità għall-ġestjoni ċċentralizzata tal-lista tad-dokumenti tal-ivvjaġġar rikonoxxuti u tan-notifika tar-rikonoxximent jew nonrikonixximent tad-dokumenti tal-ivvjaġġar elenkati skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1105/2011/UE.

(3) Ir-regoli dettaljati dwar l-immaniġġjar tal-funzjonalità msemmija fil-paragrafu 2 jiġu stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(2).

_____

* Id-Deċiżjoni Nru 1105/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jkunu approvati b'viża u dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' din il-lista (ĠU L 287, 4.11.2011, p 9)."";

(7) L-**Artikolu 6** huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-aċċess għall-VIS għall-konsultazzjoni tad-data tkun riservata esklussivament għall-persunal awtorizzat debitament tal-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru u tal-korpi tal-UE li huma kompetenti għall-iskopijiet stipulati fl-Artikoli 15 sa 22, l-Artikoli 22c sa 22f, l-Artikoli 22g sa 22j, kif ukoll għall-iskopijiet stipulati fl-Artikoli 20 u 21 tar-[*Regolament 2018/XX dwar l-interoperabilità*].

Dak l-aċċess għandu jkun limitat sal-punt li d-data tkun meħtieġa għat-twettiq tal-inkarigi tagħhom skont dawk l-iskopijiet, u proporzjonat mal-objettivi segwiti.";

(b) għandu jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Il-VIS għandha tipprovdi l-funzjonalità għall-ġestjoni ċċentralizzata ta' din il-lista."

(c) għandu jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Ir-regoli dettaljati dwar l-immaniġġjar tal-funzjonalità għall-ġestjoni ċċentralizzata tal-lista fil-paragrafu 3 jiġu stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(2)."

(8) Fl-**Artikolu 7** jiddaħħal paragrafu 3 ġdid:

"3. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu l-konsiderazzjoni prinċipali għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-benesseri, is-sikurezza u s-sigurtà tat-tfal, b'mod partikolari fejn hemm riskju li t-tfal huma vittma ta' traffikar tal-

bnedmin, u l-fehmiet tat-tfal għandhom jiġu kkunsidrati u jingħataw il-piż dovut skont l-età u l-maturità tagħhom.”

(9) It-Titolu tal-**Kapitolu II** huwa sostitwit b’dan li ġej:

“DĦUL U UŻU TA' DATA DWAR VIŻA GĦAL SOĠĠORN QASIR MILL-AWTORITAJIET TAL-VIŻA”

(10) L-**Artikolu 8** huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Meta applikazzjoni hija aċċettabbli skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, l-awtorità tal-viża għandha toħloq il-fajl tal-applikazzjoni fi żmien jumejn tax-xogħol, billi ddaħħal id-data msemmija fl-Artikolu 9 fil-VIS, sakemm din id-data hija meħtieġa li tiġi pprovduta mill-applikant.”;

(b) għandu jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Hekk kif jinħoloq il-fajl tal-applikazzjoni, il-VIS tniedi t-tfittxija awtomatikament skont l-Artikolu 9a u tagħti r-riżultati.

(c) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

5. Fejn il-forniment ta’ data partikulari mhux meħtieġ għal raġunijiet legali jew fil-fatt ma tistax tkun ipprovduta, l-oqsma speċifiċi provduti għad-data għandhom ikunu mmarkati bħala “mhux applikabbli”. In-nuqqas ta’ marki tas-swaba’ għandha tiġi indikata b’“VIS0”; barra minn hekk, is-sistema għandha tippermetti li ssir distinzjoni bejn il-każijiet skont l-Artikolu 13(7)(a) sa (d) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.”

(11) L-**Artikolu 9** huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 4, il-punti (a), (b) u (c) huma mibdula b’dan li ġej:

“(a) kunjom (isem tal-familja); l-isem/ismijiet (ismijiet mogħtija); data tat-twelid; nazzjonalità jew nazzjonalitajiet; sess;

(aa) il-kunjom tat-twelid (kunjom(ijiet) ta’ qabel); il-post u l-pajjiż tat-twelid; in-nazzjonalità fit-twelid;

(b) it-tip u n- numru tad-dokument jew id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż li jkun ħareġ id-dokument jew id-dokumenti tal-ivvjaġġar;

(c) id-data tal-iskadenza tal-validità tad-dokument jew id-dokumenti tal-ivvjaġġar;

(cc) l-awtorità li ħarġet id-dokument tal-ivvjaġġar u d-data tal-ħruġ ta’ dan;

(b) il-punt 5 jinbidel b'dan li ġej:

“5. l-immaġni tal-wiċċ tal-applikant, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.”;

(c) għandu jiżdied il-punt 7 li ġej:

"7. skennjatura tal-paġna tad-data bijometrika.";

(d) jiżdiedu ż-żewġ paragrafi ġodda li ġejjin:

"8. L-immaġni tal-wiċċ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt 5 tal-ewwel paragrafu għandu jkollha riżoluzzjoni tal-immaġni u kwalità suffiċjenti biex tkun tista' tintuża fit-tqabbil bijometriku awtomatizzat.

B'deroga mit-tieni paragrafu, f'każijiet eċċezzjonali fejn ma jkunux jistgħu jiġu osservati l-ispeċifikazzjonijiet ta' kwalità u riżoluzzjoni stabbiliti għar-reġistrazzjoni fil-VIS tal-immaġni tal-wiċċ meħuda fuq il-post, l-immaġni tal-wiċċ tista' tinħareġ elettronikament miċ-ċippa tad-Dokument elettroniku tal-Ivvjaġġar li Jinqara minn Magna (eMRTD). F'każijiet bħal dawn, l-immaġni tal-wiċċ għandha tiddaħħal fil-fajl individwali biss wara verifika elettronika li dik l-immaġni tal-wiċċ irreġistrat fiċ-ċippa tal-eMRTD tikkorrispondi mal-immaġni tal-wiċċ taċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz meħuda fuq il-post.";

(12) jiżdiedu dawn l-**Artikoli 9a sa 9d** il-ġodda li ġejjin:

"*Artikolu 9a*

Tfittxijiet f'sistemi oħrajn

1. Il-fajls tal-applikazzjoni għandhom jiġu pproċessati awtomatikament mill-VIS biex jiġu identifikati l-hits. Il-VIS għandha teżamina kull fajl tal-applikazzjoni individwalment.

2. Meta tinħoloq applikazzjoni jew tinħareġ viża, il-VIS għandha tiċċekkja jekk id-dokument tal-ivvjaġġar relatat ma' dik l-applikazzjoni huwiex rikonoxxut skont id-Deċiżjoni Nru 1105/2011/UE, billi twettaq tfittxija awtomatika fil-lista tad-dokumenti tal-ivvjaġġar rikonoxxuti msemmija fl-Artikolu *5a*, u għandha tagħti riżultat.

3. Għall-fini tal-verifiki stipulati fl-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 21(3)(a), (c) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-VIS għandha tniedi tfittxija billi tuża l-Portal Ewropew tat-Tfittxija ddefinit fl-Artikolu 6(1) [*tar-Regolament dwar l-Interoperabilità*] biex tqabbel id-data rilevanti msemmija fil-punt (4) tal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament mad-data preżenti f'rekord, fajl jew allert irreġistrat fil-VIS, fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), inkluż il-lista ta' sorveljanza msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/XX għall-finijiet tal-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar], il-Eurodac, [is-sistema ECRIS-TCN fir-rigward ta' kundanni relatati ma' reati terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji], id-data tal-Europol, il-bażi tad-data tal-Interpol dwar Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqa jew Mitlufa (SLTD) u l-bażi tad-data tal-Interpol dwar Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN).

4. Il-VIS għandha żżid referenza għal kwalunkwe hit miksuba skont il-paragrafu 3 tal-fajl tal-applikazzjoni. Barra minn dan, il-VIS għandha tidentifika, fejn rilevanti, l-

Istat Membru jew l-Istati Membri li daħħlu jew ipprovdew id-data li skattat il-hit(s) jew il-Europol, u għandha tirreġistra dan fil-fajl tal-applikazzjoni.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 2(1)(k), it-tfittxijiet imwettqa skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandha tqabbel id-data rilevanti msemmija fl-Artikolu 15(2) mad-data preżenti fis-SIS biex jiġi ddeterminat jekk l-applikant hux suġġett għal wieħed mill-allerti li ġejjin:

(a) allert fir-rigward ta' persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja jew ta' estradizzjoni;

(b) allert fir-rigward ta' persuni neqsin;

(c) allert fir-rigward ta' persuni mfittxija biex jassistu fi proċedura ġudizzjarja;

(d) allert dwar persuni u oġġetti għal kontrolli diskreti jew kontrolli speċifiċi.

Artikolu 9b

Dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għat-tfittxijiet f'sistemi oħrajn għal membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE jew ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi oħra li jgawdu d-dritt ta' moviment liberu taħt id-dritt tal-Unjoni

1. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li tapplika għalihom id-Direttiva 2004/38/KE jew ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jgawdi d-dritt ta' moviment liberu ekwivalenti għal dan ta' ċittadini tal-Unjoni taħt ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u pajjiż terz, min-naħa l-oħra, il-verifiki awtomatizzati fl-Artikolu 9a(3) għandhom jitwettqu biss għall-fini li jiġi vverifikat li ma hemm ebda indikazzjonijiet fattwali jew raġunijiet raġonevoli bbażati fuq indikazzjonijiet fattwali biex jiġi konkluż li l-preżenza tal-persuna fit-territorju tal-Istati Membri tkun ta' riskju għas-sigurtà jew riskju epidemiku għoli skont id-Direttiva 2004/38/KE.

2. Il-VIS ma għandhiex tivverifika:

(a) jekk l-applikant ikunx attwalment irrappurtat bħala persuna b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta, jew jekk ġiex irrappurtat bħala persuna b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta fil-passat permezz ta' konsultazzjoni tal-EES;

(b) jekk l-applikant jikkorrispondix għal persuna li d-data tagħha hija rreġistrata fil-Eurodac.

3. Fejn l-ipproċessar awtomatizzat tal-applikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 9a(3) irrapporta hit li tikkorrispondi għal rifjut ta' dħul jew allert ta' soġġorn kif imsemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) 1987/2006, l-awtorità tal-viża għandha tivverifika r-raġuni għad-deċiżjoni fejn sussegwentement dan l-allert iddaħħal fis-SIS. Jekk din ir-raġuni hija relatata ma' riskju ta' immigrazzjoni illegali, l-allert ma għandux jiġi kkunsidrat għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni. L-awtorità tal-viża għandha tipproċedi skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament SIS II.

Artikolu 9c

Verifika mill-awtoritajiet ċentrali

1. Kwalunkwe hit li tirriżulta mit-tfittxijiet skont l-Artikolu 9a(3) għandha tiġi vverifikata manwalment mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li qed jipproċessa l-applikazzjoni.

2. Fejn tkun qed tivverifika l-hits manwalment, l-awtorità ċentrali għandu jkollha aċċess għall-fajl tal-applikazzjoni u kwalunkwe fajl tal-applikazzjoni konness miegħu, kif ukoll mal-hits kollha skattati waqt l-ipproċessar awtomatizzat skont l-Artikolu 9a(3).

3. L-awtorità ċentrali għandha tivverifika jekk l-identità tal-applikant irreġistrata fil-fajl tal-applikazzjoni tikkorrispondix għad-data preżenti fil-VIS, jew waħda mill-bażijiet tad-data kkonsultati.

4. Fejn id-data personali ma tikkorrispondix, u ma ġiet irrappurtata ebda hit oħra matul l-ipproċessar awtomatizzat skont l-Artikolu 9a(3), l-awtorità ċentrali għandha tħassar il-hit falza mill-fajl tal-applikazzjoni.

5. Fejn id-data tikkorrispondi għall-identità tal-applikant, jew fejn jibqgħu xi dubbji, l-awtorità ċentrali tal-viża li tkun qed tipproċessa l-applikazzjoni għandha tinforma lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru l-ieħor, jew l-Istati Membri l-oħra, li ġew identifikati li daħħlu jew ipprovdew id-data li skattat il-hit skont l-Artikolu 9a(3). Fejn Stat Membru wieħed jew aktar ġew identifikati li daħħlu jew ipprovdew id-data li skattat din il-hit, l-awtorità ċentrali għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru l-ieħor, jew tal-Istati Membri l-oħra permezz tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 16(2).

6. Ir-riżultat tal-verifiki mwettqa mill-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri l-oħra għandu jiżdied mal-fajl tal-applikazzjoni.

7. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn it-tqabbil imsemmi fl-Artikolu 9a(5) jirrapporta hit waħda jew aktar, il-VIS għandha tibgħat notifika awtomatizzata lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li nieda t-tfittxija biex tieħu kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa.

8. Fejn il-Europol jiġi identifikat li pprovda d-data li skattat hit skont l-Artikolu 9a(3), l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru responsabbli għandha tikkonsulta lill-unità nazzjonali tal-Europol għal segwitu skont ir-Regolament (UE) 2016/794 u b'mod partikolari l-Kapitolu IV tiegħu.

Artikolu 9d

Ir-Responsabbiltajiet tal-Europol

Il-Europol għandu jadatta s-sistema tal-informazzjoni tiegħu biex jiżgura li l-ipproċessar awtomatiku tat-tfittxijiet imsemmija fl-Artikolu 9a(3) u l-Artikolu 22b(2) ikun possibbli."

(13) Fl-**Artikolu 13**, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Meta l-fajl tal-applikazzjoni jiġi aġġornat skont il-paragrafi 1 u 2, il-VIS għandha tibgħat notifika lill-Istat Membri li ħareġ il-viża, fejn tinfurmah bid-deċiżjoni li dik il-viża tiġi

annullata jew irrevokata. Dik in-notifika għandha tiġi ġġenerata awtomatikament mis-sistema ċentrali u trażmessa permezz tal-mekkaniżmu pprovdut fl-Artiklu 16.";

(14) L-**Artikolu 15** huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt (ea) li ġej:

"ea) immaġni tal-wiċċ;";

(b) għandu jiżdied il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-immaġni tal-wiċċ imsemmija fil-punt (ea) tal-paragrafu 2 ma għandhiex tkun l-uniku kriterju tat-tfittxija.";

(15) Fl-**Artikolu 16,** il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Fejn il-VIS toħloq fajl tal-applikazzjoni dwar ċittadin ta' pajjiż terz speċifiku jew li jagħmel parti minn kategorija speċifika ta' ċittadini bħal dawn fejn tintalab konsultazzjoni minn qabel skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-VIS għandha awtomatikament tittrażmetti t-talba għal konsultazzjoni lill-Istat Membru jew l-Istati Membri indikati.

L-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonsultati għandhom jittrażmettu t-tweġiba tagħhom lill-VIS, li għandha tittrażmetti dik it-tweġiba lill-Istat Membru li beda l-applikazzjoni.

Għall-fini biss li titwettaq il-proċedura ta' konsultazzjoni, il-lista tal-Istati Membri li jeħtieġu li l-awtoritajiet ċentrali tagħhom jiġu kkonsultati mill-awtoritajiet ċentrali ta' Stati Membri oħra matul l-eżami tal-applikazzjonijiet tal-viża għal viżi uniformi ppreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi speċifiċi jew kategoriji speċifiċi ta' tali ċittadini, skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, u taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi kkonċernati, għandha tiġi integrata fil-VIS."

3. Il-proċedura stipulata fil-paragrafu 2 għandha tapplika wkoll għal:

(a) it-trażmissjoni ta' informazzjoni skont l-Artikolu 25(4) dwar il-ħruġ ta' viżi b'validità territorjali limitata, l-Artikolu 24(2) dwar emendi tad-data u l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 dwar notifiki ex post;

(b) il-messaġġi l-oħra kollha relatati ma' kooperazzjoni konsulari li jinvolvu t-trażmissjoni ta' data personali reġistrata fil-VIS jew relatata magħha, għat-trażmissjoni ta' talbiet lill-awtorità kompetenti tal-viża biex tgħaddi kopji tad-dokumenti tal-ivvjaġġar skont il-punt 7 tal-Artikolu 9 u dokumenti oħra li jappoġġaw l-applikazzjoni u għat-trażmissjoni ta' kopji elettroniċi ta' dawk id-dokumenti, kif ukoll għal talbiet skont l-Artikolu 9c u l-Artikolu 38(3). L-awtoritajiet tal-viża kompetenti għandhom iwieġbu għal kwalunkwe talba bħal din fi żmien żewġ ġranet tax-xogħol.";

(16) L-**Artikolu 17** jitħassar;

(17) it-titolu tal-**Kapitolu III** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"AĊĊESS GĦAD-DATA DWAR VIŻI GĦAL SOĠĠORN QASIR MINN AWTORITAJIET OĦRA"

(18) Fl-**Artikolu 18(6)** it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

“L-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-verifiki fil-fruntieri fejn l-EES hija operata għandhom jivverifikaw il-marki tas-swaba’ tad-detentur tal-viża mal-marki tas-swaba’ rreġistrati fil-VIS. Fejn il-marki tas-swaba’ ta’ detenturi tal-viża ma jistgħux jintużaw, it-tfittxija msemmija taħt il-paragrafu 1 għandha titwettaq bid-data alfanumerika prevista taħt il-paragrafu 1 *flimkien mal-immaġni tal-wiċċ*.”;

(19) jiżdied dan l-**Artikolu 20a** li ġej:

“Artikolu 20a

L-użu tad-data tal-VIS bil-għan li jiddaħħlu allerti tal-SIS dwar persuni neqsin u l-aċċess sussegwenti għal dik id-data

1. Id-data tal-marki tas-swaba’ maħżuna fil-VIS tista’ tintuża bil-għan li jiddaħħal allert dwar persuni neqsin skont l-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [*Ir-Regolament (UE) dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali*]. F’dawk il-każijiet, l-iskambju tad-data tal-marki tas-swaba’ għandu jsir permezz ta’ mezzi siguri lill-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru li għandu d-data.

2. Fejn hemm hit ma’ allert tas-SIS kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal u l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali, inklużi dawk responsabbli għall-ftuħ ta’ prosekuzzjonijiet pubbliċi fi proċeduri kriminali u għall-inkjesti ġudizzjarji qabel akkuża u l-awtoritajiet ta’ koordinazzjoni tagħhom, kif imsemmi *fl-Artikolu 43 tar*-Regolament (UE) ... *[COM(2016) 883 final – SIS LE]*, jistgħu, fit-twettiq tal-inkarigi tagħhom, jitolbu aċċess għad-data mdaħħla fil-VIS. Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Unjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhom japplikaw.

* Ir-Regolament (UE) .. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ ... (ĠU L .., p. …).”;

(20) fl-**Artikolu 22**, il-paragrafu 2 jinbidel b’dan li ġej:

“2. Jekk it-tfittxija bid-data elenkata fil-paragrafu 1 tindika li d-data dwar l-applikant għall-protezzjoni internazzjonali hija rreġistrata fil-VIS, l-awtorità kompetenti għall-ażil għandu jkollha aċċess biex tikkonsulta d-data li ġejja tal-applikant u ta’ kwalunkwe fajl konness tal-applikazzjoni tal-applikant skont l-Artikolu 8(3), unikament għall-għan imsemmi fil-paragrafu 1:

(a) in-numru tal-applikazzjoni;

(b) id-data meħuda mill-formola jew formoli tal-applikazzjoni, imsemmija fil-punti *(4), (5) u (7) tal-Artikolu 9;*

(c) ritratti;

(d) id-data mdaħħla fir-rigward ta' kwalunkwe viża maħruġa, annullata, irrevokata jew li l-validità tagħha hija estiża, imsemmija fl-Artikoli 10, 13 u 14;

(e) id-data msemmija fil-punti *(4) u (5)* tal-Artikolu 9 tal-fajls tal-applikazzjoni konnessi skont l-Artikolu 8(4).";

(21) L-**Artikolu 23** għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 23*

Perjodu ta' żamma għall-ħażna tad-data

1. Kull fajl għandu jinħażen fil-VIS għal massimu ta' ħames snin, mingħajr ħsara għat-tħassir imsemmi fl-Artikoli 24 u 25 u għaż-żamma ta' rekords imsemmija fl-Artikolu 34.

Dan il-perjodu għandu jibda:

(a) fid-data ta' skadenza tal-viża, tal-viża għal soġġorn twil jew *tal-permess ta' residenza*, jekk tkun inħarġet viża, viża għal soġġorn twil *jew permess ta' residenza*;

(b) fid-data ta' skadenza tal-viża, tal-viża għal soġġorn twil jew *tal-permess ta' residenza*, jekk tkun ġiet estiża viża, viża għal soġġorn twil *jew permess ta' residenza*;

(c) fid-data tal-ħolqien tal-fajl tal-applikazzjoni fil-VIS, jekk l-applikazzjoni ġiet irtirata, ġiet magħluqa jew ma tkomplietx;

(d) fid-data tad-deċiżjoni tal-awtorità *responsabbli* jekk viża, viża għal soġġorn twil jew *permess ta' residenza*, ġiet irrifjutata, annullata, imqassra, irtirata jew revokata, *kif applikabbli*.

2. Mal-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, il-VIS għandha awtomatikament tħassar il-fajl u l-links għal dan il-fajl kif imsemmi fl-Artikolu 8(3) u (4) u l-*Artikolu 22a(3) u (5)*.";

(22) fl-**Artikolu 24, il-paragrafu 2** jinbidel b'dan li ġej:

"2. Jekk Stat Membru għandu evidenza li tissuġġerixxi li data pproċessata fil-VIS mhix preċiża jew li dik id-data kienet ipproċessata fil-VIS f'mod li jmur kontra dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma lill-Istat Membru responsabbli immedjatament. Tali messaġġ għandi jintbagħat skont il-proċedura fl-Artikolu 16(3).

Fejn id-data ineżatta tirreferi għal links maħluqa skont l-Artikolu 8(3) jew (4), u l-Artikolu 22a(3), l-Istat Membru responsabbli għandu jagħmel il-verifiki meħtieġa u jagħti tweġiba fi żmien 48 siegħa, u, skont x'ikun il-każ, jirrettifika l-link. Jekk ma tingħatax tweġiba fiż-żmien stipulat, l-Istat Membru li jagħmel it-talba għandu jirrettifika l-link u jinnotifika lill-Istat Membru responsabbli bir-rettifika magħmula permezz tal-VISMail.";

(23) L-**Artikolu 25** huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Fejn, qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 23(1), applikant ikun ħa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru, il-fajls tal-applikazzjoni, il-fajls u l-links imsemmija fl-Artikolu 8(3) u (4), l-*Artikolu 22a(3)* li huma relatati miegħu jew magħha għandhom jiġu mħassra

mingħajr dewmien mill-VIS mill-Istat Membru li ħoloq il-fajl(s) tal-applikazzjoni u l-links rispettivi.”;

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem “infrastruttura tal-VIS” jinbidlu bi “il-VISMail”.

(24) fl-**Artikolu 26**, jiżdied il-paragrafu 8*a* li ġej:

“*8a*. Eu-LISA għandha tkun permessa tuża data personali reali anonimizzata tas-sistema tal-produzzjoni tal-VIS għal finijiet ta’ ttestjar fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) għad-dijanjostika u t-tiswija meta jiġu skoperti ħsarat bis-Sistema Ċentrali;

(b) għall-ittestjar ta’ teknoloġiji u tekniki ġodda rilevanti biex tittejjeb il-prestazzjoni tas-Sistema Ċentrali jew it-trażmissjoni tad-data lejha.

F’każijiet bħal dawn, il-miżuri tas-sigurtà, il-kontroll tal-aċċess u l-attivitajiet tal-illoggjar fl-ambjent tal-ittestjar għandhom ikunu ugwali għal dawk għas-sistema tal-produzzjoni tal-VIS. Id-data personali reali adottat għall-ittestjar għandha tiġi magħmula anonima b’tali mod li s-suġġett tad-data ma jibqax aktar identifikabbli.”;

(25) L-**Artikolu 27** għandu jinbidel b’dan li ġej:

“*Artikolu 27*

Il-post tas-Sistema Ċentrali ta’ Informazzjoni dwar il-Viża

Il-VIS Ċentrali prinċipali, li twettaq funzjonijiet ta’ superviżjoni u amministrazzjoni teknika, għandha tkun tinsab fi Strasburgu (Franza) u l-VIS Ċentrali ta’ riżerva (backup), kapaċi li tiżgura l-funzjonalitajiet kollha tal-VIS Ċentrali prinċipali, għandha tkun tinsab f’Sankt Johann im Pongau (l-Awstrija).

Iż-żewġ siti jistgħu jintużaw simultanjament għal operazzjoni attiva tal-VIS sakemm it-tieni sit jibqa’ kapaċi li jiżgura l-operazzjoni tiegħu fil-każ ta’ ħsara fis-sistema.”;

(26) L-**Artikolu 29** huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu għandu jinbidel b’dan li ġej:

“Responsabiltà għall-użu *u l-kwalità* tad-data”;

(b) fil-paragrafu 1, il-punt (c) jinbidel b’dan li ġej:

“(c) id-data hija preċiża, aġġornata u ta’ livell adegwat ta’ kwalità u kompletezza meta hija trażmessa lill-VIS.”;

(c) fil-punt (a) tal-paragrafu 2, il-kelma “VIS” tinbidel bil-kliem “VIS jew is-CIR” fiż-żewġ istanzi fejn tidher;

(d) għandu jiżdied il-paragrafu *2a* li ġej:

“2a. L-awtorità ta’ ġestjoni flimkien mal-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tmantni mekkaniżmi u proċeduri awtomatizzati tal-kontroll tal-kwalità tad-data biex jitwettqu verifiki tal-kwalità fuq id-data fil-VIS u għandha tipprovdi rapporti regolari lill-Istati Membri. L-awtorità ta’ ġestjoni għandha tipprovdu rapport regolari lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni dwar il-kontrolli tal-kwalità tad-data.

Dan il-mekkaniżmu, il-proċeduri u l-interpretazzjoni tal-konformità tal-kwalità tad-data għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).";

(27) jiżdied dan l-**Artikolu 29a** li ġej:

"Artikolu 29a
Regoli speċifiċi biex tiddaħħal id-data

1. L-entrata tad-data msemmija fl-Artikoli 9, 22c u 22d fil-VIS għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet preliminari li ġejjin:

   (a) data skont l-Artikoli 9, 22c u 22d u l-Artikolu 6(4) tista' tintbagħat biss lill-VIS wara verifika tal-kwalità mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli;

   (b) data skont l-Artikoli 9, 22c u 22d u l-Artikolu 6(4) tiġi pproċessata mill-VIS wara verifika tal-kwalità mwettqa mill-VIS skont il-paragrafu 2.

2. Il-verifiki tal-kwalità għandhom jitwettqu mill-VIS hekk kif ġej:

   (a) meta jinħolqu fajls tal-applikazzjoni jew fajls ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-VIS, għandhom jitwettqu verifiki tal-kwalità fuq id-data msemmija fl-Artikoli 9, 22c u 22d; jekk dawn il-verifiki jonqsu milli jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità stabbiliti, il-VIS għandha tinnotifika awtomatikament lill-awtorità jew l-awtoritajiet responsabbli;

   (b) il-proċeduri awtomatizzati skont l-Artikolu 9(a)(3) u l-Artikolu 22b(2) jistgħu jiġu skattati mill-VIS biss wara verifika tal-kwalità mwettqa mill-VIS skont dan l-Artikolu; jekk dawn il-verifiki jonqsu milli jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità stabbiliti, il-VIS għandha tinnotifika awtomatikament lill-awtorità jew l-awtoritajiet responsabbli;

   (c) il-verifiki tal-kwalità fuq l-immaġni tal-wiċċ u d-data dattilografika għandhom jitwettqu meta jinħolqu fajls tal-applikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-VIS, sabiex jiġi aċċertat li jintlaħqu l-istandards minimi tal-kwalità tad-data biex jippermettu t-tqabbil bijometriku;

   (d) il-verifiki tal-kwalità fuq id-data skont l-Artikolu 6(4) għandhom jitwettqu meta tinħażen informazzjoni fuq l-awtoritajiet maħtura nazzjonali fil-VIS.

3. Standards tal-kwalità għandhom jiġu stabbiliti għall-ħażna tad-data msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. L-ispeċifikazzjoni ta' dawn l-istandards għandhom jiġu stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(2).";

(28) fl-**Artikolu 31**, il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Mingħajr ħsara għar-Regolament (UE) 2016/679, id-data msemmija fl-Artikolu 9(4)(a), (b), (c), (k) u (m); *9(6) u 9(7)* jistgħu jiġu ttrasferiti jew magħmula disponibbli lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali elenkata fl-Anness, biss jekk meħtieġ f'każijiet individwali bl-iskop li tagħti prova tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiż terz, u biss bl-iskop ta' ritorn skont id-Direttiva 2008/115/KE jew ta' risistemazzjoni skont ir-*Regolament* …[*ir-*

Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni], u sakemm l-Istat Membru li daħħal id-data fil-VIS ikun ta l-approvazzjoni tiegħu.";

(29) L-**Artikolu 34** għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 34*
Żamma tal-logs

1. Kull Stat Membru, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Awtorità ta' Ġestjoni għandhom iżommu logs tal-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-data fil-VIS. Dawn il-logs għandhom juru l-iskop tal-aċċess imsemmi fl-Artikolu 6(1), l-Artikolu 20a(1), l-Artikolu 22k*(1)* u l-Artikoli 15 sa 22 u *22g sa 22j*, id-data u l-ħin, it-tip ta' data trażmessa kif imsemmi fl-Artikoli 9 sa 14, it-tip ta' data użata għall-interrogazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 15(2), l-Artikolu 18, l-Artikolu 19(1), l-Artikolu 20(1), l-Artikolu 21(1), l-Artikolu 22(1), l-Artikolu *22g, l-Artikolu 22h, l-Artikolu 22i, l-Artikolu 22j*, l-Artikolu 45a, u l-Artikolu 45d u l-isem tal-awtorità li qed iddaħħal jew taċċessa d-data. Minbarra dan, kull Stat Membru għandu jżomm logs tal-persunal debitament awtorizzat li jdaħħal jew jaċċessa d-data.

2. Għall-operazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 45b għandu jinżamm log ta' kull operazzjoni tal-ipproċessar tad-data li ssir fil-VIS u fl-EES f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2226/2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES).

3. Tali logs jistgħu jintużaw biss għall-monitoraġġ tal-protezzjoni tad-data meta jkun permess l-ipproċessar tad-data, kif ukoll sabiex jiżguraw is-sigurtà tad-data. Il-logs għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u mħassra wara perjodu ta' sena wara li jkun skada l-perjodu ta' żamma msemmi fl-Artikolu 23(1), jekk mhumiex meħtieġa għal proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà nbdew.";

(30) L-**Artikolu 37** huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, is-sentenza introduttorja 1 tinbidel b'dan li ġej:

"Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni msemmija fl-Artikoli 9(4)(f), 22c(2)(e) jew 22d(e) għandhom ikunu infurmati mill-Istat Membru responsabbli dwar dan li ġej:";

(b) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta bil-miktub lil ċittadin ta' pajjiż terz meta d-data, ir-ritratt jew id-data tal-marki tas-swaba' kif imsemmija fil-punti (4), (5) u (6) tal-Artikolu 9, l-Artikolu 22c(2) u l-Artikolu 22d (a) sa (g) huma miġbura, u fejn meħtieġ, oralment, f'lingwa u manjiera li s-suġġett tad-data jifhem jew huwa raġonevolment preżunt li jifhem. It-tfal għandhom jiġu infurmati f'manjiera li hija adatta għall-età, permezz ta' fuljetti u/jew infografika u/jew dimostrazzjonijiet imfassla speċjalment biex jispjegaw il-proċedura għat-teħid tal-marki tas-swaba.";

(c) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

Fejn m'hemmx tali formola ffirmata minn dawk il-persuni, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/679.";

(31) fl-**Artikolu 38**, **il-paragrafu 3** għandu jinbidel b'dan li ġej:

“3. Jekk it-talba kif prevista fil-paragrafu 2 issir lil Stat Membru, li mhux l-Istat Membru responsabbli, l-awtoritajiet tal-Istat Membru li għandu saret it-talba għandu jikkuntattja lill-awtoritajiet tal-Istat Membru responsabbli f’limitu ta’ żmien ta’ sebat ijiem. L-Istat Membru responsabbli għandu jivverifika l-korrettezza tad-data u l-legalità tal-ipproċessar tagħha fil-VIS f’limitu ta’ żmien ta’ xahar.”;

(32) fl-**Artikolu 43**, il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

“1. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jaġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet ta’ sorveljanza nazzjonali fir-rigward ta’ kwistjonijiet speċifiċi li jkunu jeħtieġu l-involviment nazzjonali, b’mod partikolari jekk il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jew awtorità ta’ sorveljanza nazzjonali jsibu diskrepanzi kbar bejn prattiki tal-Istati Membri jew isibu trasferimenti potenzjalment illegali fl-użu tal-kanali ta’ komunikazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà, jew fil-kuntest ta’ mistoqsijiet imqajma minn xi awtorità ta’ sorveljanza nazzjonali waħda jew aktar dwar l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni ta’ dan ir-Regolament.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, is-superviżjoni koordinata għandha tiġi żgurata f’konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) XXXX/2018 [ir-Regolament 45/2001 rivedut].”;

(33) fl-**Artikolu 45**, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

“3. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kwalità, ir-riżoluzzjoni u l-użu tal-marki tas-swaba’ u tal-immaġni tal-wiċċ għall-verifika u l-identifikazzjoni bijometrika fil-VIS għandhom jiġu stipulati fl-atti ta’ implimentazzjoni. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 49(2).”;

(34) jiżdied dan l-**Artikolu 45a** li ġej:

“Artikolu 45a
Użu tad-data għar-rappurtar u l-istatistika

1. Il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni, tal-eu-LISA u tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta stabbilita mir-Regolament (UE) 2016/1624 għandu jkollhom aċċess sabiex jikkonsultaw id-data li ġejja, unikament għall-finijiet ta’ rappurtar u statistika mingħajr ma jippermettu l-identifikazzjoni ta’ individwi:

    (a) l-informazzjoni dwar l-istatus;

    (b) l-awtorità kompetenti, inkluż il-post fejn tinsab;

    (c) sess, data tat-twelid u nazzjonalità kurrenti tal-applikant;

    (d) l-Istat Membru tal-ewwel dħul, biss fir-rigward ta’ viżi għal soġġorn qasir;

    (e) data u post tal-applikazzjoni jew tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni (maħruġa jew irrifjutata);

    (f) it-tip ta’ dokument maħruġ, jiġifieri jekk hux VTA, uniformi jew VTL, viża għal soġġorn twil jew permess ta’ residenza;

(g) it-tip tad-dokument tal-ivvjaġġar u l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż li jkun ħareġ id-dokument, biss fir-rigward ta' viżi għal soġġorn qasir;

(h) ir-raġunijiet indikati għal kwalunkwe deċiżjoni dwar id-dokument jew l-applikazzjoni, biss fir-rigward ta' viżi għal soġġorn qasir; fir-rigward tal-viżi għal soġġorn twil u l-permessi ta' residenza, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni (jekk għandhiex tinħareġ jew tiġi rrifjutata l-applikazzjoni u fuq liema raġuni);

(i) l-awtorità kompetenti, inkluż il-post fejn tinsab, li rrifjutat l-applikazzjoni u d-data tar-rifjut, biss fir-rigward ta' viżi għal soġġorn qasir;

(j) il-każijiet fejn l-istess applikant applika għal viża għal soġġorn qasir mingħand aktar minn awtorità tal-viża waħda, b'indikazzjoni ta' dawn l-awtoritajiet tal-viża, il-post fejn jinsabu u d-dati tar-rifjut, biss fir-rigward ta' viżi għal soġġorn qasir;

(k) Fir-rigward ta' viża għal soġġorn qasir, l-iskop ewlieni jew l-iskopijiet ewlenin tal-vjaġġ; fir-rigward ta' viżi għal soġġorn twil u permess ta' residenza, l-iskop tal-applikazzjoni;

(l) id-data mdaħħla fir-rigward ta' kwalunkwe dokument irtirat, annullat, irrevokat jew li l-validità tiegħu hija estiża, kif applikabbli;

(m) fejn applikabbli, id-data ta' skadenza tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza;

(n) l-għadd ta' persuni eżentati mir-rekwiżit li jagħtu l-marki tas-swaba' skont l-Artikolu 13(7) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.

(o) il-każijiet li fihom id-data msemmija fil-punt (6) tal-Artikolu 9 fattwalment tista' ma tkunx ipprovduta f'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(5);

(p) il-każijiet li fihom id-data msemmija fil-punt (6) tal-Artikolu 9 ma tkunx meħtieġa li tiġi pprovduta għal raġunijiet legali, f'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(5);

(q) il-każijiet li fihom persuna li fattwalment setgħetx tipprovdi d-data msemmija fil-punt (6) tal-Artikolu 9 tiġi rrifjutata viża, f'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(5).

Il-persunal awtorizzat kif xieraq tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandu jkollu aċċess biex jikkonsulta d-data msemmija fl-ewwel subparagrafu għall-finijiet ta' twettiq ta' analiżi tar-riskju u ta' valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà kif imsemmija fl-Artikoli 11 u 13 tar-Regolament (UE) 2016/1624.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-eu-LISA għandha taħżen id-data msemmija f'dak il-paragrafu fir-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u għall-istatistika msemmija fl-[Artikolu 39 tar-Regolament 2018/XX [*dwar l-interoperabilità*]

3. Il-proċeduri stabbiliti mill-eu-LISA biex timmonitorja l-funzjonament tal-VIS imsemmija fl-Artikolu 50(1) għandhom jinkludu l-possibbiltà li tiġi ġġenerata statistika regolari biex jiġi żgurat dak il-monitoraġġ.

4. Kull tliet xhur, l-eu-LISA għandha tiġbor l-istatistika bbażata fuq id-data tal-VIS dwar viżi għal soġġorn qasir li turi, għal kull post fejn ġiet ippreżentata viża, b'mod partikolari:

(a) total ta' viżi ta' tranżitu minn ajruport li saret applikazzjoni għalihom, inklużi għal viżi ta' tranżitu minn ajruport bi dħul multiplu;

(b) total ta' viżi maħruġa, inklużi viżi A multipli;

(c) total ta' viżi multipli maħruġa;

(d) total ta' viżi mhux maħruġa, inklużi viżi A multipli;

(e) total ta' viżi uniformi li saret applikazzjoni għalihom, inklużi għal viżi uniformi bi dħul multiplu;

(f) total ta' viżi maħruġa, inklużi viżi bi dħul multiplu;

(g) total ta' viżi bi dħul multiplu maħruġa, diviż bit-tul ta' żmien tal-validità (taħt is-sitt xhur, sena, sentejn, 3 snin, 4 snin, 5 snin),

(h) total ta' viżi uniformi mhux maħruġa, inklużi viżi bi dħul multiplu;

(i) total ta' viżi b'validità territorjali limitata maħruġa.

L-istatistika ta' kuljum għandha tinħażen fir-repożitorju ċentrali għar-rappurtar u l-istatistika.

5. Kull tliet xhur, l-eu-LISA għandha tiġbor l-istatistika bbażata fuq id-data tal-VIS dwar viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza li turi, għal kull post, b'mod partikolari:

(a) total ta' viżi għal soġġorn twil li saret applikazzjoni għalihom, u dawk maħruġa, irrifjutati, estiżi jew irtirati;

(b) total ta' permessi ta' residenza li saret applikazzjoni għalihom, u dawk maħruġa, irrifjutati, estiżi jew irtirati.

6. Fl-aħħar ta' kull sena, id-data tal-istatistika għandha tinġabar fil-forma ta' statistika trimestrali għal dik is-sena. L-istatistika għandu jkun fiha analiżi dettaljata tad-data għal kull Stat Membru.

7. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tipprovdiha bi statistika dwar aspetti speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viża jew tal-politika dwar il-migrazzjoni, inkluż dwar aspetti skont l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013.";

(35) jiżdiedu dawn l-**Artikoli 45b, 45c, 45d u 45e** li ġejjin:

"**Artikolu 45b**

Aċċess għad-data għall-verifika tat-trasportaturi

1. Sabiex jissodisfaw l-obbligu tagħhom skont il-punt (b) tal-Artikolu 26(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, it-trasportaturi bl-ajru, it-trasportaturi bil-baħar u trasportaturi internazzjonali li jittrasportaw gruppi fuq l-art bil-coach għandhom jibagħtu tfittxija lill-VIS sabiex jivverifikaw jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom viża għal soġġorn qasir, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza għandhomx jew le viża għal soġġorn qasir, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza validi, kif applikabbli. Għal dan il-għan, fir-rigward ta' viżi għal soġġorn qasir, it-trasportaturi għandhom jipprovdu d-data elenkata fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament jew fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 22c, kif applikabbli.

2. Bl-iskop li jiġi implimentat il-paragrafu 1 jew bl-iskop li tiġi solvuta kwalunkwe tilwima potenzjali li toriġina mill-applikazzjoni tiegħu, l-eu-LISA għandha żżomm logs tal-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-data mwettqa mit-trasportaturi fil-portal tat-trasportaturi. Dawn il-logs għandhom juru d-data u l-ħin ta' kull operazzjoni, id-data użata għall-interrogazzjoni, id-data mibgħuta mill-portal tat-trasportaturi u l-isem tat-trasportatur inkwistjoni.

   Il-logs għandhom jinħażnu għal perijodu ta' sentejn. Il-logs għandhom jiġu protetti b'mezzi xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat.

3. L-aċċess sigur għall-portal tat-trasportaturi msemmija fl-Artikolu 1(2)(h) tad-Deċiżjoni 2004/512/KE kif emendat b'dan ir-Regolament għandu jippermetti lit-trasportaturi biex jipproċedu bil-konsultazzjoni tat-tfittxija msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma' passiġġier jitla' abbord. Għal din il-fini, it-trasportatur għandu jibgħat it-tfittxija biex jingħata permess jikkonsulta l-VIS bl-użu tad-data li tinsab fil-parti tad-dokument tal-ivvjaġġar li tista' tinqara minn magna.

4. Il-VIS għandha tirrispondi billi tindika jekk il-persuna għandhiex viża valida jew le, billi tagħti lit-trasportaturi tweġiba OK/NOT OK.

5. Għandha titwaqqaf skema ta' awtentikazzjoni, irriżervata esklussivament għat-trasportaturi, biex tippermetti aċċess għall-portal tat-trasportaturi għall-finijiet tal-paragrafu 2 mill-membri debitament awtorizzati tal-persunal tat-trasportaturi. L-iskema ta' awtentikazzjoni għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 49(2).

Artikolu 45c

Proċeduri ta' riżerva fil-każ ta' impossibbiltà teknika biex tiġi aċċessata data mit-trasportaturi

1. Jekk ikun teknikament impossibbli li wieħed jipproċedi bit-tfittxija ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 45b(1), minħabba nuqqas ta' kwalunkwe parti tal-VIS jew għal raġunijiet oħra li ma jkunux fil-kontroll tat-trasportaturi, it-trasportaturi għandhom ikunu eżenti mill-obbligu li jivverifikaw il-pussess ta' viża jew dokument tal-ivvjaġġar validu billi jintuża l-portal tat-trasportaturi. Fejn nuqqas bħal dan jinstab mill-Awtorità ta' Ġestjoni, din għandha tinnotifika lit-trasportaturi. Għandha wkoll tinnotifika lit-trasportaturi meta n-nuqqas jiġi rimedjat. Fejn nuqqas bħal dan jinstab mit-trasportaturi, dawn għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità ta' Ġestjoni.

2. Id-dettalji tal-proċeduri ta' riżerva għandhom ikunu stipulati f'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmi fl-Artikolu 49(2).

Artikolu 45d

Aċċess għad-data tal-VIS mit-timijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

1. Sabiex jeżerċitaw l-inkarigi u s-setgħat skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u flimkien mal-aċċess stipulat fl-Artikolu 40(8) ta' dak ir-Regolament, il-membri tat-timijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, kif ukoll it-timijiet tal-persunal involut f'operazzjonijiet relatati mar-ritorn, għandhom, fi ħdan il-mandat tagħhom, jkollhom id-dritt jaċċessaw u jfittxu data mdaħħal fil-VIS.

2. Biex tiżgura l-aċċess imsemmi fil-paragrafu 1, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha taħtar unità speċjalizzata b'uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li huma debitament awtorizzati bħala l-punt ta' aċċess ċentrali. Il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jivverifika li l-kundizzjonijiet għat-talba għall-aċċess għall-VIS stabbiliti fl-Artikolu 45e huma sodisfatti.

* Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

Artikolu 45e

Kundizzjonijiet u proċedura għal aċċess għad-data tal-VIS mit-timijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

1. Fir-rigward tal-aċċess imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 45d, it-tim Ewropew tal-Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jista' jissottometti talba għall-konsultazzjoni tad-data kollha jew għal sett speċifiku ta' data maħżun fil-VIS lill-punt ta' aċċess ċentrali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta msemmi fl-Artikolu 45d(2). It-talba għandha tirreferi għall-pjan operazzjonali dwar il-kontrolli tal-fruntieri, is-sorveljanza tal-fruntieri u/jew ir-ritorn ta' dak l-Istat Membru fuq liema t-talba hija bbażata. Kif tirċievi talba għal aċċess, il-punt ta' aċċess ċentrali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandu jivverifika jekk il-kundizzjonijiet għall-aċċess imsemmi fil-paragrafu 2 humiex sodisfatti. Jekk il-kundizzjonijiet kollha għall-aċċess huma sodisfatti, il-persunal debitament awtorizzat tal-punt ċentrali ta' aċċess għandhom jipproċessaw it-talbiet. Id-data tal-VIS li tiġi aċċessata għandha tintbagħat lit-tim b'tali mod li ma tikkompromettix is-sigurtà tad-data.

2. Sabiex jingħata l-aċċess, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) l-Istat Membru ospitanti jawtorizza lill-membri tat-tim biex jikkonsultaw il-VIS sabiex iwettqu l-miri operazzjonali speċifikati fil-pjan operazzjonali dwar kontrolli tal-fruntieri, sorveljanza ta' fruntieri u ritorn, u

b) il-konsultazzjoni tal-VIS hija meħtieġa biex jitwettqu l-inkarigi speċifiċi fdati lit-tim mill-Istat Membru ospitanti.

3. Skont l-Artikolu 40(3) tar-Regolament (UE) 2016/1624, il-membri tat-timijiet, kif ukoll it-timijiet tal-persunal involut fl-inkarigi relatati mar-ritorn jistgħu jaġixxu biss b'rispons għal informazzjoni miksuba mill-VIS taħt istruzzjonijiet minn u, bħala regola ġenerali, fil-preżenza ta' gwardji tal-fruntiera jew persunal involut f'inkarigi relatati mar-ritorn tal-Istat Membru ospitanti fejn qed joperaw. L-Istat Membru ospitanti jista' jawtorizza lill-membri tat-timijiet biex jaġixxu f'ismu.

4. F'każ ta' dubju jew jekk ma tirnexxix il-verifika tal-identità tad-detentur ta' viża, id-detentur ta' viża għal soġġorn twil jew id-detentur ta' permess ta' residenza, il-membru tat-tim tal-Gwardji Ewropej tal-Fruntiera u tal-Kosta għandu jirreferi lill-persuna lil gwardja tal-fruntiera tal-Istat Membru ospitanti.

5. Il-konsultazzjoni tad-data tal-VIS minn membri tat-timijiet għandha ssir hekk kif ġej:

a) Meta jkunu qed jeżerċitaw inkarigi relatati mal-kontrolli tal-fruntieri skont ir-Regolament (UE) 2016/399, il-membri tat-timijiet għandu jkollhom aċċess għad-data tal-VIS għall-verifika fil-postijiet ta' qsim tal-fruntieri esterni skont l-Artikoli 18 jew 22g ta' dan ir-Regolament rispettivament;

b) Meta jkunu qed jivverifikaw jekk humiex sodisfatti l-kundizzjonijiet għad-dħul fit-territorju tal-Istati Membri, jew għas-soġġorn jew għar-residenza, il-membri tat-timijiet għandu jkollhom aċċess għad-data tal-VIS għall-verifika fit-territorju ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont l-Artikoli 19 jew 22h ta' dan ir-Regolament rispettivament;

c) Meta jkunu qed jidentifikaw lil kwalunkwe persuna li jista' jkun ma tissodisfax, jew ma tibqax tissodisfa aktar, il-kundizzjonijiet biex tidħol, toqgħod jew tgħix fit-territorju tal-Istati Membri, il-membri tat-timijiet għandu jkollhom aċċess għad-data tal-VIS għal identifikazzjoni skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.

6. Fejn tali aċċess u tfittxija jiżvelaw l-eżistenza ta' hit fil-VIS, l-Istat Membru ospitanti għandu jiġi informat b'dan.

7. Kull log tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data fil-VIS minn membru tat-timijiet tal-Gwardji Ewropej tal-Fruntiera u tal-Kosta jew timijiet tal-persunal f'inkarigi relatati mar-ritorn għandu jinżamm mill-Awtorità ta' Ġestjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34.

8. Kull aċċess u kull tfittxija mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandhom jiġu rreġistrati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 u għandu jiġi reġistrat kull użu li jsir mid-data aċċessata mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

9. Ħlief fejn ikun meħtieġ biex jitwettqu l-inkarigi għall-finijiet tar-Regolament li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) l-ebda parti tas-SIS ma għandha tkun konnessa ma' xi sistema tal-kompjuter għall-ġbir u għall-ipproċessar ta' data li tkun imħaddma mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jew fiha u lanqas ma għandu jsir trasferiment lil tali sistema tad-data li tinsab fil-VIS li għaliha jkollha aċċess l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. L-ebda parti mill-VIS ma għandha titniżżel. Ir-reġistri tal-aċċess u tat-tfittxijiet ma għandhomx jiġu interpretati li huma tniżżil jew ikkuppjar ta' data tal-VIS.

10. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha tadotta u tapplika miżuri biex tiżgura s-sigurtà tad-data kif stipulat fl-Artikolu 32."

(36) L-**Artikolu 49** għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 49

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).”;

(37) jiżdied dan l-**Artikolu 49a** li ġej:

“Artikolu 49a
Grupp konsultattiv

Għandu jiġi stabbilit Grupp Konsultattiv mill-eu-LISA u jipprovdiha bit-tagħrif espert relatat mal-VIS b’mod partikolari fil-kuntest tat-tħejjija tal-programm ta’ ħidma annwali tagħha u tar-rapport annwali ta’ attività tagħha.” ;

(38) L-**Artikolu 50** għandu jinbidel b’dan li ġej:

“Artikolu 50

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

1. L-Awtorità ta’ Ġestjoni għandha tiżgura li hemm proċeduri fis-seħħ sabiex jissorveljaw il-funzjonament tal-VIS ma’ miri relatati ma’ rendiment, kosteffettività, sigurtà u kwalità tas-servizz.

2. Għall-finijiet ta’ manteniment tekniku, l-Awtorità ta’ Ġestjoni għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni neċessarja marbuta mal-ħidmiet tal-ipproċessar imwettqa fil-VIS.

3. Kull sentejn l-eu-LISA għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS, inkluż is-sigurtà tagħha.

4. Filwaqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni sensittiva, kull Stat Membru u l-Europol għandhom iħejju rapporti annwali dwar l-effettività tal-aċċess għad-data tal-VIS għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi li jkun fihom informazzjoni u statistika dwar:

   (a) l-iskop preċiż tal-konsultazzjoni inkluż it-tip ta’ reat terroristiku jew ta’ reat kriminali serju;

(b) raġunijiet raġonevoli mogħtija għas-suspett sostanzjat li l-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma tkun koperta b'dan ir-Regolament;

(c) l-għadd ta' talbiet għall-aċċess għall-VIS għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi;

(d) l-għadd u t-tip ta' każijiet li rriżultaw f'identifikazzjonijiet pożittivi.

Ir-rapporti annwali tal-Istati Membri u tal-Europol għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

5. Kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tipproduċi evalwazzjoni ġenerali tal-VIS. Din l-evalwazzjoni ġenerali għandha tinkludi eżami tar-riżultati miksuba fit-twettiq tal-objettivi u valutazzjoni tal-validità kontinwa tal-ħsibijiet sottostanti, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-VIS, is-sigurtà tal-VIS, l-użu magħmul mid-dispożizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 31 u kwalunkwe implikazzjoni ta' operazzjonijiet futuri. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Awtorità ta' Ġestjoni u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-abbozzar tar-rapporti msemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5.

7. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex tipproduċi l-evalwazzjonijiet ġenerali msemmija fil-paragrafu 5.";

(39) It-titlu tal-anness 1 hu mibdul b'dan li ġej:

"Lista ta' organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 31(1)".

(40) Wara l-Artikolu 22, jiddaħħlu l-**Kapitoli IIIa u IIIb** li ġejjin:

KAPITOLU IIIa

DĦUL U UŻU TA' DATA DWAR VIŻI GĦAL SOĠĠORN QASIR U PERMESSI TA' RESIDENZA"

Artikolu 22a

Proċeduri dwar kif tiddaħħal data wara deċiżjoni dwar applikazzjoni għal viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza

1. Wara deċiżjoni dwar applikazzjoni għal viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza, l-awtorità li ħarġet dik id-deċiżjoni għandha toħloq il-fajl individwali mingħajr dewmien, billi ddaħħal id-data msemmija fl-Artikolu 22c jew l-Artikolu 22d fil-VIS.

2. Hekk kif jinħoloq il-fajl individwali, il-VIS tniedi t-tfittxija awtomatikament skont l-Artikolu 22b.

3. Jekk id-detentur applika bħala parti minn grupp jew ma' membru tal-familja, l-awtorità għandha toħloq fajl individwali għal kull persuna fil-grupp u tillinkja l-fajls

tal-persuni li applikaw flimkien u li nħarġitilhom viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza.

4. Fejn il-forniment ta' data partikulari mhux meħtieġ skont leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jew fil-fatt ma tistax tkun ipprovduta, l-oqsma speċifiċi għad-data għandhom ikunu mmarkati bħala "mhux applikabbli". Fil-każ tal-marki tas-swaba', is-sistema għandha tippermetti li ssir distinzjoni bejn il-każi fejn m'hemmx l-obbligu li l-marki tas-swaba' jkunu pprovduti skont leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali u l-każi fejn fil-fatt ma jistgħux ikunu pprovduti.

Artikolu 22b

Tfittxijiet f'sistemi oħrajn

1. Unikament għall-iskop li tivvaluta jekk il-persuna tistax tkun ta' theddida għall-politika pubblika, jew għas-sigurtà interna jew għas-saħħa pubblika tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 6(1)(e) tar-Regolament (UE) 2016/399, il-fajls għandhom jiġu pproċessati awtomatikament mill-VIS biex jidentifikaw il-hit(s). Il-VIS għandha teżamina kull fajl individwalment.

2. Kull darba li fajl individwali jinħoloq mal-ħruġ jew rifjut skont l-Artikolu 22d ta' viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza, il-VIS għandha tniedi tfittxija billi tuża l-Portal Ewropew tat-Tfittxija ddefinit fl-Artikolu 6(1) [*tar-Regolament dwar l-Interoperabilità*] biex tqabbel id-data rilevanti msemmija fl-Artikolu 22c(2)(a), (b), (c), (f) u (g) ta' dan ir-Regolament mad-data rilevanti fil-VIS, fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), inkluż il-lista ta' sorveljanza msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/XX għall-finijiet tal-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar, [is-sistema ECRIS-TCN fir-rigward ta' kundanni relatati ma' reati terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji], id-data tal-Europol, il-bażi tad-data tal-Interpol dwar Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqa jew Mitlufa (SLTD) u l-bażi tad-data tal-Interpol dwar Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN).

3. Il-VIS għandha żżid referenza għal kwalunkwe hit miksuba skont il-paragrafi (2) u (5) tal-fajl individwali. Barra minn dan, il-VIS għandha tidentifika, fejn rilevanti, l-Istat Membru jew l-Istati Membri li daħħlu jew ipprovdew id-data li skattat il-hit(s) jew il-Europol, u għandha tirreġistra dan fil-fajl individwali.

4. Għall-finijiet tal-Artikolu 2(2)(f) fir-rigward ta' viża maħruġa jew viża estiża għal soġġorn twil, it-tfittxijiet imwettqa skont 22b paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom iqabblu d-data rilevanti fl-Artikolu 22c(2), mad-data preżenti fis-SIS biex jiġi ddeterminat jekk id-detentur hux suġġett għal wieħed mill-allerti li ġejjin:

   (a) allert fir-rigward ta' persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja jew ta' estradizzjoni;

   (b) allert fir-rigward ta' persuni neqsin;

   (c) allert fir-rigward ta' persuni mfittxija biex jassistu fi proċedura ġudizzjarja;

(d) allert dwar persuni u oġġetti għal kontrolli diskreti jew kontrolli speċifiċi.

Fejn it-tqabbil imsemmi f'dan il-paragrafu jirrapporta hit waħda jew aktar, il-VIS għandha tibgħat notifika awtomatizzata lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li nieda t-tfittxija u għandha tieħu kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa.

5. Fir-rigward tal-konsultazzjoni tad-data tal-EES, l-ETIAS u l-VIS skont il-paragrafu 2, il-hits għandhom ikunu limitati biex jindikaw ir-rifjuti ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, ta' dħul jew ta' viża li huma bbażati fuq raġunijiet tas-sigurtà.

6. Fejn il-viża għal soġġorn twil u il-permess ta' residenza jinħareġ jew jiġi estiż minn awtorità konsolari ta' Stat Membru, għandu japplika l-Artikolu 9a.

7. Fejn il-permess ta' residenza jinħareġ jew jiġi estiż jew fejn viża għal soġġorn twil tiġi estiża minn awtorità fit-territorju ta' Stat Membru, għandu japplika dan li ġej:

(a) li l-awtorità għandha tivverifika jekk id-data rreġistrata fil-fajl individwali tikkorrispondix mad-data preżenti fil-VIS, jew f'waħda mis-sistemi/bażijiet tad-data ta' informazzjoni tal-UE, id-data tal-Europol, jew il-bażijiet tad-data tal-Interpol ikkonsultati kont il-paragrafu 2;

(b) fejn il-hit skont il-paragrafu 2 hija relatata mad-data tal-Europol, l-unità nazzjonali tal-Europol għandha tkun infurmata għal segwitu;

(c) fejn l-ebda data ma tikkorrispondi, u ma ġiet irrappurtata l-ebda hit oħra matul l-ipproċessar awtomatizzat skont il-paragrafi 2 u 3, l-awtorità għandha tħassar il-hit falza mill-fajl tal-applikazzjoni;

(d) fejn id-data tikkorrispondi għall-identità tal-applikant, jew fejn jibqgħu xi dubji, l-awtorità għandha tieħu azzjoni dwar id-data li skattat il-hit skont il-paragrafu 4 skont il-proċeduri, il-kundizzjonijiet u l-kriterji pprovduti mil-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali.

Artikolu 22c

Għandu jinħoloq fajl individwali għal viża għal soġġorn twil jew għal permess ta' residenza maħruġ

Fajl individwali maħluq skont l-Artikolu 22a(1) għandu jkun fih id-data li ġejja:

(1) l-awtorità li ħarġet id-dokument, inkluż il-post fejn tinsab;

(2) id-data li ġejja tad-detentur:

(a) kunjom (isem tal-familja); isem/ismijiet; data tat-twelid; nazzjonalità jew nazzjonalitajiet kurrenti; sess; data, post u pajjiż tat-twelid;

(b) it-tip u n-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar u l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż li jkun ħareġ id-dokument tal-ivvjaġġar;

(c) id-data tal-iskadenza tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar;

(cc) l-awtorità li ħarġet id-dokument tal-ivvjaġġar;

(d) fil-każ ta' minorenni, il-kunjom u l-isem (ismijiet) tal-awtorità tal-ġenituri jew tat-tutur legali tad-detentur;

(e) il-kunjom, l-isem u l-indirizz tal-persuna fiżika jew l-isem u l-indirizz tal-impjegatur jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni oħra fuq liema kienet ibbażata l-applikazzjoni;

(f) immaġni tal-wiċċ tad-detentur, fejn possibbli meħuda dak il-ħin;

(g) żewġ marki tas-swaba' tad-detentur, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali rilevanti;

(3) id-data li ġejja dwar il-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza maħruġ:

(a) informazzjoni dwar l-istatus li tindika li nħarġet viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza;

(b) il-post u d-data tad-deċiżjoni li tinħareġ il-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza;

(c) it-tip ta' dokument maħruġ (viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza);

(d) in-numru tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza maħruġ;

(e) id-data ta' skadenza tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza.

Artikolu 22d

Għandu jinħoloq fajl individwali f'ċerti każi ta' rifjut ta' viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza

Fejn ittieħdet deċiżjoni li viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza jiġi rrifjutat minħabba li l-applikant huwa meqjus li jirrappreżenta theddida għall-politika pubblika, għas-sigurtà interna jew għas-saħħa pubblika jew l-applikant ippreżenta dokumenti foloz li nkisbu b'mod frodulenti, jew iffalsifikati, jew imbagħbsa, l-awtorità li rrifjutat dan għandha toħloq fajl individwali mingħajr dewmien bid-data li ġejja:

a. kunjom, kunjom tat-twelid, kunjom(ijiet) ta' qabel; isem/ismijiet; sess; data, post u pajjiż tat-twelid;

b. ċittadinanza attwali u ċittadinanza mat-twelid;

c. tip u numru tad-dokument tal-ivvjaġġar, l-awtorità li ħarġitu u d-data tal-ħruġ u ta' skadenza;

d. fil-każ ta' minorenni, il-kunjom u l-isem (ismijiet) tal-awtorità tal-ġenituri jew tat-tutur legali tad-detentur;

e. il-kunjom, l-isem u l-indirizz tal-persuna fiżika fuq liema hija bbażata l-applikazzjoni;

f. immaġni tal-wiċċ tal-applikant, fejn possibbli meħuda dak il-ħin;

g. żewġ marki tas-swaba' tal-applikant, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali rilevanti;

h. informazzjoni li tindika li l-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza ġie rrifjutat minħabba li l-applikant huwa meqjus li jirrappreżenta theddida għall-politika pubblika, għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika, jew minħabba li l-applikant ippreżenta dokumenti li nkisbu b'mod frodulenti, jew ġew iffalsifikati, jew ġew imbagħbsa;

i. l-awtorità li rrifjutat il-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza, inkluż il-post fejn tinsab;

j. il-post u d-data tad-deċiżjoni li tiġi rrifjutata l-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza.

Artikolu 22e

Data li għandha tiżdied għal viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza li ġie rtirat

1. Fejn ittieħdet deċiżjoni li jiġi rtirat permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil, jew li jitqassar il-perjodu ta' validità ta' viża għal soġġorn twil, l-awtorità li ħadet id-deċiżjoni għandha żżid id-data li ġejja fil-fajl individwali:

(a) informazzjoni dwar l-istatus li tindika li l-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza jkun ġie irtirat, jew fil-każ ta' viża għal soġġorn twil, li l-perjodu ta' validità tqassar;

(b) l-awtorità li rtirat il-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza jew li qassret il-perjodu ta' validità tal-viża għal soġġorn twil, inkluż il-post fejn tinsab;

(c) il-post u d-data tad-deċiżjoni;

(d) id-data ta' skadenza l-ġdida tal-validità tal-viża għal soġġorn twil, fejn xieraq;

(e) in-numru tat-tikketta tal-viża, jekk il-perjodu mqassar jieħu l-forma ta' tikketta tal-viża ġdida.

2. Il-fajl individwali għandu jindika wkoll ir-raġuni(jiet) għall-irtirar tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza jew għat-tqassir tal-perjodu ta' validità tal-viża għal soġġorn twil, skont il-punt (h) tal-Artikolu 22d.

Artikolu 22f

Data li għandha tiżdied għal viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza li ġie estiż

Fejn ittieħdet deċiżjoni li jiġi estiż permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil, l-awtorità li estendietu għandha żżid id-data li ġejja fil-fajl individwali:

(a) informazzjoni dwar l-istatus li tindika li viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza ġie estiż;

(b) l-awtorità li estendiet il-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza, inkluż il-post fejn tinsab;

(c) il-post u d-data tad-deċiżjoni;

(d) fil-każ ta' viża għal soġġorn twil, in-numru tat-tikketta tal-viża, jekk l-estensjoni tal-viża għal soġġorn twil tieħu l-forma ta' tikketta tal-viża ġdida;

(e) id-data ta' skadenza tal-perjodu estiż.

Artikolu 22g

Aċċess għad-data għal verifika ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza fil-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni

1. Għall-iskop uniku li tiġi vverifikata l-identità tad-detentur tad-dokument u/jew l-awtenticità u l-validità tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza u jekk il-persuna hijiex meqjusa ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika għal kwalunkwe mill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(1)(e) tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq ta' kontrolli fil-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni skont dak ir-Regolament għandu jkollhom aċċess għat-tfittxija billi jużaw in-numru tad-dokument flimkien ma' waħda jew aktar mid-data fl-Artikolu 22c(2)(a), (b) u (c) ta' dan ir-Regolament.

2. Jekk it-tfittxija bid-data elenkata fil-paragrafu 1 tindika li d-data dwar id-detentur tad-dokument hija rreġistrata fil-VIS, l-awtorità kompetenti tal-kontroll tal-fruntiera għandu jkollha aċċess biex tikkonsulta d-data li ġejja tal-fajl individwali, unikament għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

   (a) informazzjoni dwar l-istatus tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza jekk ġie maħruġ, irtirat jew estiż;

   (b) id-data msemmija fl-Artikolu 22c(3)(c), (d) u (e);

   (c) fejn applikabbli, id-data msemmija fl-Artikolu 22e(1)(d) u (e);

   (d) fejn applikabbli, id-data msemmija fl-Artikolu 22f(d) u (e);

   (e) ir-ritratti kif imsemmija fl-Artikolu 22c(2)(f).

Artikolu 22h

Aċċess għal data għall-verifika fit-territorju tal-Istati Membri

1. Għall-iskop uniku li tiġi vverifikata l-identità tad-detentur tad-dokument u l-awtenticità u l-validità tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza jew jekk il-persuna hijiex ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika għal kwalunkwe mill-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti għat-

twettiq ta' kontrolli fit-territorju tal-Istati Membri dwar jekk humiex sodisfatti l-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza, u kif applikabbli, l-awtoritajiet tal-pulizija, għandu jkollhom aċċess għat-tfittxija billi jużaw in-numru tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza flimkien ma' waħda jew aktar mid-data fl-Artikolu 22c(2)(a), (b) u (c).

2. Jekk it-tfittxija bid-data elenkata fil-paragrafu 1 tindika li d-data dwar id-detentur hija rreġistrata fil-VIS, l-awtorità kompetenti għandha tingħata l-aċċess sabiex tikkonsulta d-data li ġejja tal-fajl individwali kif ukoll, fejn applikabbli, ta' fajl(s) konnessi skont l-Artikolu 22a(4), unikament għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

(a) informazzjoni dwar l-istatus tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza jekk ġie maħruġ, irtirat jew estiż;

(b) id-data msemmija fl-Artikolu 22c(3)(c), (d) u (e);

(c) fejn applikabbli, id-data msemmija fl-Artikolu 22e(1)(d) u (e);

(d) fejn applikabbli, id-data msemmija fl-Artikolu 22f(d) u (e);

(e) ir-ritratti kif imsemmija fl-Artikolu 22c(2)(f).

Artikolu 22i

Aċċess għad-data għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà għal applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali

1. Għall-uniku fini li jiġi stabbilit liema Stat Membru huwa responsabbli li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, l-awtoritajiet kompetenti għall-ażil għandu jkollhom aċċess biex ifittxu bil-marki tas-swaba' tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali.

Fejn il-marki tas-swaba' tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali ma jistgħux jintużaw jew it-tfittxija bil-marki tas-swaba' ma tirnexxix, it-tfittxija għandha titwettaq billi jintuża n-numru tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 22c(2)(a), (b) u (c).

2. Jekk it-tfittxija bid-data elenkata fil-paragrafu 1 tindika li viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza huwa rreġistrat fil-VIS, l-awtorità kompetenti għall-ażil għandha tingħata aċċess biex tikkonsulta d-data li ġejja tal-fajl tal-applikazzjoni, u fir-rigward tad-data elenkata fil-punt (g) ta' fajl(s) tal-applikazzjoni konnessi tal-konjuġi u t-tfal, skont l-Artikolu 22a(4), unikament għall-fini msemmi fil-paragrafu 1:

(a) l-awtorità li ħarġet jew estendiet il-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza;

(b) id-data msemmija fl-Artikolu 22c(2)(a) u (b);

(c) it-tip ta' dokument;

(d) il-perjodu ta' validità tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza;

(f) ir-ritratti kif imsemmija fl-Artikolu 22c(2)(f);

(g) id-data msemmija fl-Artikolu 22c(2)(a) u (b) tal-fajl(s) tal-applikazzjoni konnessi dwar il-konjuġi u t-tfal.

3. Il-konsultazzjoni tal-VIS skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha titwettaq biss mill-awtoritajiet nazzjonali maħtura msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Artikolu 22j

Aċċess għad-data għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali

1. Għall-uniku fini li tiġi eżaminata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għall-ażil għandu jkollhom aċċess skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 biex ifittxu bil-marki tas-swaba' tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali.

Fejn il-marki tas-swaba' tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali ma jistgħux jintużaw jew it-tfittxija bil-marki tas-swaba' ma tirnexxix, it-tfittxija għandha titwettaq billi jintuża n-numru tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 22c(2)(a), (b) u (c), jew flimkien mad-data fl-Artikolu 22d(a), (b), (c) u (f).

2. Jekk it-tfittxija bid-data elenkata fil-paragrafu 1 tindika li d-data dwar l-applikant għall-protezzjoni internazzjonali hija rreġistrata fil-VIS, l-awtorità kompetenti għall-ażil għandu jkollha aċċess, unikament għall-għan imsemmi fil-paragrafu 1, biex tikkonsulta d-data mdaħħla fir-rigward ta' kwalunkwe viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza maħruġ, irrifjutat, irtirat jew li l-validità tiegħu ġiet estiża, imsemmija fl-Artikolu 22c, 22d, 22e u 22f tal-applikant u ta' kwalunkwe fajl konness tal-applikazzjoni tal-applikant skont l-Artikolu 22a(3).

3. Il-konsultazzjoni tal-VIS skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha titwettaq biss mill-awtoritajiet nazzjonali maħtura msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

KAPITOLU IIIb

Proċeduri u kundizzjonijiet għall-aċċess għall-VIS għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi

Artikolu 22k
Awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet li huma intitolati jikkonsultaw id-data maħżuna fil-VIS sabiex jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra.

2. Kull Stat Membru għandu jżomm lista tal-awtoritajiet maħtura. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet maħtura tiegħu u jista' fi kwalunkwe ħin jemenda jew jissostitwixxi n-notifika tiegħu.

3. Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' aċċess ċentrali li għandu jkollu aċċess għall-VIS. Il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jivverifika li l-kundizzjonijiet għat-talba għall-aċċess għall-VIS stabbiliti fl-Artikolu 22n huma sodisfatti.

L-awtorità maħtura u l-punt ta' aċċess ċentrali jistgħu jkunu parti mill-istess organizzazzjoni jekk dan ikun permess taħt il-liġi nazzjonali, iżda l-punt ta' aċċess ċentrali għandu jaġixxi b'mod għalkollox indipendenti mill-awtoritajiet maħtura fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament. Il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jkun separat mill-awtoritajiet maħtura u ma għandux jirċievi istruzzjonijiet mingħandhom fir-rigward tal-eżitu tal-verifika li għandha titwettaq b'mod indipendenti.

L-Istati Membri jistgħu jaħtru aktar minn punt ta' aċċess ċentrali wieħed sabiex tiġi riflessa l-istruttura organizzattiva u amministrattiva tagħhom fit-twettiq tar-rekwiżiti kostituzzjonali u legali tagħhom.

4. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni dwar il-punt ta' aċċess ċentrali maħtur tiegħu u jista' fi kwalunkwe ħin jemenda jew jissostitwixxi n-notifika tiegħu.

5. Fil-livell nazzjonali, kull Stat Membru għandu jżomm lista tal-unitajiet operattivi fi ħdan l-awtoritajiet maħtura li huma awtorizzati li jitolbu aċċess għad-data maħżuna fil-VIS permezz tal-punt(i) ta' aċċess ċentrali.

6. Huwa biss il-persunal debitament awtorizzat tal-punti ta' aċċess ċentrali li għandu jkun awtorizzat li jaċċessa l-VIS skont l-Artikoli 22m u 22n.

Artikolu 22l
Europol

1. Il-Europol għandu jaħtar waħda mill-unitajiet operattivi tiegħu bħala "l-awtorità maħtura tal-Europol" u għandu jawtorizzaha li titlob aċċess għall-VIS permezz tal-punt ta' aċċess ċentrali tal-VIS imsemmi fil-paragrafu 2 sabiex tiġi appoġġata u tissaħħaħ l-azzjoni mill-Istati Membri għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra.

2. Il-Europol għandu jaħtar unità speċjalizzata b'uffiċjali tal-Europol li huma debitament awtorizzati bħala l-punt ta' aċċess ċentrali. Il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jivverifika li l-kundizzjonijiet għat-talba għall-aċċess għall-VIS stabbiliti fl-Artikolu 22p huma sodisfatti.

Il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jaġixxi b'mod indipendenti meta jwettaq l-inkarigi tiegħu skont dan ir-Regolament u ma għandux jirċievi istruzzjonijiet mill-awtorità maħtura tal-Europol imsemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-eżitu tal-verifika.

Artikolu 22m

Proċedura għall-aċċess għall-VIS għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi

1. L-unitajiet operattivi msemmija fl-Artikolu 22k(5) għandhom jissottometti talba motivata elettronika jew bil-miktub lill-punti ta' aċċess ċentrali msemmija fl-Artikolu 22k(3) għal aċċess għad-data maħżuna fil-VIS. Meta tiġi riċevuta talba għal aċċess, il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jivverifika humiex sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-aċċess imsemmija fl-Artikolu 22n. Jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-aċċess, il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jipproċessa t-talbiet. Id-data aċċessata tal-VIS għandha tiġi trażmessa lill-unitajiet operattivi msemmija fl-Artikolu 22k(5) b'tali mod li ma tiġix kompromessa s-sigurtà tad-data.

2. F'każ eċċezzjonali ta' urġenza, fejn ikun hemm ħtieġa li jiġi evitat periklu imminenti għall-ħajja ta' persuna assoċjata ma' reat terroristiku jew ma' reat kriminali serju ieħor, il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jipproċessa t-talba minnufih u għandu jivverifika biss ex-post jekk ikunux sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 22n, inkluż jekk każ ta' urġenza kienx jeżisti fir-realtà. Il-verifika ex post għandha ssir mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn seba' ġranet tax-xogħol wara l-ipproċessar tat-talba

3. Fejn verifika ex post tiddetermina li l-aċċess għad-data tal-VIS ma kienx iġġustifikat, l-awtoritajiet kollha li jkunu aċċessaw din id-data għandhom iħassru l-informazzjoni aċċessata mill-VIS u għandhom jinfurmaw lill-punti ta' aċċess ċentrali dwar it-tħassir.

Artikolu 22n

Kundizzjonijiet għal aċċess għal data tal-VIS minn awtoritajiet maħturin tal-Istati Membri

1. L-awtoritajiet maħtura jistgħu jaċċessaw il-VIS għal konsultazzjoni jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) l-aċċess għal konsultazzjoni jkun meħtieġ u proporzjonat għall-fini tal-prevenzjoni, il-kxif jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reat kriminali serju ieħor;

   (b) l-aċċess għal konsultazzjoni jkun meħtieġ u proporzjonat f'każ speċifiku;

   (c) jeżistu raġunijiet raġonevoli biex jitqies li l-konsultazzjoni tad-data tal-VIS tista' tikkontribwixxi sostanzjalment għall-prevenzjoni, il-kxif jew l-investigazzjoni ta' xi wieħed mir-reati kriminali inkwistjoni b'mod partikolari fejn ikun hemm suspett sostanzjat li l-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor taqa' taħt kategorija koperta b'dan ir-Regolament;

   (d) fejn tnediet tfittxija fis-CIR f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament 2018/XX [*dwar l-interoperabilità*], it-tweġiba riċevuta kif imsemmija fil-paragrafu 5 tal-[Artikolu 22 tar-Regolament tiżvela li d-data tkun maħżuna fil-VIS."

2. Il-kundizzjoni pprovduta fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ma teħtieġx li tiġi sodisfatta għas-sitwazzjonijiet fejn l-aċċess għall-VIS huwa meħtieġ bħala għodda biex tiġi

kkonsultata l-istorja tal-viża jew il-perjodi tas-soġġorn awtorizzat fit-territorju tal-Istati Membri ta' persuna suspettata, awtur jew vittma suspettata magħrufa ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor.

3. Il-konsultazzjoni tal-VIS għandha tkun limitata għat-tfittxija bi kwalunkwe data li ġejja fil-fajl individwali:

(a) il-kunjom(ijiet) (isem tal-familja), l-isem jew ismijiet (ismijiet mat-twelid), data tat-twelid, nazzjonalità jew nazzjonalitajiet, u/jew is-sess;

(b) it-tip u n-numru tad-dokument jew tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti u d-data tal-iskadenza tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar;

(c) numru tat-tikketta tal-viża jew numru tal-viża għal soġġorn twil jew tad-dokument ta' residenza u d-data ta' skadenza tal-validità tal-viża, tal-viża għal soġġorn twil jew tad-dokument tar-residenza, kif applikabbli;

(d) il-marki tas-swaba', inkluż il-marki tas-swaba' latenti;

(e) immaġni tal-wiċċ.

4. Fil-każ ta' hit, il-konsultazzjoni tal-VIS għandha tagħti aċċess għad-data elenkata f'dan il-paragrafu kif ukoll għal kwalunkwe data oħra meħuda mill-fajl individwali, inkluż data li tkun iddaħħlet fir-rigward ta' kwalunkwe dokument maħruġ, irrifjutat, annullat, revokat jew estiż. L-aċċess għad-data msemmi fil-punt (4)(1) tal-Artikolu 9 kif irreġistrata fil-fajl tal-applikazzjoni għandu jingħata biss jekk dik id-data kienet mitluba espliċitament f'talba motivata u approvata minn verifika indipendenti.

Artikolu 22o

Aċċess għall-VIS għall-identifikazzjoni ta' persuni f'ċirkostanzi speċifiċi

B'deroga mill-Artikolu 22n(1), l-awtoritajiet maħtura ma għandhomx ikunu obbligati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak il-paragrafu biex jaċċessaw il-VIS għall-fini ta' identifikazzjoni ta' persuni li sfaw neqsin, maħtufa jew identifikati bħala vittmi tat-traffikar ta' bnedmin u li fir-rigward tagħhom hemm raġunijiet motivati biex jiġi kkunsidrat li l-konsultazzjoni tad-data tal-VIS se tappoġġa l-identifikazzjoni tagħhom, u/jew tikkontribwixxi fl-investigazzjoni ta' każijiet speċifiċi tat-traffikar ta' bnedmin. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-awtoritajiet maħtura jistgħu jfittxu fil-VIS bil-marki tas-swaba' ta' dawk il-persuni.

Fejn il-marki tas-swaba' ta' dawk il-persuni ma jistgħux jintużaw jew it-tfittxija bil-marki tas-swaba' ma tirnexxix, it-tfittxija għandha titwettaq billi tintuża d-data msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 9.

Fil-każ ta' hit, il-konsultazzjoni tal-VIS għandha tagħti aċċess għal kwalunkwe mid-data fl-Artikolu 9, kif ukoll għad-data fl-Artikolu 8(3) u (4).

Artikolu 22p
Proċeduri u kundizzjonijiet għall-aċċess għall-VIS mill-Europol

1. Il-Europol għandu jkollu aċċess biex jikkonsulta l-VIS meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) il-konsultazzjoni tkun meħtieġa u proporzjonata biex tiġi appoġġata u msaħħa azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni, il-kxif jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra li jaqgħu taħt il-mandat tal-Europol;

   (b) il-konsultazzjoni tkun meħtieġa u proporzjonata f'każ speċifiku;

   (c) jeżistu raġunijiet raġonevoli biex jitqies li l-konsultazzjoni tad-data tal-VIS tista' tikkontribwixxi sostanzjalment għall-prevenzjoni, il-kxif jew l-investigazzjoni ta' xi wieħed mir-reati kriminali inkwistjoni b'mod partikolari fejn ikun hemm suspett sostanzjat li l-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor taqa' taħt kategorija koperta b'dan ir-Regolament;

   (d) fejn tnediet tfittxija fis-CIR f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament 2018/XX [*dwar l-interoperabilità*], it-tweġiba riċevuta kif imsemmija fil-paragrafu 22(3) ta' dak ir-Regolament tiżvela li d-data tkun maħżuna fil-VIS.

2. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22n(2), (3) u (4) għandhom japplikaw kif adatt.

3. L-awtorità maħtura tal-Europol tista' tippreżenta talba elettronika motivata għall-konsultazzjoni tad-data kollha jew għal sett speċifiku ta' data maħżun fil-VIS lill-punt ta' aċċess ċentrali tal-Europol imsemmi fl-Artikolu 22k(3). Wara riċevuta ta' talba għall-aċċess il-punt ta' aċċess ċentrali tal-Europol għandu jivverifika jekk ikunux sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-aċċess imsemmija fil-paragrafi 1 u 2. Jekk il-kundizzjonijiet kollha għall-aċċess huma sodisfatti, il-persunal debitament awtorizzat tal-punt ċentrali ta' aċċess għandhom jipproċessaw it-talbiet. Id-data tal-VIS aċċessata għandha tintbagħat lill-unitajiet operattivi msemmijin fl-Artikolu 22l(1) b'tali mod biex ma tkunx kompromessa s-sigurtà tad-data.

4. L-ipproċessar tal-informazzjoni miksuba mill-Europol permezz ta' konsultazzjoni tad-data tal-VIS għandu jkun suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tinkiseb permezz tal-unità nazzjonali tal-Europol ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu 22q
Ir-reġistrazzjoni u d-dokumentazzjoni

1. Kull Stat Membru u l-Europol għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-data li jirriżultaw minn talbiet għall-aċċess għad-data tal-VIS skont il-Kapitolu IIIc jiġu rreġistrati jew dokumentati għall-finijiet tal-verifika tal-ammissibbiltà tat-talba, il-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-data u tal-integrità u tas-sigurtà tad-data, u għall-awtomonitoraġġ.

2. Ir-reġistrazzjoni jew id-dokumentazzjoni għandha turi, fil-każijiet kollha:

(a) il-fini preċiż tat-talba għall-aċċess għad-data tal-VIS, inkluż ir-reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor ikkonċernat u, għall-Europol, il-fini preċiż tat-talba għall-aċċess;

(b) ir-referenza tal-fajl nazzjonali;

(c) id-data u l-ħin preċiż tat-talba għall-aċċess mill-punt ta' aċċess ċentrali lis-Sistema Ċentrali tal-VIS;

(d) l-isem tal-awtorità li tkun talbet aċċess għal konsultazzjoni;

(e) fejn applikabbli, id-deċiżjoni meħuda fir-rigward tal-verifika ex post;

(f) id-data użata għall-konsultazzjoni;

(g) f'konformità mar-regoli nazzjonali jew mar-Regolament (UE) 2016/794, l-identità unika tal-utent li tidentifika lill-uffiċjal li jkun għamel it-tfittxija u tal-uffiċjal li jkun ordna t-tfittxija.

3. Il-logs u d-dokumentazzjoni għandhom jintużaw biss għall-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-data u sabiex tiġi żgurata l-integrità u s-sigurtà tad-data. Għall-monitoraġġ u għall-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament jistgħu jintużaw biss logs li ma fihomx data personali. L-awtorità superviżorja stabbilita skont l-Artikolu 41(1) tad-Direttiva (UE) 2016/680, li hija responsabbli biex tivverifika l-ammissibbiltà tat-talba u l-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-data u l-integrità u s-sigurtà tad-data, għandu jkollha aċċess għal dawn lil-logs fuq talba tagħha għall-fini li taqdi dmirijietha.

Artikolu 22r

Kundizzjonijiet għal aċċess għal data tal-VIS minn awtoritajiet maħturin ta' Stat Membru li fir-rigward tiegħu r-Regolament (KE) Nru 767/2008 għadu ma daħalx fis-seħħ

1. Aċċess għall-VIS għal konsultazzjoni minn awtoritajiet maħturin ta' Stat Membru li fir-rigward tiegħu dan ir-Regolament għadu ma daħalx fis-seħħ għandu jseħħ fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-aċċess huwa fil-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat tagħhom;

(b) l-aċċess huwa suġġett għall-istess kondizzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 22n(1);

(c) l-aċċess huwa preċedut minn talba bil-miktub jew elettronika motivata debitament lil awtorità maħtura ta' Stat Membru li għalih japplika dan ir-Regolament; dik l-awtorità għandha mbagħad titlob lill-punt(i) ċentrali ta' aċċess nazzjonali biex jikkonsultaw il-VIS.

2. Stat Membru li għalih dan ir-Regolament għadu ma daħalx fis-seħħ għandu jagħmel l-informazzjoni tiegħu dwar il-viża disponibbli għal Stati Membri li għalihom japplika dan ir-Regolament, abbażi ta' talba bil-miktub jew elettronika motivata

debitament, soġġetta għal konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22n(1).

_____

* Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).".

Artikolu 2
Emendi għad-Deċiżjoni 2004/512/KE

L-Artikolu 1(2) tad-**Deċiżjoni 2004/512/KE** jinbidel b'dan li ġej:

"2. Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża għandha tkun ibbażata fuq arkitettura ċċentralizzata u tikkonsisti:

(a) *fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità kif imsemmi fl-[Artikolu 17(2)(a) tar-Regolament 2018/XX dwar l-interoperabilità],*

(b) f'sistema ta' informazzjoni ċentrali, minn hawn 'il quddiem imsejħa s-"Sistema Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Viża" (VIS),

(c) interfaċċa f'kull Stat Membru, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Interface Nazzjonali" (Ni-VIS) li għandha tipprovdi l-konnessjoni bejn l-awtorità nazzjonali ċentrali rilevanti tal-Istati Membru rispettiv, jew Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI) f'kull Stat Membru abbażi ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni u identiċi għall-Istati Membri kollha biex is-Sistema Ċentrali tkun konnessa mal-infrastrutturi nazzjonali fl-Istati Membri,

(d) infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn il-VIS u l-Interfaces Nazzjonali;

(e) *kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn il-VIS u s-Sistema Ċentrali tal-EES*;

(f) *infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura bejn is-Sistema Ċentrali tal-VIS u l-infrastrutturi ċentrali tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija stabbilit mill-[Artikolu 6 tar-Regolament 2017/XX dwar l-interoperabilità], is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku stabbilit mill-[Artikolu 12 tar-Regolament 2017/XX dwar l-interoperabilità], ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità stabbilit mill-[Artikolu 17 tar-Regolament 2017/XX dwar l-interoperabilità] u d-detettur ta' identitajiet multipli (MID) stabbilit mill-[Artikolu 25 tar-Regolament 2017/XX dwar l-interoperabilità]*;

(g) *mekkaniżmu ta' konsultazzjoni dwar applikazzjonijiet u skambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet ċentrali tal-viża ("VISMail");*

(h) *portal tat-trasportaturi*;

(i) *servizz web sigur għal komunikazzjoni bejn il-VIS, min-naħa l-waħda u l-portal tat-trasportaturi, u s-sistemi internazzjonali (sistemi/bażijiet tad-data tal-Interpol), min-naħa l-oħra*;

(j) *repożitorju tad-data għall-finijiet ta' rappurtar u statistika*.

Is-Sistema Ċentrali, l-Interfaċċi Nazzjonali Uniformi , is-servizz web, il-portal tat-trasportaturi u l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni tal-VIS għandhom jaqsmu ma' xulxin u jużaw mill-ġdid kemm ikun teknikament possibbli il-komponenti tal-ħardwer u s-softwer tas-Sistema Ċentrali tal-EES, l-Interfaċċi Nazzjonali Uniformi tal-EES, il-portal tat-trasportaturi tal-ETIAS, is-servizz web tal-EES u l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni tal-EES rispettivament.".

Artikolu 3
Emendi għar-Regolament (UE) Nru 810/2009

Ir-Regolament (UE) Nru *810/2009* huwa emendat kif ġej:

(1) fl-**Artikolu 10(3)**, il-punt (c) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(c) jippreżenta ritratt skont l-istandards stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1683/95 jew, mal-ewwel applikazzjoni u sussegwentement mill-inqas kull 59 xahar wara dan, skont l-istandards mniżżlin fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.";

(2) L-**Artikolu 13** huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"- ritratt meħud dak il-ħin u miġbur diġitalment meta ssir l-applikazzjoni;";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Fejn il-marki tas-swaba' *u ritratt meħud dak il-ħin ta' kwalità suffiċjenti ġew* miġbura mill-applikant u mdaħħla fil-VIS bħala parti minn applikazzjoni ppreżentata inqas minn 59 xahar qabel id-data tal-applikazzjoni l-ġdida, din [id-data] *tista' tiġi* kkupjata fl-applikazzjoni sussegwenti.";

(c) fil-paragrafu 7, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) tfal li jkollhom anqas minn *sitt* snin;";

(d) jitħassar il-paragrafu 8;

(3) L-**Artikolu 21** huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fir-rigward ta' kull applikazzjoni, il-VIS għandha tiġi kkonsultata skont l-Artikoli 8(2), 15 u *9a* tar-Regolament (KE) Nru 767/2008. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir użu sħiħ

tal-kriterji kollha tat-tfittxija skont dawk l-artikoli sabiex jiġi evitat li jsiru ċaħdiet u identifikazzjonijiet foloz.

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:

"3a. Għall-fini li jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet tad-dħul stipulati fil-paragrafu 3, il-konsulat għandu jqis ir-riżultat tal-verifiki skont l-Artikolu 9c tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-bażijiet tad-data li ġejjin:

(a) SIS u SLTD biex jiġi vverifikat jekk id-dokument tal-ivvjaġġar użat għall-applikazzjoni jikkorrispondix ma' dokument tal-ivvjaġġar li huwa rrappurtat mitluf, misruq jew invalidat u jekk id-dokument tal-ivvjaġġar użat għall-applikazzjoni jikkorrispondix ma' dokument tal-ivvjaġġar f'fajl fit-TDAWN tal-Interpol;

(b) is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS biex jiġi vverifikat jekk l-applikant jikkorrispondix ma' applikazzjoni rifjutata, revokata jew annullata għal awtorizzazzjoni tal-ivvjaġġar;

(c) il-VIS biex jiġi vverifikat jekk id-data pprovduta fl-applikazzjoni dwar id-dokument tal-ivvjaġġar tikkorrispondix ma' applikazzjoni oħra għal viża assoċjata ma' data tal-identità differenti, kif ukoll jekk l-applikant kienx soġġett għal deċiżjoni biex tiġi rifjutata, revokata jew annullata viża għal soġġorn qasir;

(d) l-EES biex jiġi ċċekkjat jekk l-applikant ikunx attwalment irrappurtat bħala persuna b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta, jekk ġiex irrappurtat bħala persuna b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta fil-passat jew jekk l-applikant ġie rrifjutat dħul fil-passat;

(e) il-Eurodac biex jiġi vverifikat jekk l-applikant kienx soġġett għal irtirar jew rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

(f) id-data tal-Europol biex jiġi vverifikat jekk id-data pprovduta fl-applikazzjoni tikkorrispondix mad-data rreġistrata f'din il-bażi tad-data;

(g) Is-sistema ECRIS-TCN biex jiġi vverifikat jekk l-applikant jikkorrispondix ma' persuna li d-data tagħha ġiet irreġistrata f'din il-bażi tad-data għal reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra;

(h) is-SIS biex jiġi vverifikat jekk l-applikant huwiex soġġett għal allert fir-rigward ta' persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew jew imfittxija għall-arrest għal finijiet ta' estradizzjoni.

Il-konsulat għandu jkollu aċċess għall-fajl tal-applikazzjoni u l-fajl(s) tal-applikazzjoni konness(i), jekk hemm, kif ukoll għar-riżultati kollha tal-verifiki skont l-Artikolu 9c tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.

3b. L-awtorità tal-viża għandha tikkonsulta d-detettur ta' identitajiet multipli flimkien mar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità msemmija fl-Artikolu 4(37) tar-Regolament 2018/XX [*dwar l-interoperabilità*] jew is-SIS jew it-tnejn li huma biex tivvaluta d-differenzi fl-identitajiet illinkjati u għandha tagħmel kwalunkwe verifika addizzjonali meħtieġa biex tieħu deċiżjoni dwar l-istatus u l-kulur tal-link kif ukoll biex tieħu deċiżjoni dwar il-ħruġ jew ir-rifjut tal-viża tal-persuna kkonċernata.

F’konformità mal-Artikolu 59(1) tar-Regolament 2018/XX [*dwar l-interoperabilità*], dan il-paragrafu għandu japplika biss malli jibda jopera d-detettur ta’ identitajiet multipli.”;

(c) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

“4. Il-konsulat għandu jivverifika, permezz tal-informazzjoni miksuba mill-EES, *jekk bis-soġġorn intenzjonat l-applikant hux se jaqbeż* it-tul tas-soġġorn awtorizzat fit-territorju tal-Istati Membri, irrispettivament mis-soġġorni potenzjali awtorizzati minn viża nazzjonali għal soġġorn twil jew permess ta’ residenza maħruġ minn Stat Membru ieħor.”;

(4) jiżdied dan l-**Artikolu 21a** li ġej:

“Artikolu 21a

Indikaturi speċifiċi tar-riskju

1. Il-valutazzjoni tas-sigurtà jew tal-immigrazzjoni illegali jew ta’ riskji epidermali għoljin għandha tkun ibbażata fuq:

(a) statistika ġġenerata mill-EES li tindika rati anormali ta’ persuni b’permanenza b’awtorizzazzjoni skaduta u rifjuti ta’ dħul għal grupp speċifiku ta’ vjaġġaturi li għandhom viża;

(b) statistika ġġenerata mill-VIS skont l-Artikolu 45a li tindika rati anormali ta’ rifjuti ta’ applikazzjonijiet tal-viża minħabba riskju ta’ migrazzjoni irregolari, għas-sigurtà jew għas-saħħa pubblika assoċjat ma’ grupp speċifiku ta’ vjaġġaturi;

(c) statistika ġġenerata mill-VIS skont l-Artikolu 45a u l-EES li tindika korrelazzjonijiet bejn informazzjoni miġbura permezz tal-formola tal-applikazzjoni u persuni b’permanenza b’awtorizzazzjoni skaduta u rifjuti ta’ dħul;

(d) informazzjoni sostanzjata b'elementi bbażati fuq fatti u evidenza pprovduta mill-Istati Membri dwar indikaturi speċifiċi ta’ riskju tas-sigurtà jew theddidiet identifikati minn dak l-Istat Membru;

(e) informazzjoni sostanzjata b'elementi bbażati fuq fatti u evidenza pprovduta mill-Istati Membri dwar rati anormali ta’ persuni b’permanenza b’awtorizzazzjoni skaduta u rifjuti ta’ dħul għal grupp speċifiku ta’ vjaġġaturi għal dak l-Istat Membru;

(f) Informazzjoni dwar riskji epidemiċi speċifiċi għoljin ippruvduti mill-Istati Membri kif ukoll mill-informazzjoni dwar sorveljanza epidemijoloġika u valutazzjonijiet tar-riskju pprovduti miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u tfaqqigħ ta’ mard irrappurtat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jispeċifikaw ir-riskji msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 52(2).

3. Abbażi tar-riskji speċifiċi ddeterminati skont il-paragrafu 2, għandhom jiġu stabbiliti indikaturi speċifiċi tar-riskju, li jikkonsistu f'kombinament ta' data inkluż waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) firxa tal-età, sess, nazzjonalità;

(b) il-pajjiż u l-belt ta' residenza;

(c) Stat(i) Membru/i tad-destinazzjoni;

(d) Stat Membru tal-ewwel dħul;

(e) l-għan tal-vjaġġ;

(f) l-impjieg attwali.

4. L-indikaturi speċifiċi tar-riskju għandhom ikunu mmirati u proporzjonati. F'ebda ċirkostanza ma għandhom ikunu bbażati biss fuq is-sess jew l-età ta' persuna. F'ebda ċirkostanza ma għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni li tiżvela r-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiki ġeneriċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew xort'oħra, ir-reliġjon jew twemmin filosofiku, is-sħubija fi trade union, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità jew orjentazzjoni sesswali ta' persuna.

5. L-indikaturi speċifiċi tar-riskju għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 52(2).

6. L-indikaturi speċifiċi tar-riskju għandhom jintużaw mill-awtoritajiet tal-viża meta jiġi vvalutat jekk l-applikant jippreżentax riskju ta' immigrazzjoni illegali, riskju tas-sigurtà tal-Istati Membri, jew riskju epidemiku għoli skont l-Artikolu 21(1).

7. Ir-riskji speċifiċi u l-indikaturi speċifiċi tar-riskju għandhom ikunu riveduti mill-Kummissjoni.";

(5) L-**Artikolu 46** għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 46
Ġbir ta' statistika

Sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ġbir tal-istatistika annwali li ġejja dwar viżi għal kull konsulat u post ta' qsim tal-fruntiera fejn Stati Membri individwali jipproċessaw applikazzjonijiet tal-viża:

(a) l-għadd ta' viżi ta' transitu tal-ajruport li saret applikazzjoni għalihom, li nħarġu u li ġew irrifjutati;

(b) l-għadd ta' viżi uniformi ta' dħul waħdieni, u viża ta' dħul multiplu li saret applikazzjoni għalihom, li nħarġu diżaggregati skont it-tul tal-validità: 1, 2, 3, 4 u 5 snin) u li ġew irrifjutati;

(c) l-għadd ta' viżi maħruġa b'validità territorjali limitata.

Din l-istatistika għandha tinġabar abbażi tar-rapporti ġġenerati mir-repożitorju ċentrali tad-data tal-VIS skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.”;

(6) Fl-**Artikolu 57**, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

Artikolu 4
Emendi għar-Regolament (UE) Nru 2017/2226

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/2226 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-**Artikolu 9(2)**, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-EES għandha tipprovdi l-funzjonalità għall-ġestjoni ċċentralizzata ta’ din il-lista. Ir-regoli dettaljati dwar l-immaniġġjar ta’ din il-funzjonalità għandhom jiġu stipulati fl-atti ta’ implimentazzjoni. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 68(2) ta’ dan ir-Regolament.”;

(2) fl-**Artikolu 13**, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b’dan li ġej:

“3. Sabiex jissodisfaw l-obbligu tagħhom skont il-punt (b) tal-Artikolu 26(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen, it-trasportaturi għandhom jużaw is-servizz web biex jivverifikaw jekk viża għal soġġorn qasir hijiex valida, inkluż jekk l-għadd ta’ dħul awtorizzat intużax diġà jew jekk id-detentur laħaqx it-tul ta’ żmien massimu tas-soġġorn awtorizzat jew, skont il-każ, jekk il-viża hijiex valida għat-territorju tal-port tad-destinazzjoni ta’ dak il-vjaġġ. It-trasportaturi għandhom jipprovdu d-data mniżżla fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 16(1) ta’ dan ir-Regolament. Abbażi ta’ dan, is-servizz web għandu jipprovdi lit-trasportaturi bi tweġiba OK/NOT OK. It-trasportaturi jistgħu jaħżnu l-informazzjoni mibgħuta u r-risposta li waslet skont il-liġi applikabbli. It-trasportaturi għandhom jistabbilixxu skema ta’ awtentikazzjoni biex jiżguraw li persunal awtorizzat biss ikun jista’ jidħol fis-servizz web. Mhux se jkun possibbli li tweġiba OK/NOT OK titqies bħala deċiżjoni li dħul jiġi awtorizzat jew irrifjutat skont ir-Regolament (UE) 2016/399.”;

(3) fl-Artikolu 35(4) titħassar l-espressjoni “permezz tal-infrastruttura tal-VIS”.

Artikolu 5
Emendi għar-Regolament (UE) 2016/399

Ir-Regolament (UE) Nru 2016/399 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-**Artikolu 8(3)**, jiżdied il-punt (ba) li ġej:

“(ba) jekk ċittadin ta’ pajjiż terz għandu viża għal soġġorn twil jew permess ta’ residenza, il-verifiki estensivi mad-dħul għandhom jinkludu verifika tal-identità tad-detentur tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta’ residenza u l-awtenticità tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta’ residenza billi tiġi kkonsultata s-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) skont l-Artikolu 22g tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;

f’ċirkostanzi fejn ma tirnexxix il-verifika tad-detentur tad-dokument jew tad-dokument skont l-Artikolu 22g ta’ dak ir-Regolament, kif applikabbli, jew fejn ikun hemm dubji dwar l-identità tad-detentur, l-awtenticità tad-dokument u/jew tad-dokument tal-ivvjaġġar, il-persunal

debitament awtorizzat ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipproċedu għal verifika taċ-ċipp tad-dokument.";

(2) fl-Artikolu 8(3), jitħassru l-punti (c) sa (f).

Artikolu 7

Emendi għar-Regolament (UE) XXX dwar it-twaqqif ta' qafas għall-interoperabilità bejn is-sistemi tal-informazzjoni tal-UE (fruntieri u viżi) [ir-Regolament dwar l-interoperabilità]

Ir-Regolament (UE) XXX *dwar it-twaqqif ta' qafas għall-interoperabilità bejn is-sistemi tal-informazzjoni tal-UE (fruntieri u viżi) [ir-Regolament dwar l-interoperabilità]* huwa emendat kif ġej:

(1) fl-**Artikolu 13(1)**, **il-punt (b)** jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) id-data msemmija fl-Artikolu 9(6), l-Artikolu 22c(2)(f) u (g) u l-Artikolu 22d(f) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;"

(2) Fl-**Artikolu 18(1)**, **il-punt (b)** jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"b) id-data msemmija fl-Artikolu 9(4)(a), (b) u (cc), l-Artikolu 9(5) u (6), l-Artikolu 22c(2)(a) sa (cc), (f) u (g), l-Artikolu 22d(a), (b), (c), (f) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;"

(3) fl-**Artikolu 26(1)**, **il-punt (b)** jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 meta joħolqu jew jaġġornaw fajl ta' applikazzjoni jew fajl individwali fil-VIS f'konformità mal-Artikolu 8 jew l-Artikolu 22a tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;";

(4) L-**Artikolu 27** huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"b) jinħoloq jew jiġi aġġornat fajl ta' applikazzjoni jew fajl individwali fil-VIS f'konformità mal-Artikolu 8, jew l-Artikolu 22a tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) kunjom (isem tal-familja); l-isem/ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja)); id-data tat-twelid, is-sess u n-nazzjonalità(jiet) kif imsemmija fl-Artikolu 9(4)(a), fl-Artikolu 22c(2)(a) u fl-Artikolu 22d(a) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;";

(4) fl-**Artikolu 29(1)**, **il-punt (b)** jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 għal hits li seħħew meta joħolqu jew jaġġornaw fajl ta' applikazzjoni jew fajl individwali fil-VIS f'konformità mal-Artikolu 8 jew l-Artikolu 22a tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;".

Artikolu 8
Tħassir tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI

Id-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI hija mħassra. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni 2008/633 għandhom jitqiesu bħala referenzi għar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness 2".

.

Artikolu 9
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettivi

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Modi ta' ġestjoni ppjanati

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (ir-Regolament VIS) u r-Regolament 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)

1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati

Qasam tal-Affarijiet Interni

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[75]

☒ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. Rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fi żmien qasir jew fit-tul

1) Tikkontribwixxi biex tgħin fl-identifikazzjoni u r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew ma jibqgħux jissodisfaw aktar, il-kundizzjonijiet biex jidħlu, joqogħdu jew jgħixu fit-territorju tal-Istati Membri skont id-Direttiva tar-Ritorn;

2) Ittejjeb l-effiċjenza tal-VIS għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-proċeduri tar-ritorn;

3) Jintlaħqu aħjar l-objettivi tal-VIS (l-iffaċilitar tal-ġlieda kontra l-frodi, l-iffaċilitar tal-kontrolli fil-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni, l-iffaċilitar tal-applikazzjoni tar-Regolament Dublin II);

4) Appoġġ għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal, u bl-identifikazzjoni/verifika tal-identità ta' tfal TCN;

5) Tiffaċilita u ssaħħaħ il-kontrolli mal-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni fit-territorju tal-Istati Membri;

[75] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

6) Ittejjeb is-sigurtà interna taż-Żona ta' Schengen billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza;

(7) Tikkontribwixxi għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra;

8) Tiġbor statistika b'appoġġ għal tfassil ta' politika tal-migrazzjoni tal-Unjoni Ewropea bbażata fuq l-evidenza;

9) Timplimenta l-istess standard ta' tfittxija proċedurali bħal elementi kostituttivi oħra tas-sistema tal-politika dwar il-viżi, u għaldaqstant jitnaqqas il-piż għall-Istati Membri u tikkontribwixxi għall-objettiv ta' politika komuni dwar il-viżi.

1.4.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jinkiseb minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li inkella kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (ex ante)

L-objettivi tar-Regolament rivedut tal-VIS, biex titwaqqaf sistema komuni u proċeduri komuni għall-iskambju ta' data dwar i-viżi bejn l-Istati Membri, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom b'mod suffiċjenti u għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-impatt tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-UE. Aktar titjib ta' dawn il-proċeduri u r-regoli komuni dwar l-iskambju tad-data konsegwentement jeħtieġ azzjoni tal-UE.

Il-problemi identifikati mhumiex probabbli li jisparixxu fil-futur qrib u huma relatati direttament mad-dispożizzjonijiet attwali tal-VIS. L-emendi fil-qafas legali tal-VIS u l-leġiżlazzjoni relatata huma biss possibbli fil-livell tal-UE. Fid-dawl tal-iskala, tal-effetti u tal-impatt tal-azzjonijiet previsti, l-għanijiet fundamentali jistgħu jinkisbu b'mod effiċjenti u sistematiku fil-livell tal-UE biss. B'mod partikolari fir-rigward tal-kopja tad-dokument tal-ivvjaġġar u t-teħid tal-marki tas-swaba' ta' minorenni, l-analiżi sussegwenti tal-għażla se turi aktar kif azzjoni mhux tal-UE ma tistax tindirizza l-problema b'mod suffiċjenti, billi jeħtieġu soluzzjoni permezz ta' ħażna ċentralizzata u aċċess għal data li l-ebda wieħed mill-Istati Membri waħedhom ma jista' jikseb. B'mod partikolari fir-rigward tal-problema ta' viżi għal soġġorn twil u dokument ta' residenza, aktar minn 90% tal-Istati Membri kkonsultati qiesu li huwa meħtieġ rispons leġiżlattiv tal-UE biex jindirizza l-lakuna fl-informazzjoni. Fir-rigward tal-kontrolli tal-migrazzjoni u tas-sigurtà, din tiddependi min-natura tagħha fuq l-aċċess immedjat għall-informazzjoni l-oħra kollha tal-Istati Membri, li jista' jinkiseb biss permezz ta' azzjoni tal-UE.

L-inizjattiva se tiżviluppa u ttejjeb aktar ir-regoli dwar il-VIS, li timplika l-ogħla grad ta' regoli armonizzati li ma jistgħux jiġu solvuti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom u jistgħu jiġu indirizzati biss fil-livell tal-UE.

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (ex post)

Il-VIS hija l-bażi tad-data ewlenija li tinkludi data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu viża fl-Ewropa. Għalhekk, il-VIS hija indispensabbli fir-rigward tal-appoġġ għall-kontrolli tal-fruntieri esterni u l-verifiki fuq immigranti irregolari li jinstabu fit-territorju nazzjonali. L-objettivi ta' din il-proposta jirrigwardaw titjib tekniku biex tiġi mtejba l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema u biex jiġi armonizzat l-użu tagħha fl-Istati Membri parteċipanti kollha. In-natura transnazzjonali ta' dawn l-għanijiet, flimkien mal-isfidi sabiex jiġi żgurat skambju effettiv ta' informazzjoni fil-ġlieda kontra t-theddid li dejjem jinbidel, ifissru li l-UE hija fl-aħjar pożizzjoni biex tipproponi soluzzjonijiet għal dawn il-problemi. L-objettivi ta' titjib tal-effiċjenza u l-użu armonizzat tal-VIS, jiġifieri, iż-żieda fil-volum, fil-kwalità u fil-ħeffa tal-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' sistema ta' informazzjoni ċentralizzata fuq skala kbira mmexxija minn aġenzija regolatorja (eu-LISA) ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom u jeħtieġu intervent fil-livell tal-UE. Jekk ma jiġux indirizzati l-kwistjonijiet preżenti, il-VIS se tkompli topera f'konformità mar-regoli attwalment applikabbli, u b'hekk jintilfu l-opportunitajiet biex tiġi massimizzata l-effiċjenza u l-valur miżjud tal-UE identifikati permezz tal-valutazzjoni tal-VIS u l-użu tagħha mill-Istati Membri.

Fir-rigward tat-teħid ta' marki tas-swaba' għal applikanti għal viża ta' taħt it-12-il sena, l-Istati Membri ma jistgħu jiddeċiedu unilateralment dwar bidla fis-sistema minħabba li r-Regolament VIS diġà jistipula għadd ta' regoli.

Azzjoni nazzjonali hija possibbli, u mixtieqa, biex tinkiseb kooperazzjoni aħjar ta' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet tar-ritorn ta' migranti irregolari. Madankollu, mhuwiex probabbli li kwalunkwe attività bħal din se tikseb l-istess effett daqs li kieku d-dokument tal-ivvjaġġar ikun disponibbli fil-VIS għal finijiet iġġustifikati debitament.

Fir-rigward ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, mhuwiex probabbli li azzjoni nazzjonali se tindirizza l-problema; L-Istati Membri setgħu jaġixxu fuq bażi individwali, billi jsaħħu d-dokumenti tagħhom, il-proċess tal-ħruġ ta' dokumenti tagħhom, il-kontrolli tad-dokumenti fil-postijiet tal-qsim tal-fruntiera jew bit-tisħiħ jew bis-sistemizzazzjoni ta' kooperazzjoni bilaterali. Madankollu, dan l-approċċ mhux se jindirizza l-lakuna fl-informazzjoni identifikata b'mod komprensiv kif spjegat fid-dettall fil-Valutazzjoni tal-Impatt.

Fir-rigward ta' verifiki awtomatizzati f'bażijiet tad-data oħrajn, l-Istati Membri huma liberi li jiżviluppaw soluzzjonijiet biex jikkonsultaw kemm il-bażijiet tad-data nazzjonali tagħhom, kif ukoll dawk tal-UE u internazzjonali. Madankollu, l-armonizzazzjoni ta' dawk ir-regoli fil-livell tal-UE hija ppreferuta sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-regoli komuni ta' Schengen b'mod koordinat.

1.4.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat

It-tagħlimiet ewlenin miksuba mill-iżvilupp ta' Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen u tas-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża kienu:

1. Il-faża ta' żvilupp jenħtieġ li tibda biss wara li l-ħtiġiet tekniċi u operazzjonali jkunu ġew kompletament definiti. Il-VIS mhux se tkun aġġornata sakemm l-istrumenti legali sottostanti, li jistabbilixxu l-għan, l-ambitu, il-funzjonijiet u d-dettalji tekniċi tagħha, ma jkunux adottati b'mod definittiv.

2. Il-Kummissjoni wettqet (u tkompli twettaq) konsultazzjonijiet kontinwi mal-partijiet konċernati rilevanti, inklużi delegati għall-Kumitat SISVIS taħt il-proċedura ta' Komitoloġija u l-Grupp ta' Kuntatt għad-Direttiva dwar ir-Ritorn. It-tibdil propost b'dan ir-Regolament ġie diskuss b'mod trasparenti u komprensiv f'laqgħat u f'sessjonijiet ta' ħidma dedikati. Barra dan, internament, il-Kummissjoni waqqfet Grupp ta' Tmexxija Interservizz li jinkludi s-Segretarjat Ġenerali u d-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni u d-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja. Dan il-grupp ta' tmexxija mmonitorja l-proċess ta' evalwazzjoni u pprovda gwida kif meħtieġ. Barra dan, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-aspetti ta' politika eżaminati.

3. Il-Kummissjoni fittxet ukoll ħila esperta esterna; is-sejbiet ġew inkorporati fl-iżviluppi ta' din il-proposta:

- Twettaq studju estern dwar Il-fattibbiltà u l-implikazzjonijiet jekk titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għat-tfal u dwar il-Ħażna ta' kopja skennjata tad-dokument tal-ivvjaġġar ta' applikanti għal viża fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Ecorys) li jkopri żewġ oqsma ta' politika/problema.

- Il-Kummissjoni nediet ukoll studju estern dwar il-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri – Studju tal-Fattibbiltà biex jiġu inklużi f'repożitorju dokumenti għal Viżi għal Soġġorni Twal, Permessi ta' Residenza u Permessi tat-Traffiku Lokali tal-Fruntiera (PwV) li ġie ppreżentat f'Settembru 2017.

1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra

F'konformità mal-Komunikazzjoni ta' April 2016 dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u s-Sigurtà Interna, il-Kummissjoni pproponiet sistemi ta' informazzjoni addizzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri. Ir-Regolament dwar is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)[76] se jirreġistra d-dħul, il-ħruġ u r-rifjut ta' informazzjoni ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni taż-żona ta' Schengen, u għaldaqstant jiġu identifikati persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta. Ir-Regolament EES jemenda wkoll ir-Regolament VIS u jistipula regoli dwar l-interoperabilità bejn l-EES u l-VIS, li jistabbilixxi kanal dirett ta' komunikazzjoni bejn iż-żewġ sistemi għall-użu mill-awtoritajiet tal-fruntieri u tal-viżi. Għaldaqstant l-awtoritajiet tal-fruntieri jkunu jistgħu jivverifikaw il-validità tal-viża u l-identità ta' detentur ta' viża mal-VIS fil-fruntieri esterni. L-awtoritajiet konsulari jkunu jistgħu jikkonsultaw il-fajl EES ta' applikant biex jivverifikaw l-użu magħmul minn viżi preċedenti.

Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll proposta għal Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)[77] bil-mira ta' ġestjoni aktar effiċjenti

[76] Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011.

[77] COM(2016) 731 ta' 16.11.2016.

tal-fruntieri esterni tal-UE, u sigurtà interna billi tintroduċi verifiki bil-quddiem tal-vjaġġaturi kollha mingħajr viża qabel il-wasla tagħhom fil-fruntieri esterni.

F'Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex tiġi żgurata l-interoperabilità bejn is-sistemi tal-informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni. Il-proposta għandha l-mira wkoll li tiffaċilita u tissimplifika l-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal sistemi ta' informazzjoni mhux ta' infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE inkluża l-VIS, fejn dan ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għall-kxif jew għall-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja u ta' terroriżmu. Madankollu, l-iżgurar li sistemi ta' informazzjoni varji huma interoperabbli huwa biss l-ewwel pass. Sabiex tintuża l-interoperabilità, jenħtieġ li jittieħdu miżuri konkreti biex is-sistemi tal-IT interoperabbli jaħdmu flimkien.

Minbarra dawn l-iżviluppi leġiżlattivi, f'Settembru 2017, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Twettiq tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[78] għarfet il-ħtieġa biex il-politika komuni dwar il-viżi tadatta aktar għall-isfidi attwali, billi tqis soluzzjonijiet ġodda tal-IT u tibbilanċja l-benefiċċji ta' vjaġġar bil-viża u mingħajr viża ffaċilitat b'ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni, tas-sigurtà u tal-fruntieri, u bl-użu sħiħ tal-interoperabilità. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar l-adattament tal-politika komuni dwar il-viżi għal sfidi ġodda fl-14 ta' Marzu 2018[79], flimkien ma' proposta biex jiġi emendat il-Kodiċi dwar il-Viżi. Il-proposta għall-emenda tal-Kodiċi dwar il-Viżi[80] għandha l-għan li tissimplifika u ssaħħaħ il-proċedura tal-applikazzjoni għal viża, biex ikun aktar faċli għat-turisti u l-vjaġġaturi tan-negozju biex jiġu fl-Ewropa b'viża filwaqt li ssaħħaħ il-prevenzjoni ta' riskji tas-sigurtà u tal-migrazzjoni irregolari, b'mod partikolari billi torbot il-politika dwar il-viżi mal-politika tar-ritorn. Il-VIS tidħol f'dan il-kuntest bħala l-għodda tal-ipproċessar elettroniku li tappoġġa l-proċedura tal-viżi.

Il-Komunikazzjoni ta' Marzu ħabbret ukoll il-ħidma lejn it-titjib tas-sigurtà bir-reviżjoni tal-VIS u l-użu sħiħ tal-interoperabilità. Barra dan ħabbret it-tliet modalitajiet ewlenin li fihom jista' jinkiseb it-titjib tas-sigurtà: 1. bit-titjib tal-verifiki fl-ipproċessar tal-viża bl-użu tal-interoperabilità; 2. billi jingħalqu l-lakuni ta' informazzjoni li fadal għall-fruntieri u għas-sigurtà permezz tal-inklużjoni ta' viżi għal soġġorn twil u dokumenti ta' residenza fil-VIS u 3. Billi jiġu indirizzati l-lakuni ta' informazzjoni li fadal fl-ipproċessar tal-viżi għal soġġorn qasir, fir-rigward tal-età tal-applikanti għat-teħid tal-marki tas-swaba' u ż-żamma ta' kopji tad-dokumenti tal-ivvjaġġar.

78 COM(2017)558 final.
79 COM(2018)251.
80 COM(2018)252.

1.5. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☐Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2021 sal-2023,

– segwita minn operazzjoni tal-iskala sħiħa.

1.6. Modi ta' ġestjoni ppjanati[81]

x **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– x mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☒ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi maħtura minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ il-korpi li jissemmew fl-Artikolu 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

---

[81] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

Kummenti

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma spjegati fl-Artikolu 50 tar-Regolament VIS:

1. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tiżgura li hemm proċeduri fis-seħħ sabiex jissorveljaw il-funzjonament tal-VIS ma' objettivi relatati ma' rendiment, kosteffettività, sigurtà u kwalità tas-servizz.

2. Għall-finijiet ta' manteniment tekniku, l-Awtorità ta' Ġestjoni għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni neċessarja marbuta mal-ħidmiet tal-ipproċessar imwettqa fil-VIS.

3. Sentejn wara li l-VIS tkun bdiet topera u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, l-Awtorità ta' Ġestjoni trid tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, inkluż is-sigurtà tagħha.

4. Tliet snin wara li l-VIS tibda topera u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tipproduċi evalwazzjoni ġenerali tal-VIS. Din l-evalwazzjoni ġenerali għandha tinkludi eżami tar-riżultati miksuba fit-twettiq tal-objettivi u valutazzjoni tal-validità kontinwa tal-ħsibijiet sottostanti, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-VIS, is-sigurtà tal-VIS, l-użu magħmul mid-dispożizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 31 u kwalunkwe implikazzjoni ta' operazzjonijiet futuri. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Qabel it-tmiem tal-perjodi msemmija fl-Artikolu 18(2) il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-progress tekniku rigward l-użu tal-marki tas-swaba' fil-fruntieri esterni u l-implikazzjonijiet tiegħu matul it-tfittxijiet bl-użu tan-numru tal-viża kkombinat mal-verifika tal-marki tas-swaba' tad-detentur tal-viża, inkluż jekk it-tul ta' żmien ta' tali tfittxija tikkawżax żmien ta' stennija eċċessiv fil-postijiet tal-qsim tal-fruntieri. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fuq il-bazi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi, jekk meħtieġ, emendi xierqa għal dan ir-Regolament.

6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Awtorità ta' Ġestjoni u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tħejji r-rapporti msemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5.

7. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex tipproduċi l-evalwazzjonijiet ġenerali msemmija fil-paragrafu 4.

8. Matul il-perjodu tranżizzjonali qabel ma l-Awtorità ta' Ġestjoni terfa' r-responsabbiltajiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-produzzjoni u s-sottomissjoni tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 3.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskji identifikati

1. Diffikultajiet bl-iżvilupp tekniku tas-sistema Jistgħu jkunu meħtieġa bidliet addizzjonali ta' aġġustamenti tal-VIS fl-interfaċċi għall-partijiet interessati. L-Istati Membri għandhom sistemi tal-IT nazzjonali teknikament differenti. Barra minn hekk, il-proċessi ta' kontroll tal-fruntieri jistgħu jkunu differenti skont iċ-ċirkostanzi lokali. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-Interfaċċi Uniformi Nazzjonali (NUIs) trid tkun kompletament konformi mar-rekwiżiti ċentrali. Jibqa' r-riskju li aspetti tekniċi u legali tal-VIS jistgħu jiġu implimentati b'modi differenti minn Stati Membri differenti, minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni bejn in-naħa ċentrali u dik nazzjonali. Il-kunċett tal-NUI previst għandu jimmitiga dan ir-riskju. 2. Diffikultajiet rigward l-iżvilupp fil-ħin Mill-esperjenza miksuba matul l-iżvilupp tal-VIS u s-SIS II, wieħed jista' jantiċipa li fattur kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-VIS se jkun l-iżvilupp fil-ħin tas-sistema minn kuntrattur estern. Bħala ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-iżvilupp u l-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-eu-LISA se tkun responsabbli wkoll għall-għoti u l-ġestjoni tal-kuntratti. 3. Diffikultajiet għall-Istati Membri: Is-sistemi nazzjonali għandhom ikunu allinjati mal-ħtiġijiet ċentrali u diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar dan jistgħu jintroduċu dewmien fl-iżvilupp. Dan ir-riskju jista' jiġi mitigat permezz ta' involviment bikri mal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni sabiex jiġi żgurat li tkun tista' tittieħed azzjoni fi żmien xieraq.

2.2.2. Informazzjoni dwar it-twaqqif tas-sistema tal-kontroll intern

Ir-responsabbiltajiet għall-komponenti ċentrali tal-VIS jiġu eżerċitati mill-eu-LISA. Sabiex ikun possibbli li jsir monitoraġġ aħjar tal-użu tal-VIS biex jiġu analizzati t-tendenzi li jittrattaw il-pressjoni migratorja, il-ġestjoni tal-fruntieri u r-reati kriminali, l-Aġenzija għandha tkun tista' tiżviluppa kapaċità tal-ogħla livell għar-rappurtar statistiku lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. Il-kontijiet tal-eu-LISA għandhom jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri u soġġetti għall-proċedura ta' rilaxx. Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni se jwettaq awditjar f'kooperazzjoni mal-awditur intern tal-Aġenzija.

2.2.3. L-ispejjeż u l-benefiċċji stmati tal-kontrolli u l-valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

M/A

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Il-miżuri previsti kontra l-frodi huma stipulati fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 1077/2011 li jistipula hekk kif ġej:

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, għandu japplika r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

2. L-Aġenzija għandha tkun parti mill-Ftehim Interistituzzjonali dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u għandha tippubblika, mingħajr dewmien, id-dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija.

3. Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament u l-ftehimiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw b'mod espliċitu li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu jwettqu, jekk meħtieġ, kontrolli fuq il-post fost ir-riċeventi tal-finanzjament mill-Aġenzija u l-aġenti responsabbli għall-allokazzjoni tiegħu.

Skont din id-dispożizzjoni, id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li tikkonċerna t-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali detrimentali għall-interessi tal-Unjoni kienet adottata fit-28 ta' Ġunju 2012.

Se tapplika l-istrateġija għall-prevenzjoni u l-kxif ta' frodi tad-DĠ HOME.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru[Intestatura……...……]	Diff/Mhux diff[82].	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA[83]	mingħand il-pajjiżi kandidati[84]	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.SS.SS.SS]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

<u>Fl-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [3] [Intestatura Sigurtà u Ċittadinanza]	Diff./Mhux diff.	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA	mingħand il-pajjiżi kandidati	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	Linja tal-Fond tal-Ġestjoni tal-Fruntieri taħt il-QFP 2021-2027	Diff.	LE	LE	IVA	LE
3	Intestatura 5 Sigurtà u Difiża, raggruppament 12 Sigurtà - Europol	Diff.	LE	LE	LE	LE
3	Intestatura 4 (raggruppament 11 Ġestjoni tal-Fruntieri) – Aġenzija Ewropea għall-immaniġġjar operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) taħt il-QFP 2021-2027	Differenzjata	LE	LE	IVA	LE
3	Intestatura 4 (raggruppament 11 Ġestjoni tal-Fruntieri) – Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) taħt il-QFP 2021-2027	Differenzjata	LE	LE	IVA	LE

82 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux-diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
83 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
84 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

f'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	3	Sigurtà u Ċittadinanza

DĠ HOME	Sena	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**TOTAL**
Linja tal-Fond tal-Ġestjoni tal-Fruntieri (18.0201XX) taħt il-QFP 2014-2020	Impenji	18,000	13,500	13,500	0,000	0,000	0,000	0,000	45,000
Linja tal-Fond tal-Ġestjoni tal-Fruntieri (18.0201XX) taħt il-QFP 2014-2020	Pagamenti	9,000	11,250	13,275	7,088	3,375	1,013	0,000	**45,000**
Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ HOME	Impenji	18,000	13,500	13,500	0,000	0,000	0,000	0,000	45,000
	Pagamenti	9,000	11,250	13,275	7,088	3,375	1,013	0,000	**45,000**

Dawn in-nefqiet se jkopru l-ispejjeż relatati ma':

- Kontribuzzjonijiet lill-Istati Membri li jkopru l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-livell nazzjonali biex jiġu konnessi awtoritajiet tal-migrazzjoni li joħorġu permessi ta' residenza fit-territorju mal-VIS, biex tiġi żviluppata l-funzjonalità nazzjonali għat-twettiq ta' tfittxijiet awtomatizzata f'bażijiet tad-data oħrajn, u biex tiġi implimentata l-miżura tat-teħid tal-marki tas-swaba' tal-applikanti mill-età ta' sitt snin, biex jinħażnu kopji tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, biex jitħejjew l-interfaċċi nazzjonali għar-Repożitorju ċentrali tal-VIS dwar rappurtar u statistika u biex jiġu implimentati miżuri dwar il-kwalità tad-data.

- Il-kontribuzzjonijiet għall-Istati Membri huma stmati abbażi tan-nefqa passata mill-Fond għas-Sigurtà Interna tal-Istati Membri biex jiġu implimentati l-oqsma varji tal-VIS. Ammont globali ta' madwar 700,000 euro/Stat Membru biex tiżdied il-kapaċità tal-interfaċċa nazzjonali tagħhom biex jiskambjaw data dwar viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, flimkien mal-volum attwali ta' data dwar viżi għal soġġorn

qasir (22M applikazzjoni mistennija meta mqabbla mal-kapaċità attwali tal-VIS ta' 52M dwar viżi għal soġġorn qasir – f'paragun, Stat Membru medju wieħed jonfoq medja ta' 800,000 euro/sena għan-negozju VIS rikorrenti).

Dak li kien 18.02.XX – Aġenzija Ewropea għall-Koperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	Sena	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**TOTAL**
Nefqa fuq il-persunal	Impenji			**0,148**	**0,370**	**0,370**	**0,370**	**0,370**	**1,628**
	Pagamenti			**0,148**	**0,370**	**0,370**	**0,370**	**0,370**	**1,628**
Nefqa operazzjonali	Impenji	**7,000**	**7,000**	**6,000**	**2,000**	**2,000**	**2,000**	**2,000**	**28,000**
	Pagamenti	**7,000**	**7,000**	**6,000**	**2,000**	**2,000**	**2,000**	**2,000**	**28,000**
Approprjazzjonijiet TOTALI għall-Europol	Impenji	7,000	7,000	6,148	2,370	2,370	2,370	2,370	**29,628**
	Pagamenti	7,000	7,000	6,148	2,370	2,370	2,370	2,370	**29,628**

Dawn in-nefqiet se jkopru l-ispejjeż relatati ma':

- L-iżvilupp ta' AFIS meħtieġ biex il-marki tas-swaba'/immaġnijiet tal-wiċċ ikunu jistgħu jiġu mfittxija fid-data bijometrika tal-Europol. L-AFIS għandha tippermetti l-istess ħin ta' rispons bħall-VIS (~10 minuti) biex jiġi evitat dewmien fl-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-viża. Il-kost tal-bini ta' AFIS ġiet stmata abbażi ta' esperjenza simili bil-bini tal-VIS/AFIS mill-eu-LISA, li swiet 30M (ċifri tal-2006) meta ġiet implimentata l-ewwel darba u 10M aktar għall-volum miżjud tad-data. Id-data tal-Europol tirrappreżenta madwar terz tal-kapaċità tal-VIS, għalhekk 13M. Jenħtieġ li l-prezzijiet aġġornati tas-suq (is-sistemi saru aktar għaljin minħabba żieda fid-domanda u tnaqqis fil-kompetizzjoni) jiġu meqjusa, kif ukoll żieda fid-daqs tas-sistema tal-Europol sal-2021 meta l-AFIS tibda tinbena u l-kostijiet amministrattivi relatati magħha.

- Jenħtieġ persunal biex tiġi żgurata l-verifika manwali tad-data meta jinkisbu hits mad-data tal-Europol (speċjalisti tal-marki tas-swaba'). Bħalissa ma hemm ebda funzjoni bħal din fi ħdan il-Europol (minħabba li s-sistema ta' verifiki awtomatizzati hija stabbilita mill-proposta attwali), għalhekk din tenħtieġ li tiġi prevista. L-għadd ta' esperti tal-marki tas-swaba' ġie kkalkulat abbażi tal-ħidma stmata għal 0.1% hits mistennija mad-data bijometrika tal-Europol ta' 16M applikant kull sena, għaldaqstant 16,000 każ ta' verifika/sena, madwar 44 każ/jum, espert tal-marki tas-swaba' jagħmel madwar 8 każijiet/jum, għaldaqstant ikunu meħtieġa 4 persuni. Nipproponu 5 esperti, biex titqies il-ħtieġa li jkun hemm preżenza 7 ijiem/ġimgħa, 24 siegħa/jum (peress li l-VIS taħdem il-ħin kollu u l-konsulati madwar id-dinja jistgħu jkunu qed jibagħtu applikazzjonijiet fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata).

Dak li kien 18.02.XX – Aġenzija Ewropea għall-immaniġġjar operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) taħt il-QFP 2014-2020	Sena	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**TOTAL**
Nefqa fuq il-persunal	Impenji	0,942	1,376	1,302	0,651	0,286	0,286	0,286	**5,129**
	Pagamenti	0,942	1,376	1,302	0,651	0,286	0,286	0,286	**5,129**
Nefqa operazzjonali	Impenji	16,244	28,928	28,343	6,467	6,510	6,562	6,624	**99,678**
	Pagamenti	16,244	28,928	28,343	6,467	6,510	6,562	6,624	**99,678**
Approprjazzjonijiet TOTALI għall-eu-LISA	Impenji	17,186	30,304	29,645	7,118	6,796	6,848	6,910	**104,807**
	Pagamenti	17,186	30,304	29,645	7,118	6,796	6,848	6,910	**104,807**

Dawn in-nefqiet se jkopru l-ispejjeż relatati ma':

- L-iżvilupp tal-oqsma kollha tal-IT tal-proposta, jiġifieri l-aġġustament tas-sistema eżistenti biex jiġu inklużi kopji ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, l-espansjoni tal-kapaċità tagħha biex taħżen volum akbar ta' data tat-teħid tal-marki tas-swaba', sabiex is-sistema tkun tista' taħżen viżi għal terminu twil u dokumenti ta' residenza, l-iżvilupp ta' softwer permezz ta' liema jistgħu jsiru verifiki awtomatizzati ma' bażijiet tad-data

oħrajn, l-iżvilupp ta' funzjonalità ċentrali għall-kwalità tad-data, l-iżvilupp tal-appoġġ għall-għarfien tal-immaġni tal-wiċċ, għat-tfittxija ta' marki tas-swaba' latenti, l-integrazzjoni tal-funzjonalità VISMail fil-VIS, l-iżvilupp ta' Repożitorju ċentrali tal-VIS għar-rappurtar u l-istatistika, u l-aġġornament tal-kapaċità tal-VIS ċentrali għall-monitoraġġ tas-saħħa u d-disponibbiltà tas-servizz (implimentazzjoni tas-sistema attiva-attiva għall-VIS). Il-kalkoli għal kull qasam tan-nefqiet tal-operazzjonijiet saru abbażi tal-istimi tal-ispejjeż ipprovduti fit-tliet studji li jappoġġjaw il-valutazzjoni tal-impatt ta' din il-miżura ("żviluppi tal-VIS" mill-eu-LISA; Studju tal-Ecorys dwar jekk għandhiex titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' għat-tfal u dwar il-ħażna ta' kopja tal-passaporti fil-VIS ċentrali, u studju tal-PwC dwar Repożitorju ċentrali dwar data għal soġġorn twil).

- jenħtieġ li jiġi ingaġġat persunal temporanju għall-perjodu tal-iżvilupp, u 2 persuni għandhom jinżammu wara dan, peress li l-ġestjoni tas-sistema tfisser żieda fil-ħidma ladarba l-VIS hija espanduta għal data ġdida (dokumenti għal soġġorn twil u d-detenturi tagħhom), aċċess ġdid (EBCGA), u funzjonalità ġdida, għaldaqstant aktar ħtieġa għal monitoraġġ, manutenzjoni, u sigurtà tas-sistema.

- Tħaddim tal-VIS aġġornata.

Dak li kien 18.02.XX – Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) taħt il-QFP 2014-2020	Sena	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**TOTAL**
Nefqa operazzjonali	Impenji	0,730	0,380	0,200	0,200	0,200	0,200	0,200	2,110
	Pagamenti	0,730	0,380	0,200	0,200	0,200	0,200	0,200	2,110
Approprjazzjonijiet TOTALI għall-EBCGA	Impenji	0,730	0,380	0,200	0,200	0,200	0,200	0,200	2,110
	Pagamenti	0,730	0,380	0,200	0,200	0,200	0,200	0,200	2,110

Dawn in-nefqiet se jkopru l-ispejjeż relatati ma':

- It-twaqqif ta' aċċess ġdid għall-VIS fi ħdan l-EBCGA, permezz ta' punt ta' aċċess ċentrali, biex jintuża minn timijiet ta' persunal involuti fl-operazzjonijiet relatati mar-ritorn jew appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni biex jaċċessaw u jfittxu data mdaħħal fil-VIS.

Jekk il-proposta/inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:

Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollhatal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	42,916	51,184	49,493	9,688	9,366	9,418	9,480	181,545
	Pagamenti	33,916	48,934	49,268	16,775	12,741	10,430	9,480	181,545

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	Nefqa amministrattiva

DĠ HOME	Sena	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**TOTAL**
Riżorsi umani[85]	Impenji	0,074	0,074	0,074	0,037	0	0	0	**0,259**
	Pagamenti	0,074	0,074	0,074	0,037	0	0	0	**0,259**
Nefqa amministrattiva oħra	Impenji								
	Pagamenti								
Approprjazzjonijiet TOTALI Taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,074	0,074	0,074	0,037	0	0	0	**0,259**
	Pagamenti	0,074	0,074	0,074	0,037	0	0	0	**0,259**

f'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**TOTAL**

[85] L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	42,990	51,258	49,567	9,725	9,366	9,418	9,480	181,804
	Pagamenti	33,990	49,008	49,342	16,812	12,741	10,430	9,480	181,804

3.2.1.1. Sommarju tal-Europol

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Europol	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**Totali**
Uffiċjali								
Persunal kuntrattwali			**0,148**	**0,370**	**0,370**	**0,370**	**0,370**	**1,628**
Total parzjali			**0,148**	**0,370**	**0,370**	**0,370**	**0,370**	**1,628**

Il-baġit jinkludi l-persunal addizzjonali meħtieġ biex jiżguraw il-verifika manwali tad-data meta jinkisbu hits mad-data tal-Europol (speċjalisti tal-marki tas-swaba').

Europol	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")	0	0	2	5	5	5	5
	0	**0**	**2**	**5**	**5**	**5**	**5**

L-istima hija bbażata fuq il-preżunzjoni li d-data tal-Europol se tiġġenera hit f'0.1% ta' każijiet ta' 16M applikant kull sena, għaldaqstant 16,000 każ ta' verifika/sena, madwar 44 każ/jum, espert tal-marki tas-swaba' jagħmel madwar 8 każijiet/jum, għaldaqstant ikunu meħtieġa 4 persuni. Nipproponu 5 esperti, biex titqies il-ħtieġa li jkun hemm preżenza 7 ijiem/ġimgħa, 24 siegħa/jum (peress li l-VIS taħdem il-ħin kollu u l-konsulati madwar id-dinja jistgħu jkunu qed jibagħtu applikazzjonijiet fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata).

Iċ-ċifri pprovduti jassumu li jintuża biss persunal kuntrattwali.

3.2.1.2. Eu-LISAs

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Eu-LISA	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Totali
Riżorsi umani	0,942	1,376	1,302	0,651	0,286	0,286	0,286	5,129

Nefqa amministrattiva oħra								
Total parzjali tar-riżorsi umanital-qafas finanzjarju pluriennali	0,942	1,376	1,302	0,651	0,286	0,286	0,286	5,129

Eu-LISA	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
	4	6	6	3	2	2	2
Persunal estern							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")	5	7	6	3			
Total għall-eu-LISA	**9**	**13**	**12**	**6**	**2**	**2**	**2**

Ir-reklutaġġ gradwali sa 6 aġenti temporanji u 7 aġenti kuntrattwali (esperti tekniċi) huwa ppjanat li jiġi implimentat gradwalment sa minn Jannar 2021, bl-ogħla livell fl-2022 meta l-attività tal-iżvilupp tilħaq il-veloċità massima. Xi persunal irid ikun disponibbli mill-bidu tal-2021 sabiex ikun jista' jibda l-perjodu ta' żvilupp ta' tliet snin fi żmien xieraq bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-funzjonalità l-ġdida tibda topera bis-sħiħ sal-2024. Ir-riżorsi se jkunu ddedikati għall-ġestjoni tal-proġett u tal-kuntratti kif ukoll l-iżvilupp u l-ittestjar tas-sistema.

Jenħtieġ li jinżammu żewġ aġenti temporanji wara l-perjodu tal-iżvilupp, peress li l-ġestjoni tas-sistema tfisser żieda fil-ħidma ladarba l-VIS tkun imwessgħa għal data ġdida (dokumenti għal soġġorn twil u d-detenturi tagħhom), aċċess ġdid (EBCGA), u funzjonalità ġdida, għaldaqstant aktar persunal huwa meħtieġ għal monitoraġġ, manutenzjoni, u sigurtà tas-sistema.

Ir-riżorsi umani stmati inklużi fil-proposta huma l-għadd addizzjonali tal-persunal flimkien mal-persunal eżistenti tal-linja bażi u persunal addizzjonali ta' proposti oħrajn (b'mod partikolari l-interoperabilità).

Mis-sett sħiħ tal-bidliet fil-VIS inklużi fil-proposta attwali, hemm erba' elementi li huma ta' sinifikat partikolari billi jżidu (għall-kuntrarju ta' jestendu) funzjonalitajiet mal-VIS attwali: li tiġi inkluża kopja tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, li titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba', li jiġu inklużi dokumenti ta' residenza u viżi għal soġġorn twil fil-VIS, u li jiġu inklużi verifiki tas-sigurtà awtomatizzati.

L-ewwel tabella turi li ż-żieda tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u li titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' huma preżunti li jagħtu r-riżultati fi żmien 18-il xahar. L-aħħar żewġ proġetti huma ħafna aktar sinifikanti u jeħtieġu organizzazzjoni tal-proġett waħedhom. Għaldaqstant dawn huma mistennija li jitwettqu fi żmien tliet snin.

Għal kull proġett issir il-preżunzjoni li l-proġett se jitwettaq minn kuntrattur estern immaniġġjat mill-persunal tal-eu-LISA. Billi l-proġetti kollha huma mistennija li jitwettqu matul il-perjodu 2020 sa 2023, il-preżunzjoni ma tistax issir biex jintużaw riżorsi eżistenti

billli eu-LISA diġà trid tippreżenta portafoll importanti ta' proġetti flimkien mal-manutenzjoni u t-tħaddim tas-sistemi eżistenti.

Għal kull proġett jiżdied tim għall-fażi tal-iżvilupp. Id-daqs u l-kompożizzjoni tat-tim huma bbażati fuq paragun ma' proġetti oħrajn u ġew adatti għall-karatteristiki ta' kull sistema: iż-żieda ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza tfisser ħidma intensiva fuq il-bażi tad-data filwaqt li l-inklużjoni ta' verifiki tas-sigurtà tqiegħed aktar fokus b'mod paragunabbli fuq it-tranżazzjonijiet.
L-ewwel sena wara t-tlestija tal-iżvilupp, it-tim tal-iżvilupp jitnaqqas bin-nofs fit-tranżizzjoni għall-manutenzjoni u l-operazzjonijiet. Jiżdiedu żewġ persuni addizzjonali għall-manutenzjoni u l-operazzjonijiet peress li ż-żieda ta' viżi għal soġġorni twal u permessi ta' residenza timplika estensjoni sinifikanti tal-komunità tal-utent aħħari li timplika aktar talbiet għal bidliet u intervent.

Fl-aħħar nett mill-għadd totali tal-persunal meħtieġ, issir diviżjoni ta' madwar 50/50 bejn Aġenti Temporanji (TA) u Aġenti Kuntrattwali (CA) matul il-fażi tal-iżvilupp. Għall-fażi ta' manutenzjoni, hemm il-vantaġġ li l-għarfien jinżamm fl-organizzazzjoni u għaldaqstant li tiddependi biss fuq TA.

		Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	**TOTAL**
		2020	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	
Żvilupp / Operazzjonijiet									
Dokumenti tal-ivvjaġġar									
Marki tas-swaba'									
Dokumenti ta' residenza									
Verifiki tas-sigurtà									
L-inklużjoni ta' kopja tad-dokument tal-ivvjaġġar fil-VIS									
Maniġer tal-proġett/Inġinier tas-soluzzjonijiet		1	0,5						**1,5**
Li titbaxxa l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba'									
Maniġer tal-proġett/Inġinier tas-soluzzjonijiet		1	0,5						**1,5**
L-inklużjoni tad-Dokumenti ta' residenza u l-viżi għal soġġorn twil fil-VIS									
Maniġer tal-proġett		1	1	1	0,5				**3,5**
Inġinier tas-soluzzjonijiet		1	1	1	0,5				**3,5**
Disinjatur tal-bażi tad-data		1	1	1	0,5				**3,5**
Amministratur tal-applikazzjonijiet		1	1	1	0,5				**3,5**

Ittestjar tas-sistemi		3	3	1	1	1	1	**10**
Verifiki tas-sigurtà awtomatizzati								
Maniġer tal-proġett	1	1	1	0,5				**3,5**
Inġinier tas-soluzzjonijiet	1	1	1	0,5				**3,5**
Disinjatur tal-bażi tad-data	0,5	0,5	0,5	0,5				**2**
Amministratur tal-applikazzjonijiet	0,5	0,5	0,5	0,5				**2**
Ittestjar tas-sistemi		2	2	1	1	1	1	**8**

Persunal temporanju	4	6	6	3	2	2	2	**25**
Aġent kuntrattwali	5	7	6	3				**21**
TOTAL	**9**	**13**	**12**	**6**	**2**	**2**	**2**	**46**

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.2.1. DĠ Home: Sommarju

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	**TOTAL**
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0,074	0,074	0,074	0,037	0	0	0	**0,259**
Nefqa amministrattiva oħra								
Total parzjali għall-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,074	0,074	0,074	0,037	0	0	0	**0,259**
Totali	0,074	0,074	0,074	0,037	0	0	0	**0,259**

Ma hemm ebda spiża barra mill-Intestatura 7.

3.2.2.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għall-fulltime

DĠ HOME[86]	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Persunal estern[87]							

86 L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")	1	1	1	0.5			
TOTAL għad-DĠ HOME	**1**	**1**	**1**	**0.5**			

Aġent kuntrattwali għandu jiġi ingaġġat għall-ħidma preparatorja li twassal għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti f'din il-proposta, bħal dawk relatati mat-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni u t-tnedija tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku.

3.2.3. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– x Il-proposta/inizjattiva hi kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali. Jekk il-proposta tiġi adottatta qabel il-qafas finanzjarju li jmiss, ir-riżorsi neċessarji (stmati għal EUR 1.5 miljun) jiġu ffinanzjati mil-linja ta' baġit tal-ISF-Fruntieri u Viżi.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhu meħtieġ, u speċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.4. Kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament mingħand partijiet terzi.

– Il-proposta/inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Totali
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								

87 AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JED= Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprja

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

f'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja ta' dħul tal-baġit:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva[88]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu …….								

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati.

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

–

[88] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.